32000D0520

L 215/7 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 25.8.2000

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
## tas-26 ta' lulju 2000
## skond id-Direttiva 95/46/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-protezzjoni pprovduta mill-prinċipji ta' privatezza ta' port salv u li tirrigwarda mistoqsijiet li jsiru ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA

*(notifikata permezz ta' dokument numru C(2000) 2441)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2000/520/KE)

IL-KUMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat Direttiva 95/46/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* ([1]), u partikolarment ta' l-Artikolu 25(6) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Direttiva 95/46/EC l-Istati Membri huma meħtieġa li jipprovdu li t-trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi jista' jseħħ biss jekk il-pajjiż terz f'dak il-każ jassigura livell adegwat ta' protezzjoni u l-liġijiet ta' l-Istati Membri li jimplimentaw disposizzjonijiet oħra tad-Direttiva jkunu rrispettati qabel it-trasferiment.

(2) Il-Kummissjoni tista' ssib li pajjiż terz jassigura l-livell adegwat ta' protezzjoni. F'dak il-każ *data* personali jistgħu jkunu trasferiti minn Stat Membru mingħajr ma jkunu meħtieġa garanziji addizzjonali.

(3) Skond id-Direttiva 95/46/EC l-livell ta' protezzjoni għad-*data* għandha tkun meqjusa fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha li jikkonċernaw l-operazzjoni ta' trasferiment tad-*data* jew ta' operazzjonijiet tar-trasferiment ta' sett ta' *data* u fir-rigward ta' kondizzjonijiet speċifiċi. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Protezzjoni ta' *Data* Personali stabbilit permezz ta' dik id-Direttiva ([2]) ħareġ linji ta' gwida dwar kif issir din it-tip ta'stima.

(4) Meqjusa li l-approċċi differenti ta' protezzjoni ta' *data* f'pajjiżi terzi, l-assessjar ta' l-adegwatezza għandu jitwettaq u xi deċiżjoni tkun ibbażata fuq l-Artikolu 25(6) ta' Direttiva 95/46/EC għandu jkun infurzat b'tali mod li ma jiddiskriminax arbitrarjament jew mingħajr ġustifikazzjoni kontra jew bejn il-pajjiżi terzi meta l-kondizzjonijiet li jkunu prevalenti ma jikkostitwixxux barriera moħbija għal kummerċ billi jittieħed akkont ta' l-impenji internazzjonali preżenti tal-Komunità.

(5) Il-livell adegwat ta' protezzjoni għat-trasferiment ta' *data* mill-Komunità lejn l-Istati Uniti rikonoxxut b'din id-Direttiva, għandhom ikunu milħuqa jekk organizzazzjonijiet ikunu konformi mal-prinċipji ta' privatezza ta' port salv għal protezzjoni ta' *data* personali ttrasferiti minn Stat Membru lejn l-Istati Uniti (minn hawn 'il Quddiem "il-Prinċipji" u mistoqsijiet li ta' spiss isiru (minn hawn 'il Quddiem imsejħa "l-FAQs") jipprovdu linji ta' gwida għall-implimentazzjoni tal-Prinċipji maħruġa mill-Gvern ta' l-Istati Uniti fil-21 ta' Lulju 2000. Aktar minn hekk l-organizzazzjonijiet għandhom pubblikament jiżvelaw l-istrateġija tagħhom ta' privatezza u jkunu suġġetti għal ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ (FTC) permezz ta' Sezzjoni 5 ta' l-Att tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ li tipprojbixxi atti inġusti u qarrieqa jew prattiċi fi jew meta jkun iseħħ il-kummerċ, jew dak ta' korp ieħor statutorju li għandu effettivament jassigura konformità mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs.

(6) Setturi u/jew proċessar ta' *data* li ma humiex suġġetti għal ġurisdizzjoni ta' xi korpi governattivi fl-Istati Uniti mniżżla fl-Anness VII ta' din id-Deċiżjoni għandhom ikunu il-barra mill-iskop ta' din id-Deċiżjoni

(7) Biex tkun assigurata l-applikazzjoni xierqa ta' din id-Deċiżjoni, huwa meħtieġ li organizzazzjonijiet ikunu osservanti mal-Prinċipji u tal-FAQs jistgħu jkunu rikonoxxuti mill-partijiet interessati, bħal ma huma dawk suġġetti tad-*data,* dawk li jesportaw id-*data* u awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* Għal dan il-għan id-Dipartment tal-Kummerċ tal-USA jew dak li jkun innominat minnu għandu jintrabat li jżomm u jagħmel disponibbli lill-pubbliku lista ta' organizzazzjonijiet li huma nfushom

([1]) ĠU L 281, tat-23.11.1995, pġ. 31.
([2]) L-indirizz tal-web tal-Grupp ta' Ħidma huwa: http://www.europa.eu.int/comm/internal_market/en/media/dataprot/wpdocs/index.htm

jiċċertifikaw l-osservanza tagħhom mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs u li jidħlu fil-ġurisdizzjoni ta' mill-anqas wieħed mill-korpi governattivi mniżżla fl-Anness VII ta' din id-Deċiżjoni.

(8) Fl-interessi ta' trasparenza u sabiex tkun issalvagwardjata l-abilità ta' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li jassiguraw il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom, huwa meħtieġ li jkun speċifikat f'din id-Deċiżjoni ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li fihom is-sospenzjoni tal-flussi tad-*data* speċifiċi għandhom ikunu ġġustifikati, indipendentament milli tkun instabet il-protezzjoni adegwata.

(9) Il-"port salv" maħluq bil-Prinċipji u tal-FAQs, jista' jkun irrevedut fid-dawl ta' esperjenza, ta' żviluppi li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-privatezza f'ċirkostanzi li fihom it-teknoloġija tkun kontinwament tagħmel aktar faċli t-trasferiment u l-ipproċessar ta' *data* personali u fid-dawl ta' rapporti dwar l-implimentazzjoni b'inforzament mill-awtoritajiet involuti.

(10) Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward ta' l-Ipproċessar ta' *Data* Personali stabbilit permezz ta' l-Artikolu 29 ta' Direttiva 95/46/EC ta opinjonijiet dwar il-livell ta' protezzjoni pprovduta mill-Prinċipji ta' "port salv" fl-Istati Uniti li ġew ikkunsidrati fit-tħejjija tad-Deċiżjoni preżenti. ([1])

(11) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz ta' l-Artikolu 31 ta' Direttiva 95/46/KE.

(12) Skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE u partikolarment l-Artikolu 8 tagħha, fil-5 ta' Lulju 2000 il-Parlament Ewropew adotta Riżoluzzjoni A5-0177/2000 dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq l-adegwatezza tal-protezzjoni mogħtija mill-"Prinċipji ta' Privatezza ta' Port Salv" u relatata ma' mistoqsijiet magħmula ta' spiss maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ ta' l-Istati Uniti. Il-Kummissjoni eżaminat mill-ġdid l-abbozz ta' Deċiżjoni fid-dawl ta' dik ir-reżoluzzjoni u ikkonkludiet li għalkemm il-Parlament Ewropew wera l-opinjoni li jeħtieġ li jsir ċertu titjib lill-"Prinċipji ta' Port Salv" u l-FAQs irrelatati magħhom, dawn jistgħu jitqiesu li jipprovdu "protezzjoni adegwata", hu ma weriex li l-Kummissjoni tkun teċċedi l-poteri tagħha fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Fir-rigward ta' l-Artikolu 25(2) ta' Direttiva 95/46/KE, għall-attivitajiet li jidħlu fil-firxa ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva, il-"Prinċipji ta' Privatezza ta' Port Salv"(minn hawn 'il Quddiem "il-Prinċipji") kif stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, implimentazzjoni bi qbil mal-linji ta' gwida pprovduti minn mistoqsijiet magħmula ta' spiss (minn hawn 'il Quddiem msejħa "l-FAQs") maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA nhar il-21 ta' Lulju 2000 kif stabbilit fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni huma meqjusa bħala li jassiguraw livell adegwat ta' protezzjoni ta' trasferiment ta' *data* personali mill-Komunità lejn organizzazzjonijiet stabbiliti fl-Istati Uniti, billi jkunu kkunsidrati dawn id-dokumenti li ġejjin maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA:

(a) l-infurzar ta' l-aspett ġenerali tal-port salv stabbilit fl-Anness III;

(b) memorandum dwar il-ħsarat għal ksur ta' privatezza u awtorizzazzjonijiet espliċiti fil-liġi ta' USA stabbiliti fl-Anness IV;

(ċ) ittra mill-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ stabbilita fl-Anness V;

(d) ittra mid-Dipartiment tat-Trasport tal-USA stabbilita fl-Anness VI.

2. Fir-rigward ta' kull trasferiment ta' *data* dawk il-kondizzjonijiet għandhom ikunu milħuqa:

(a) l-organizzazzjoni li tirċievi d-*data* tkun mingħajr ambigwità u pubblikament tiżvela l-impenji tagħha biex tkun konformi mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs; u

(b) l-organizzazzjoni hija suġġetta għal poteri statutorji ta' korp governattiv fl-Istati Uniti mniżżla fl-Anness VII ta' din id-Deċiżjoni li tkun awtorizzata biex tinvestiga ilmenti u takkwista rimedju kontra prattiċi inġusti jew qarrieqa kif ukoll dritt għal rimedju għall-individwi, irrispettivament mill-pajjiż tar-residenza jew nazzjonalità tagħhom, fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs.

3. Il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 huma meqjusa li jkunu milħuqa għal kull organizzazzjoni li jiċċertifikaw lilhom infushom dwar l-osservanza mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs mid-data li fiha l-organizzazzjoni tinnotifika lid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA (jew dak li jkun innominat) l-iżvelar pubbliku ta' l-impenn li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 2 (a) u l-identità ta' korp governattiv li hemm referenza għalih fil-paragrafu 2 (b).

([1]) WP 12: Trasferimenti ta' *data* personali lejn pajjiżi terzi: bl-applikazzjoni ta' l-Artikoli 25 u 26 tad-Direttiva ta' l-UE dwar protezzjoni ta' data, adottati mil-Grupp ta' Ħidma nhar l-24 ta' Lulju 1998.
WP 15: Opinjoni 1/99 li tikkonċerna l-livell ta' protezzjoni ta' *data* fl-Istati Uniti u d-diskussjonijiet kurrenti bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Uniti.
WP 19: Opinjoni 2/99 dwar l-Adegwatezza tal-"Prinċipji Internazzjonali ta' Port Salv" maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA fid-19 ta'April 1999.
WP 21: Opinjoni 4/99 dwar il-Mistoqsijiet Magħmula ta' Spiss li għandha tkun maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA fir-rigward tal-propost "Prinċipji ta' Port Salv" dwar l-adegwatezza tal-"Prinċipji Internazzjonali ta' Port Salv".
WP 23: Dokument ta' ħidma dwar l-istat kurrenti ta' l-attivita tad-diskussjonijiet preżenti bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Gvern ta' l-Istati Uniti li jikkonċerna il-"Prinċipji Internazzjonali ta' Port Salv".
WP 27: Opinjoni 7/99 dwar il-Livell ta' Protezzjoni ta' Data ipprovdut mill-Prinċipji ta' "Port Salv" kif ippubblikat flimkien mal-Mistosijiet Magħmula ta' Spiss (FAQs) u ma' dokumenti oħra rrelatati fil-15 u s-16 ta' Novembru 1999 mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA.
WP 31: Opinjoni 3/2000 dwar id-djalogu EU/US li jikkonċerna l-arranġament ta' "Port Salv".
WP 32: Opinjoni 4/2000 dwar il-livell ta' protezzjoni ipprovduta mill-"Prinċipji ta' Port Salv".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tikkonċerna biss l-adegwatezza ta' protezzjoni pprovduta fl-Istati Uniti permezz tal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs bil-għan li jintlaħqu l-ħtiġiet ta' l-Artikolu 25(1) ta' Direttiva 95/46/EC u ma taffettwax l-applikazzjoni ta' disposizzjonijiet oħra ta' dik id-Direttiva li għandhom x'jaqsmu ma' l-ipproċessar ta' *data* personali f'dawk l-Istati Membri, partikolarment l-Artikolu 4 tagħha.

*Artikolu 3*

1. Mingħajr preġudizzju għal poteri tagħhom li jieħdu azzjoni biex jassiguraw konformità mad-disposizzjonijiet nazzjonali adottati bis-saħħa ta' disposizzjonijiet apparti minn dawk ta' l-Artikolu 25 ta' Direttiva 95/46/EC, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri jistgħu jeżerċitaw poteri biex jissospendu d-distribuzzjoni ta' *data* lejn organizzazzjoni li tkun tiċċertifika l-osservanza tagħha mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs sabiex jipproteġu individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar tad-*data* personali tagħhom f'każi meta:

(a) korp governattiv fl-Istati Uniti li hemm referenza dwaru fl-Anness VII ta' din id-Deċiżjoni jew ta' mekkaniżmu ta' rikors indipendenti fil-qofol ta' dak li tfisser ittra (a) ta' Prinċipju ta' Infurzar stabbilita fl-Anness I ta' din is-Deċiżjoni tkun iddeterminat li l-organizzazzjoni tkun kisret il-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs; jew

(b) hemm possibbiltà sostanzjali li l-Prinċipji jkunu qegħdin jiġu miksura; ikun hemm bażi raġjonevoli biex wieħed jemmen li l-mekkaniżmu kkonċernat ta' infurzar ma jkun jieħu jew ma jkunx sejjer jieħu passi adegwati u f'waqthom biex isib soluzzjoni għal każ in kwistjoni; it-trasferiment kontinwu jkun joħloq riskju imminenti ta' ħsara gravi lil suġġetti ta' *data*; u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru jkunu għamlu sforzi raġjonevoli f'dawk iċ-ċirkostanzi biex jipprovdu l-organizzazzjoni b'notifika u opportunità biex twieġeb.

Is-sospenzjoni għandha tieqaf malli l-konformità mal-Prinċipji li tkun implimentata bi qbil mal-FAQs tkun assigurata u l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati fil-Komunità jkunu nnotifikati bihom.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien meta miżuri jkunu adottati fuq il-bażi ta' paragrafu 1.

3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar każi meta l-azzjoni ta' korpi responsabbli biex jassiguraw konformità mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs fl-Istati Uniti tonqos milli jassiguraw konformità bħal din.

4. Jekk l-informazzjoni miġbura permezz ta' paragrafi 1, 2 u 3 tipprovdi evidenza li xi korp responsabbli biex jassigura konformità mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs fl-Istati Uniti ma jkunx effettivament qed iwettaq l-irwol tiegħu, il-Kummissjoni għandha tinforma lid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA u, fejn meħtieġ, tippreżenta abbozz ta' miżuri bi qbil mal-proċedura li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 31 ta' Direttiva 95/46/EC bil-għan li treġġa' lura jew tissospendi d-Deċiżjoni preżenti jew tillimita l-firxa ta' applikazzjoni tagħha.

*Artikolu 4*

1. Din id-Deċiżjoni tista' tkun addattata fi kwalunkwe żmien fid-dawl ta' esperjenza dwar l-implimentazzjoni tagħha u/jew jekk il-livell ta' protezzjoni ipprovduta mill-Prinċipji u l-FAQs tkun misbuqa bil-ħtiġiet tal-leġislazzjoni tal-USA.

Il-Kummissjoni għandha fi kwalunkwe każ tagħmel evalwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni preżenti fuq il-bażi ta' informazzjoni disponibbli tliet snin wara n-notifikazzjoni tagħha lill-Istati Membri u tirraporta xi sejbiet pertinenti li l-Kumitat stabbilit permezz ta' l-Artikolu 31 ta' Direttiva 95/46/EC, inkluża xi evidenza li tista' teffettwa l-evalwazzjoni tad-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni jkunu jipprovdu protezzjoni adegwata fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 25 ta' Direttiva 95/46/KE u xi evidenza li d-Deċiżjoni preżenti tkun qiegħda tiġi implimentata b'mod diskriminatorju.

2. Il-Kummissjoni għandha, jekk meħtieġ, tippreżenta abbozz ta' miżuri bi qbil mal-proċedura li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 31 ta' Direttiva 95/46/EC.

*Artikolu 5*

Sstati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Deċiżjoni l-aktar tard fit-tmiem ta' perjodu ta' 90 jum mid-data tan-notifika tagħha lill-Istati Membri.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Frederik BOLKESTEIN

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

## PRINĊIPJI TA' PRIVATEZZA TA' PORT SALV

### maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ tal-USA fil-21 ta' Lulju 2000

Il-leġislazzjoni komprensiva ta' l-Unjoni Ewropea dwar privatezza, id-Direttiva dwar Protezzjoni ta' *Data* (id-Direttiva), issir effettiva fil-25 ta' Ottubru 1998. Teħtieġ li t-trasferimenti ta' *data* personali jseħħu biss lejn pajjiżi li mhumiex membri ta' l-EU li jipprovdu livell "adegwat" ta' protezzjoni ta' privatezza. Waqt li l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea għandhom l-istess għan li jqawwu l-protezzjoni ta' privatezza għaċ-ċittadini tagħhom, l-Istati Uniti tieħu aspett ta' approċċi differenti dwar il-privatezza minn dak meħud mill-Unjoni Ewropea. L-Istati Uniti tuża approċċi settorjali li jistrieħ fuq taħlita ta' leġislazzjoni, regolamenti u regolazzjoni tagħhom infushom. Wara li kkunsidraw dawn id-differenzi, ħafna mill-organizzazzjonijiet tal-USA wrew inċertezza dwar l-impatt tan- "norma ta' adegwatezza" meħtieġa mill-EU dwar *data* personali trasferiti mill-Unjoni Ewropea lejn l-Istati Uniti.

Sabiex titnaqqas din l-inċertezza u tipprovdi għal qafas li jista' ferm aktar ikun imbassar għal dawn it-trasferimenti ta' *data*, id-Dipartiment tal-Kummerċ ħareġ dan id-Dokument u l-Mistosijiet magħmula ta' Spiss ("il-Prinċipji") permezz ta' l-awtorità statutorja tiegħu biex iħeġġeġ, ikabbar u jiżviluppa kummerċ internazzjonali. Il-Prinċipji li kienu ġew żviluppati b'konsultazzjoni ma' l-industrija u l-pubbliku ġenerali biex jiffaċilita negozju u kummerċ bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni Ewropea. Dawn huma intenzjonati għall-użu uniku ta' organizzazzjonijiet tal-USA li jirċievi *data* personali mill-Unjoni Ewropea għall-iskop li jikkwalifikaw għal port salv u l-preżunzjoni ta' "adegwatezza" li hi toħloq. Minħabba li l-Prinċipji kienu iddisinjati solament biex iservu dan l-iskop speċifiku, l-adozzjoni tagħhom għal skopijiet oħra tista' ma tkunx xierqa. Il-Prinċipji ma jistgħux ikunu użati bħala sostitut għal disposizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw din id-Direttiva li tapplika għall-ipproċessar ta' *data* personali fl-Istati Membri.

Deċiżjonijiet minn organizzazzjonijiet biex jikkwalifikaw bħala port salv huma kompletament voluntarji, u organizzazzjonijiet jistgħu jikkwalifikaw bħala port salv f'diversi metodi. Organizzazzjonijiet li jiddeċiedu li jkunu jimxu mal-Prinċipji għandhom ikunu konformi mal-Prinċipji sabiex jakkwistaw jew iżommu l-benefiċċji għal post salv u pubblikament jiddikjaraw li huma hekk. Per eżempju, jekk organizzazzjoni tissieħeb fi programm ta' privatezza li jirregola lili nnifsu li jimxi mal-Prinċipji, din tikkwalifika bħala port salv. Organizzazzjonijiet jistgħu wkoll jikkwalifikaw billi jiżviluppaw l-istrateġija tagħhom ta' privatezza li jirregolaw lilhom infushom iżda dawn iridu jkunu konformi mal-Prinċipji. Meta tkun konformi mal-Prinċipji, organizzazzjoni tistrieħ bis-sħiħ jew b'parti fuq ir-regolazzjoni tagħha stess, in-nuqqas tagħha li tkun konformi ma' dik ir-regolazzjoni tagħha għandhom ukoll ikunu azzjonabbli permezz ta' Sezzjoni 5 ta' l-Att tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ li jipprojbixxi atti inġusti u qarrieqa jew xi liġi oħra jew regolament li jipprojbixxi atti bħal dawk. (Ara l-Anness għal-lista ta' korpi statutorji ta' U.S. rikonoxxuti mill-EU.). B'żieda, organizzazzjonijiet suġġetti għal liġi statutorja, regolatorja, amministrattiva jew korp ieħor tal-liġi (jew ta' regoli) li effettivament jipproteġi l-privatezza personali, jista' wkoll jikkwalifika għal benefiċċji ta' post salv. Fil-każi kollha, il-benefiċċji ta' port salv huma assigurati mid-data li fiha kull organizzazzjoni li tixtieq tikkwalifika għaċ-ċertifikati-minnha-stess ta' port salv fid-Dipartiment tal-Kummerċ (jew dak innominat minnu) l-osservanza tagħha mal-Prinċipji bi qbil mal-gwida stabbilita fl-FAQ dwar Ċertifikazzjoni tagħha stess.

Osservanza ma' dawn il-Prinċipji tista' tkun illimitata:

(a) għal-limitu meħtieġ biex jintlaħaqu l-ħtiġiet ta' sigurtà, l-interess pubbliku, jew tal-liġi;

(b) bi statut, regolament governattiv, jew deċiżjonijiet tal-qrati li joħolqu obbligazzjonijiet konflinġenti jew awtorizzazzjonijiet espliċiti, basta li, bl-eżerċitar ta' xi awtorizzazzjoni bħal din, organizzazzjoni tkun tista' turi li n-nuqqas ta' konformità tagħha mal-Prinċipji hija llimitata għal-limiti meħtieġa biex tilħaq l-interessi leġittimi ġenerali imħeġġa b'awtorizzazzjoni bħal din; jew

(ċ) jekk l-effett ta' din id-Direttiva fuq il-liġi ta' Stat Membru hija li tħalli eċċezzjonijiet jew derogazzjonijiet, basta li dawn l-eċċezzjonijiet jew derogazzjonijiet ikunu applikabbli f'kuntesti kumparabbli. Konsistenti ma' l-għan li ssaħħaħ il-protezzjoni ta' privatezza, organizzazzjonijiet għandhom jagħmlu l-almu li jimplimentaw dawn il-Prinċipji bis-sħiħ u bit-trasparenza, inkluż l-indikazzjoni ta' l-istrateġiji tagħhom ta' privatezza meta eċċezzjonijiet għal Prinċipji permessi permezz b'(b) ta' hawn fuq għandha tkun applikabbli fuq bażi regolari. Għall-istess raġuni, meta l-għażla tkun permissibli permess tal-Prinċipji u/jew il-liġi tal-U.S., organizzazzjonijiet huma mistennija li jagħżlu l-protezzjoni iktar għolja meta jkun possibbli.

Organizzazzjonijiet jistgħu jixtiequ, għal raġunijiet prattiċi jew mod ieħor li japplikaw il-Prinċipji għall-operazzjonijiet kollha ta' proċessar tad-*data* tagħhom, imma dawn huma biss obbligati li japplikawhom għal *data* trasferiti wara li jkunu daħlu f'port salv. Biex jikkwalifikaw bħala port salv, organizzazzjonijiet mhumiex obbligati li japplikaw dawn il-Prinċipji għal informazzjoni personali tkun ipproċessata manwalment għal sistemi ta' ħażna. Organizzazzjonijiet li jixtiequ li jibbenefikaw mill-port salv biex jirċievu informazzjoni f'sistemi ta' proċessar manwali ta' ħażniet mill-EU

għandhom japplikaw il-Prinċipji dwar xi informazzjoni bħal din li tkun trasferita wara li jidħlu fil-port salv.Organizzazzjoni li tixtieq li testendi benefiċċji ta' port salv għal riżorsi umani ta' informazzjoni personali trasferiti mill-EU għal użu fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg għandha tindika dan meta ċ-ċertifikazzjoni tagħha stess tad-Dipartiment tal-Kummerċ (jew l-innominat tiegħu) u jkun konformi mal-ħtiġiet stabbiliti fl-FAQ dwar Ċertifikazzjoni minnha nnifisha. Organizzazzjonijiet għandhom ukoll ikunu jistgħu jipprovdu is-salvagwardji meħtieġa permezz ta' l-Artikolu 26 tad-Direttiva jekk dawn jinkludu l-Prinċipji fi ftehim bil-miktub ma' partijiet li jittrasferixxu *data* mill-EU għal disposizzjonijiet ta' privatezza sostantiva, la darba d-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn il-mudelli ta' kuntratti huma awtorizzati mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri.

Il-liġi tal-U.S. għandha tkun applikabbli għal kwistjonijiet ta' interpretazzjoni u l-konformità mal-Prinċipji ta' port Salv (inklużi Mistoqsijiet Magħmula ta' Spiss) u strateġiji relevanti ta' privatezza minn organizzazzjonijiet ta' port salv, ħlief meta organizzazzjonijiet ikunu kkommettew għal koperazzjoni ma' l-Awtoritajiet Ewropej ta' Protezzjoni ta' *Data*. Sa kemm ma jkunx mistqarr mod ieħor, id-disposizzjonijiet kollha għall-Prinċipji ta' Port Salv u Mistoqsijiet Magħmula ta' Spiss huma applikabbli meta dawn ikunu relevanti.

"*Data* personali" u "informazzjoni personali" huma *data* dwar individwu identifikat jew li jista' jkun identifikat li huma fl-iskop tad-Direttiva, li jkunu mwassla għand organizzazzjoni tal-U.S. mill-Unjoni Ewropea, u r-reġistrati fi kwalunkwe għamla.

## NOTIFIKA

Organizzazzjoni għandha tinforma individwi dwar l-iskopijiet li dwarhom tiġbor u tuża informazzjoni dwarhom, kif jikkuntattjaw l-organizzazzjoni b'xi inkjesti jew ilmenti, it-tip ta' partijiet terzi li lihom tiżvela l-informazzjoni, u l-għażliet u l-mezzi li l-organizzazzjoni toffri lill-individwi biex tillimita l-użu u l-iżvelar tagħhom. Dan l-avviż għandu jkun ipprovdut f'lingwa ċara u konspikwa meta individwi jkunu l-ewwel mitluba li jipprovdu informazzjoni personali lejn l-organizzazzjoni jew malajr wara kemm jista' jkun prattikabbli, imma fi kwalunkwe każ qabel ma l-organizzazzjoni tuża dik l-informazzjoni għal skop apparti minn dak li dwaru tkun oriġinarjament ġabret jew ipproċessat mill-organizzazzjoni li tittrasferixxi jew tiżvela għall-ewwel darba lejn parti terza ([1]).

## GĦAŻLA

Organizzazzjoni għandha toffri lill-individwi l-opportunità li jagħżlu jekk l-informazzjoni personali tagħhom (a) għandhiex tkun żvelata lill-parti terza ([1]) jew (b) li tkun użata għal skop li mhuwiex kompatibbli ma' l-iskop(ijiet) li għalieh oriġinarjament kienu ġew miġbura u sussegwentament awtorizzati mill-individwu. Individwi għandhom ikunu pprovduti b'mekkaniżmi ċari u konspikwi, disponibbli mingħajr tbatija, u li jkun jista' jaffordjahom, sa biex ikun jista' jeżerċita l-għażla tiegħu.

Għal informazzjoni sensittiva (i.e. informazzjoni personali li tispeċifika kondizzjonijiet medikali jew tas-saħħa, oriġini razzjali jew etnika, opinjonijiet politiċi, twemmin reliġjuż jew filosofiku, sħubija fi *trade union* jew informazzjoni li tispeċifika l-ħajja sesswali ta' l-individwu), għandu jingħata l-għażla affermattiva jew espliċita (li jidħol) jekk l-informazzjoni li għandha tkun żvelata lill-parti terza jew użata għal skop apparti minn dak li għalih kienet oriġinarjament miġbura jew sussegwentament awtorizzata mill-individwu permezz ta' l-eżerċizzju ta' l-għażla li joħroġ 'il barra. Fi kwalunkwe każ, organizzazzjoni għandha titratta bħala sensittiva xi informazzjoni li taslilha minn parti terza meta l-parti terza tidentifikaha u tittrattaha bħala sensittiva.

## TRASFERIMENT 'IL QUDDIEM

Biex jiżvelaw informazzjoni lejn parti terza, organizzazzjonijiet għandhom japplikaw il-Prinċipji ta' Avviż u Għażla. Meta organizzazzjoni tixtieq li tittrasferixxi informazzjoni lil parti terza li tkun taġixxi bħala aġent, kif deskritt fin-nota ta' l-aħħar, din tista' tagħmel hekk jekk l-ewwel taċċerta li l-parti terza tkun tissottoskrivi lejn il-Prinċipji jew tkun suġġetta għad-Direttiva jew għal xi sejbiet oħra adegwati jew tisħol fi ftehim bil-miktub ma' dik il-parti terza li jkun jenħtieġ li l-parti terza tipprovdi mill-anqas l-istess livell ta' protezzjoni ta' privatezza kif meħtieġa mill-Prinċipji relevanti. Jekk l-organizzazzjoni tkun konformi ma dawn il-ħtiġiet, din m'għandhiex tinżamm responsabbli (sa kemm l-organizzazzjoni ma taqbilx mod ieħor) meta parti terza li lilha tittrasferixxi informazzjoni bħal dik, tipproċessa b'tali mod li jkun kuntrarju ta' xi restrizzjonijiet jew rappreżentazzjonijiet, sa kemm l-organizzazzjoni ma kinitx taf jew messa tkun taf li l-parti terza tkun sejra tipproċessaha b'mod kuntrarju u li l-organizzazzjoni ma tkunx ħadet passi raġjonevoli biex ma tħallix jew twaqqaf dan l-ipproċessar.

([1]) Mhux meħtieġ li jkun ipprovdut avviż jew għażla meta l-iżvelar iseħħ minn parti terza li tkun taġixxi bħala aġent biex iwettaq id-dover(i) għan-nom ta' jew permezz ta' istruzzjonijiet mill-organizzazzjoni. Il-Prinċipji ta' Trasferiment 'il Quddiem. Min-naħa l-oħra, mhux applikabbli għal żvelar bħal dan.

## SIGURTÀ

Organizzazzjonijiet li joħolqu, iżommu jew jiddiseminaw informazzjoni personali għandhom jieħdu prekawzjonijiet raġjonevoli biex jipproteġuha minn telf, użu ħażin u aċċess mhux awtorizzat, żvelar, alterazzjonijiet jew qerda.

## INTEGRITÀ TAD-*DATA*

Bi qbil mal-Prinċipji, informazzjoni personali għandha tkun relevanti għall-iskopijiet li għaliex tkun sejra tiġi użata. Organizzazzjoni ma tistax tipproċessa informazzjoni personali b'tali mod li jkun inkompatibbli ma l-iskopijiet li għalieh kienet ġiet miġbura u sussegwentament awtorizzata mill-individwu. Sal-limitu meħtieġ għal dawn l-iskopijiet, organizzazzjoni għandha tieħu l-passi raġjonevoli biex tassigura li d-*data* disponibbli għal l-użu intenzjonat, ikunu eżatti, sħaħ u kurrenti.

## AĊĊESS

Individwi għandhom ikollhom aċċess lejn informazzjoni personali dwarhom li organizzazzjoni jkollha u li jkun jista' jikkorreġi, jemenda, jew iħassar dik l-informazzjoni meta din ma tkunx eżatta, ħlief meta r-responsabbiltà jew l-ispiża biex ikun ipprovdut l-aċċess ma jkunux proporzjonati mar-riskju tal-privatezza ta' l-individwu f'dak il-każ partikolari, jew meta d-drittijiet ta' persuni apprti milli ta' l-individwu jkunu miksura.

## INFURZAR

Protezzjoni effettiva ta' privatezza għandha tinkludi mekkaniżmi biex jassiguraw konjormità mal-prinċipji, aċċess għall-individwi li dwarhom jirrigwardjaw id-*data* effetwati b'nuqqas ta' konformità mal-prinċipji, u konsegwenzi għall-organizzazzjoni meta l-prinċipji ma jkunux imwettqa. Bħala minimu, dawn il-mekkaniżmi għandhom jinkludu:

(a) mekkaniżmi li jkunu disponibbli mingħajr tbatija u li wieħed ikun jista' jħallas għalihom li joffru aċċess indipendenti li bieh kull ilment minn individwu u kwistjonijiet ikunu investigati u riżolti b'referenza għall-Prinċipji u danni mogħtija meta l-liġi applikabbli jew l-inizjattiva tas-settur privat hekk tipprovdi;

(b) proċeduri ta' segwiment għal verifikar li l-attestazzjonijiet u l-istqarrijiet li jagħmlu negozji dwar il-prattiċi tagħhom ta' privatezza jkunu veri u li l-prattiċi ta' privatezza jkunu jew implimentati kif ippreżentati; u

(ċ) obbligazzjonijiet għal rimedju dwar problemi li joriġinaw min-nuqqas li jkunu konformi mal-Prinċipji mill-organizzazzjonijiet li jħabbru l-konformità tagħhom u l-konsegwenzi għal dawn l-organizzazzjonijiet

Sanzjonijiet għandhom ikunu rigorużi biżżejjed biex jassiguraw il-konformità mill-organizzazzjoni.

(2) Mhux meħtieġ li jkun ipprovdut avviż jew għażla meta l-iżvelar iseħħ minn parti terza li tkun taġixxi bħala aġent biex iwettaq id-dover(i) għan-nom ta' jew permezz ta' istruzzjonijiet mill-organizzazzjoni. Il-Prinċipju ta' Trasferiment 'il Quddiem. Min-naħa l-oħra, mhux applikabbli għal żvelar bħal dan.

*ANNESS*

**Lista ta' Korpi Statutorji tal-U.S. Rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea**

L-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi dawn il-korpi governattivi tal-U.S. bħala li huma awtorizzati biex jinvestigaw ilmenti u jakkwistaw serħan kontra prattiċi inġusti jew qarrieqa kif ukoll għal rikors minn individwi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs:

— The *Federal Trade Commission* fuq il-bażi ta' l-awtorità tagħha permezz tal-*Federal Trade Commission Act,*

— The *Department of Transportation* fuq il-bażi ta' l-awtorità tiegħu permezz ta' Titolu 49 *tal-United States Code* Sezzjoni 41712.

*ANNESS II*

MISTOQSIJIET MAGĦMULA TA' SPISS (FAQs)

**FAQ 1 - *Data* sensittiva**

M: *Għandha organizzazzjoni dejjem tipprovdi għażla espliċita (li tidħol ġewwa) fir-rigward ta' data* sensittivi?

T: Le, għażla bħal din mhix meħtieġa meta l-ipproċessar ikun: (1) l-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* jew ta' persuna oħra; (2) meħtieġa għal l-istabbiliment ta' talbiet jew difiżi legali; (3) meħtieġa biex tipprovdi kura jew dijanjożi medika; (4) imwettaq fil-korsa ta' l-attivitajiet legali tiegħu b'garanziji xierqa minn fundazzjoni, għaqda jew xi korp ieħor li ma jagħmilx profitti b'għanijiet politiċi, filosofiċi, reliġjużi jew trade-unjonistiċi u bil-kondizzjoni li l-ipproċessar ikun jirrigwarda biss il-membri tal-korp jew lill-persuni li jkollhom kuntatt regolari miegħu b'konnessjoni ma' l-iskopijiet tiegħu u li d-*data* ma jkunux żvelati lejn parti terza mingħajr il-kunsens ta' dawk li jkunu s-suġġetti tad-*data*; (5) meħtieġa biex jitwettqu l-obbligazzjonijiet ta' l-organizzazzjoni fil-qasam tal-liġi ta' l-impjieg; jew (6) jirrigwardaw *data* li huma magħmula manifestament pubbliċi mill-individwu.

**FAQ 2 - Eżenzjonijiet Ġurnalistiċi**

M: *Meqjusa l-protezzjonijiet kostituzzjonali tal-U.S. dwar il-libertà ta' l-istampa u l-eżenzjoni tad-Direttiva għal materjal ġurnalistiku, il-Prinċipji ta' Port Salv japplikaw għal informazzjoni personali miġbura, miżmuma, jew iddisseminati għal skopijiet ġurnalistiċi?*

T: Meta d-drittijiet ta' ġurnaliżmu ħieles inkorporati fl-Ewwel Emenda tal-Kostituzzjoni ta' U.S. jirkbu fuq l-interessi ta' protezzjoni tal-privatezza, l-Ewwel Emenda għandha tirregola il-bilanċ bejn dawn l-interessi fir-rigward ta' l-attivitajiet ta' persuni jew organizzazzjonijiet tal-U.S. Informazzjoni personali li hija miġbura għal pubblikazzjoni, xandir, jew tipi oħra ta' komunikazzjoni pubblika ta' materjal ġurnalistiku, sew jekk użat jew le, kif ukoll bħala informazzjoni misjuba f'materjal li jkun ġie ppubblikat qabel u li jkun iddisseminat minn arkivji tal-*media*, ma huwiex suġġett tal-ħtiġiet tal-Prinċipji ta' Port Salv.

**FAQ 3 - Responsabbiltà Sekondarja**

M: *Dawk li Jipprovdu Servizz ta' l-Internet (ISP), dawk li jġorru telekomunikazzjonijiet, jew organizzazzjonijiet oħra, dawn huma responsabbli permezz tal-Prinċipji ta' Port Salv meta għan-nom ta' organizzazzjoni oħra huma sempliċement jittrasmettu, idawru, jixegħlu jew jaħżnui nformazzjoni li tista' tikser it-termini tagħhom?*

T: Le. Bħal fil-każ tad-Direttiva nnifisha, il-port salv ma joħloqx responsabbiltà sekondarja. Sal-limiti li organizzazzjoni taġixxi bħala sempliċement mezz għat-trasmissjoni ta' *data* minn partijiet terzi u ma tkunx tiddetermina l-iskopijiet u l-mezzi ta' l-ipproċessar ta' dawn id-*data* personali, din ma tkunx responsabbli.

**FAQ 4 - *Investment banking* u Awditjar**

M: *L-attivitajiet ta' awdituri u bankiera ta' investiment jistgħu jinvolvu l-ipproċessar ta' data personali mingħajr il-kunsens jew it-tagħrif ta' l-individwu. Taħt liema ċirkostanzi dan huma permissibli bil-Prinċipji ta' Avviż, Għażla, u Aċċess?*

T: Bankiera ta' investiment jew awdituri jistgħu jipproċessaw informazzjoni mingħajr l-għarfien ta' individwu biss u sal-limitu u għal perjodu meħtieġ biex jilħqu l-ħtiġiet statutorji jew ta' interess publiku u f'ċirkostanzi oħra li fihom l-applikazzjoni ta' dawn il-Prinċipji tkun ta' preġudizzju għall-interessi leġittimi ta' l-organizzazzjoni. Dawn l-interessi leġittimi jinkludu il-monitoraġġ tal-konformità ta' kumpaniji ma l-obbligazzjonijiet legali tagħhom u attivitajiet ta' kontijiet leġittimi, u l-ħtieġa ta' kunfidenzjalità konnessa ma' akkwisti pubbliċi, għaqdiet, *ventures* konġunti, jew transazzjonijiet oħra simili mwettqa mill-bankiera ta' investiment jew awdituri.

**FAQ 5 – L-Irwol ta' l-Awtoritajiet ta' Protezzjoni tad-*Data***

M: *Kif għandhom il-kumpanniji jikkommettu rwieħhom ma' l-Awtoritajiet ta' l-Unjoni Ewropea għal Protezzjoni ta' Data (DPA) iqisu li dawn l-impenji u kif għandhom ikunu implimentati?*

T: Permezz tal-post salv, l-organizzazzjonijiet tal-U.S. li jirċievu *data* personali mill-UE għandhom jimpenjaw irwieħhom li jużaw mekkaniżmi effettivi biex jassiguraw konformità mal-Prinċipji ta' Port Salv. Aktar speċifikament kif esiġit fil-Prinċipju ta' Infurzar, huma għandhom jipprovdu (a) rikors għal individwi li dwarhom ikunu jirrelataw id -*data*, (b) proċeduri ta' segwiment għal verifika li l-attestazzjonijiet u l-assertazzjonijiet li huma jkunu għamlu dwar il-prattiċi ta' privatezza jkunu veri, u (ċ) obbligazzjonijiet biex jirrimedjaw problemi li jinħolqu min-nuqqas ta' konformità mal-Prinċipji u konsegwenzi minn organizzazzjonijiet bħal dawk. Organizzazzjoni tista' tissodisfa punti (a) u (ċ) tal-Prinċipju ta' Infurzar jekk hi tkun osservanti mal-ħtiġiet ta' din il-FAQ għal koperazzjoni mad-DPA.

Organizzazzjoni tista' timpenja ruħha li tikkopera ma DPA billi tiddikjara li fiċ-ċertifikazzjoni tagħha dwar port salv lejn id-Dipartiment tal-Kummerċ (ara FAQ 6 dwar iċ-ċertifikazzjoni minnha innifisha) li l-organizzazzjoni:

1. teleġġi li tissodisfa l-ħtieġa ta' punti (a) u (ċ) tal-Prinċipju ta' Infurzar ta' Port Salv billi tikkommetti ruħha li tikkopera mal-DPA;

2. tkun tikkopera mad-DPA fl-investigazzjonijiet u r-riżoluzzjoni dwar ilmenti miġjuba permezz ta' port salv, u

3. tkun konformi ma xi parir mogħti mil-DPA meta id-DPA ikollu opinjoni li l-organizzazzjoni tkun teħtieġ li tieħu azzjoni speċifika biex tkun konformi tal-Prinċipji ta' Port Salv, inklużi miżuri ta' rimedju jew ta' kumpens għal benefiċċju ta' individwi effetwati min xi nuqqas ta' konformità mal-Prinċipji, u għandha tipprovi lid-DPA b'konferma bil-miktub li azzjoni bħal dik tkun ittieħdet.

Il-koperazzjoni tad-DPA għandha tkun ipprovduta fil-għamla ta' informazzjoni u pariri b'dawn il-metodi:

— Il-pariri tad-DPA għandhom ikunu mogħtija permezz ta' grupp informali ta' DPA stabbilit fil-livell ta' l-Unjoni Ewropea, li għandu, *inter alia*, jgħin biex jassigura approċċ armonizzat u koerenti.

— Il-grupp għandi jipprovdi pariri lil organizzazzjonijiet tal-U.S. ikkonċernati dwar ilmenti mhux solvuti minn individwi dwar l-immaniġġjar ta' informazzjoni personali li tkun ġiet ittrasferita mill EU permezz ta' port salv. Dawn il-pariri għandhom ikunu ddisinjati biex jassiguraw li l-Prinċipji ta' Port Salv ikunu qegħdin jiġu applikati sewwa u għandhom jinkludu xi rimedji għall-individwu(i) kkonċernati li id-DPA tikkunsidra li jkunu xierqa.

— Il-grupp għandu jippovdi pariri bħal dawk b'reazzjoni tat-referenzi mill-organizzazzjonijiet ikkonċernati u/jew dwar ilmenti li jirċievi direttament minn individwi kontra organizzazzjonijiet li jkunu ntrabtu li jikkoperaw mad-DPA għall-iskopijiet ta' port salv, waqt li jinkoraġġixxu u jekk meħtieġ jgħinu individwi bħal dawn fl-ewwel ċans biex jużaw l-arranġamenti tal-immaniġġjar li huma jkollhom dwar ilmenti li l-organizzazzjoni tista' toffri.

— Parir għandu jingħata biss wara li ż-żewġ naħat fi kwistjoni jkollhom opportunità raġjonevoli biex jikkummentaw u li jipprovdu xi evidenza jekk huma jkunu jixtiequ li jagħmlu dan. Il-grupp għandu jfittex li jagħti l-parir malajr skond kif din il-ħtieġa għal proċess meħtieġ tippermetti. Bħala regola ġenerali, il-grupp għandu jkollu l-għan li jipprovdi pariri fi żmien 60 jum wara li jirċievi l-ilment jew li dan ikun irreferut lilu u aktar malajr meta dan ikunu possibli.

— Il-grupp għandu jagħmel pubbliku r-riżultati tal-konsiderazzjonijiet tiegħu dwar l-ilmenti ppreżentati lilu, jekk iħoss li dan ikun xieraq.

— It-twassil tal-parir permezz tal-grupp m'għandux jagħti bidu għal xi responsabbiltà għal grupp jew għal DPA individwali.

Kif innotat hawn fuq, organizzazzjonijiet li jagħżlu din l-għażla biex ikunu riżolti tilwimiet għandhom jintrabtu li jkunu konformi mal-parir tad-DPA. Jekk organizzazzjoni tonqos milli tkun konformi fi żmien 25 jum minn meta jingħata il-parir u ma tkun offriet l-ebda spjegazzjoni sodisfaċenti għad-dewmien, il-grupp għandu jagħti avviż ta' l-intenzjonijiet tiegħu jew li jissottometti l-materja lill-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ jew lil xi korp ieħor Federali ta' l-Istat b'poteri statutorji biex jieħu azzjoni ta' infurzar f'każi ta' qerq jew mir-rappreżentazzjoni, jew li jikkonkludi li dak il-ftehim biex jikkopera jkun serjament ġie miksur u għandu għalhekk ikun meqjus null u mingħajr effett. F'dan il-każ ta' l-aħħar, il-grupp għandu jinforma lid-Dipartiment tal-Kummerċ (jew lil dak innominat minnu) sa biex il-lista ta' parteċipanti fil-port salv tkun tista' tiġi emendata kif meħtieġ. Xi nuqqas biex ikun imwettaq l-impenn li jikkopera mad-DPA, kif ukoll xi nuqqasijiet li jkun konformi mal-Prinċipji ta' port salv, għandha tkun azzjonabbli bħala prattika ta' ngann skond Sezzjoni 5 ta' l-Att tal-Kunsill Federali tal-Kummerċ (FTC) jew xi statut simili.

Organizzazzjonijiet li jidħlu għal din l-għażla għandhom ikunu meħtieġa li jħallsu miżata annwali li għandha tkun iddisinjata li tkopri l-ispejjeż ta' l-operat tal-grupp, u huma jistgħu addizzjonalment ikunu mitluba li jagħmlu tajjeb għal xi spejjeż meħtieġa tat-traduzzjoni li joriġinaw mill-konsiderazzjonijiet tal-grupp jew mir-referenzi jew ilmenti kontra tagħhom. Il-miżata annwali m'għandhiex teċċedi USD 500 u għandha tkun anqas għal kumpaniji aktar żgħar.

L-għażla ta' koperazzjoni mad-DPA għandha tkun disponibbli lejn organizzazzjonijiet li jissieħbu fil-port salv matul perjodu ta' tliet snin. Id-DPA għandu jikkunsidra dan l-arranġament qabel it-tmien ta' dak il-perjodu jekk in-numru ta' organizzazzjoni tal-U.S. li jidħlu għal din l-għażla juri li jkun eċċessiv.

**FAQ 6 - Ċertifikazzjoni Minnha Nnifisha**

M: *Kif tagħmel organizzazzjoni biex tiċċertifika lilha nnifisha li tkun osservanti mal-Prinċipji ta' Port Salv?*

T: Il-benefiċċji ta' port salv huma assigurati mid-*data* li fiha organizzazzjoni li tiċċertifika lilha nnifisha mad-Dipartiment tal-Kummerċ (jew min ikun innominat minnu) dwar l-impenn tagħha mal-Prinċipji bi qbil mal-gwidi stabbiliti hawn taħt.

Biex tiċċertifika lilha nnifisha għal port salv, organizzazzjoni tista' tipprovdi lid-Dipartiment tal-Kummerċ (jew dak innominat minnu) ittra, iffirmata minn uffiċjal għoli f'isem l-organizzazzjoni li tkun sejra tissieħeb fil-port salv, li jkun fiha mill-anqas din l-informazzjoni li ġejja:

1. isem l-organizzazzjoni, indirizz postali, indirizz *e-mail*, numri tat-telefon u *fax*;

2. deskrizzjoni ta' l-attivitajiet ta' l-organizzazzjoni fir-rigward ta' informazzjoni personali li tkun twasslet mill-UE; u

3. deskrizzjoni ta' l-istrateġija ta' privatezza ta' l-organizzazzjoni dwar informazzjoni personali bħal dik, inkluża: (a) meta l-istrateġija ta' privatezza tkun disponibbli biex tkun studjata mill-pubbliku, (b) id-*data* effettiva ta' l-implimentazzjoni tagħha, (ċ) l-uffiċċju ta' kuntatt għall-imaniġġjar ta' l-ilmenti, talbiet għall-aċċess, u li kwistjonijiet oħra li jirriżultaw permezz ta' port salv, (d) il-korp statutorji speċifiku li jkollu l-ġurisdizzjoni li jisma' xi lmenti kontra l-organizzazzjoni rigward prattiċi possibbilment inġusti jew qarrieqa u ksur tal-liġijiet jew regolamenti li jirregolaw il-privatezza (u li huma mniżżla fl-anness tal-Prinċipji), (e) isem xi programmi ta' privatezza li tagħhom l-organizzazzjoni hija membru, (f) metodu ta' verifika (e.g. minn ġewwa, parti terza) [1], u (g) il-mekkaniżmu ta' tikorsa indipendenti li tkun disponibbli biex ikunu investigati ilmenti li jkunu għadhom ma ġewx riżolti.

Meta l-organizzazzjoni tixtieq li l-benefiċċji tagħha ta' port salv li jkopru informazzjoni dwar riżorsi umani trasferiti mill-EU għal l-użu fil-kuntest tar-relazzjonijiet ta' impjiegi, tista' tagħmel hekk meta jkun hemm korp statutorju b'ġurisdizzjoni biex jisma' talbiet kontra l-organizzazzjoni li joriġinaw mill-informazzjoni ta' riżorsi umani li huma mniżżla fl-anness tal-Prinċipji. B'żieda l-organizzazzjoni għandha tindika dan fl-ittra tagħha u tiddikjara l-impenn tagħha li tikkopera ma' l-awtorità jew awtoritajiet UE ikkonċernati b'konformità ma FAQ 9 u FAQ 5 kif applikabbli u li hi sejra tkun konformi mal-parir mogħti minn dawk l-awtoritajiet.

Id-Dipartiment (jew dak innominat minnu) għandu jżomm lista ta' l-organizzazzjonijiet kollha li jippreżentaw ittri bħal dawk, b'hekk jassiguraw id-disponibbiltà ta' benefiċċji ta' port salv, u għandu jaġġorna dik il-lista fuq il-bażi ta' ittri annwali u notifika li jirċievi bis-saħħa ta' FAQ 11. Ittri bħal dawl ta' ċertifikazzjoni tagħha stess għandhom ikunu pprovduti mhux anqas minn darba kull sena. Altrimenti l-organizzazzjoni għandha tkun imneħħija mil-lista u l-benefiċċji ta' port salv m'għandhomx ikunu aktar assigurati. Kemm il-listi u l-ittri ta' ċertifikazzjoni tagħha stess ippreżentati mill-organizzazzjonijiet għandhom ikunu disponibbli għal pubbliku.

[1] Ara-FAQ 7 dwar verifikazzjoni.

L-organizzazzjonijiet kollha li jiċċertifikaw lilhom infushom dwar port salv għandhom ukoll jistqarru fl-istqarrijiet relevanti tagħhom dwar strateġija ta' privatezza li huma jkunu osservanti mal-Prinċipji ta' Port Salv.

L-impenn li tkun osservanti mal-Prinċipji ta' Port Salv mhuwiex illimitat biż-żmien fir-rigward ta' *data* li tirċievi matul il-perjodu li fih l-organizzazzjoni tgawdi l-benefiċċji ta' Port Salv. L-impenn tagħha jfisser li hija tibqa' tapplika l-Prinċipji dwar *data* bħal dik sa kemm l-organizzazzjoni tibqa taħżen, tuża jew tiżvela dawn, anki jekk sussegwentament hija toħroġ għal xi raġuni mill-port salv.

Organizzazzjoni li tieqaf milli teżisti bħala entità legali separata bħala riżultat ta' għaqda jew minħabba li tkun inxtrat għandha tinnotifika lid-dipartiment tal-Kummerċ (jew dak innominat minnu) b'dan, bil-quddiem. In-notifika għandha wkoll tindika jekk l-entità li takkwista jew l entità li tirriżulta minn din l-għaqda tkun sejra (1) tkompli li tkun marbuta mal-Prinċipji ta' Port Salv bl-operat ta' liġi li tirregola x-xiri jew għaqda, jew (2) tagħżel li tiċċertifika lilha innifisha dwar osservanza tagħha mal-Prinċipji ta' Port Salv jew li tqiegħed salvagwardji oħra, bħal ma huwa ftehim li jassigura osservanza mal-Prinċipji ta' Port Salv. Meta la (1) u l-anqas (2) ma jkunu applikabbli, xi *data* li hi tkun akkwistat permezz ta' port salv għandhom ikunu mħassra minnu fih.

Xi organizzazzjoni ma tkun teħtieġ li tissuġġetta l-informazzjoni personali kollha lejn il-Prinċipji ta' Port Salv, imma din għanda tissuġġetta għal Prinċipji ta' Port Salv id-*data* personali kollha li hi tkun irċieviet mill-EU wara li tkun issieħbet fil-port salv.

Xi misrappreżentazzjoni lejn il-pubbliku ġenerali li tikkonċerna l-osservanza ta' organizzazzjoni mal-Prinċipji ta' Port Salv tista' tkun azzjonabbli mill-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ jew minn xi korp governattiv relevanti. Misrappreżentazzjonijiet lejn id-Dipartiment tal-Kummerċ (jew dak maħtur minnu) jistgħu jkunu azzjonabbli permezz ta' l-Att ta' Stqarrijiet Foloz (18 U.S.C. § 1001).

**FAQ 7 - Verifikazzjoni**

M: *Kif l-organizzazzjonijiet jipprovdu kontinwazzjoni ta' proċeduri għal verifikazzjoni li l-attestazzjonijiet u l-isqarrijiet li jagħmlu dwar il-prattiċi ta' privatezza ta' port salv ikunu veri u li dawk il-prattiċi ta' privatezza jkunu ġew implimentati kif irrapreżentati u bi qbil mal-Prinċipji ta' Port Salv?*

T: Biex jintlaħqu l-ħtiġiet tal-Prinċipju ta' Infurzar, organizzazzjoni tista' tivverifika dawk l-attestazzjonijiet u stqarrijiet jew permezz ta' eżami tagħhom stess jew permezz ta' reviżjoni minn barra dwar il-konformità.

Skond approċċi ta' stima minnha stess, verifika bħal din għandha tindika li l-istrateġija ppubblikata ta' l-organizzazzjoni dwar privatezza rigward informazzjoni personali li tkun waslet mill-EU tkun eżatti, komprensiva, murija bi prominenza, implimentata kollha kemm hi u aċċessibli. Għandu wkoll ikun indikat li l-istrateġija tagħha ta' privatezza tkun konformi mal-Prinċipji ta' Port Salv; li individwi jkunu infurmati b'arranġamenti fin-negozju stess għall-immaniġġjar ta' ilmenti u ta' mekkaniżmi indipendenti li permezz tagħhom dawn jistgħu jsegwu lmenti; li hu jkollu proċeduri eżistenti għal taħriġ ta' impjegati fl-implimentazzjoni tagħha, u li jiddixxiplinahom għan-nuqqas li jsegwuh; u li jkollu proċeduri interni għal reviżjonijiet perjodiċi għat-twettiq ta' l-objettiv dwar il-konformità ma' dawn ta' hawn fuq. Stqarrija li tivverifika l-istima tagħha stess għandha tkun iffirmata minn uffiċjal għoli jew minn xi rappreżentant awtorizzat ta' l-organizzazzjoni mill-anqas darba kull sena u li tkun disponibbli fuq talba minn individwi jew fil-kuntest ta' investigazzjoni jew ilment dwar in-nuqqas ta' konformità.

Organizzazzjonijiet għandhom iżommu r-reġistri tagħhom dwar l-implimentazzjoni tal-prattiċi tagħhom ta' port salv u jagħmluhom disponibbli fuq talba fil-kuntest ta' investigazzjoni jew ilment dwar nuqqas ta' konformità lejn korp indipendenti responsabbli għal l-investigazzjoni ta' lmenti jew ta' l-aġenzija bi prattiċi ta' ġurisdizzjoni li jkunu nġusti u qarrieqa.

Meta l-organizzazzjoni tkun għażlet reviżjoni ta' konformità minn barra, dik ir-reviżjoni teħtieġ li turi li l-istrateġija ta' privatezza tagħha rigward informazzjoni personali li tkun waslet mill-UE tkun konformi mal-Prinċipji ta' Port Salv, li tkun b'konformità u li individwi jkunu infurmati bil-mekkaniżmi li permezz tagħhom huma jistgħu jsegwu l-ilmenti. Il-metodi ta' reviżjoni jistgħu jinkludu awditjar mingħajr limiti, reviżjonijiet perjodiċi, użu ta' "*decoys*", jew l-użu ta' għodod teknoloġiċi kif xieraq. Stqarrija li tivverifika l-verifika ta' konformità minn barra li tkun ġiet kompluta b'suċċess għandha tkun iffirmata jew minn dak li jagħmel ir-reviżjoni jew minn

uffiċjal għoli jew minn xi rappreżentant awtorizzat ta' l-organizzazzjoni mill-anqas darba kull sena u li tkun disponibbli fuq talba minn individwi jew fil-kuntest ta' investigazzjoni jew ilment dwar in-nuqqas ta' konformità.

**FAQ 8 - Aċċess**

**Prinċipju ta' Aċċess:**

Individwi għandhom ikollhom aċċess lejn informazzjoni personali dwarhom li organizzazzjoni jkollha u li jkun jista' jikkorreġi, jemenda, jew iħassar dik l-informazzjoni meta din ma tkunx eżatta, ħlief meta r-responsabbiltà jew l-ispiża biex ikun ipprovdut l-aċċess ma jkunux proporzjonati mar-riskju tal-privatezza ta' l-individwu f'dak il-każ partikolari, jew meta d-drittijiet leġittimi ta' persuni apparti milli ta' l-individwu jkunu miksura.

1. M: *Id-dritt ta' aċċess huwa assolut?*

1. T: Le. Skond il-Prinċipji ta' Port Salv, id-dritt ta' aċċess huwa fundamentali għal protezzjoni ta' privatezza. Partikolarment, din tippermetti individwi li jivverifikaw l-eżatezza ta' l-informazzjoni li jkollhom dwarhom. B'dana kollu, l-obbligazzjoni ta' organizzazzjoni li tipprovdi aċċess lejn informazzjoni personali li hi jkollha dwar individwu hija suġġetta għall-prinċipju ta' proporzjonalità jew raġunar u għandha tkun imtaffa f'ċerti okkażjonijiet. Fil-fatt, il-Memorandum ta' Spjegazzjoni għal-Linji ta' Gwida twar il-Privatezza OECD 1980 jagħmilha ċara li l-obbligazzjoni ta' organizzazzjoni għal aċċess mhux assolut. Dan ma jeħtieġx li riċerka ferm fil-fond tkun meħtieġa, per eżempju, b'*subpoena*, lanqas ma tkun teħtieġ aċċess għal għamliet differenti kollha li fihom l-informazzjoni tista' tkun miżmuma mill-organizzazzjoni.

Pjuttost, esperjenza tkun wriet li b'reazzjoni għal talbiet ta' aċċess minn individwi, organizzazzjonijiet għandhom l-ewwel ikunu ggwidati mill-interess li jkun wassal għat-talbiet fl-ewwel każ. Per eżempju, jekk talba għal aċċess tkun vaga jew wiesa' fl-iskop tagħha, organizzazzjoni tista' tinvolvi lill-individwu fi djalogu sa biex tkun tista' tifhem aħjar il-motivazzjoni għat-talba u li tillokalizza l-informazzjoni bħala rispons. L-organizzazzjoni tista' tindaga li mill-parti(jiet) ta' l-organizzazzjoni ta' l-individwali b'interazzjoni ma' u/jew dwar in-natura ta' l-informazzjoni (jew l-użu tagħha) li hija s-suġġett tat-talba għal aċċess individwali li ma jkunux, b'dana kollu, ikollhom jiġġustifikaw talbiet għal aċċess tad-*data* tagħhom.

L-ispiża u r-responsabbiltà huma fatturi importanti u għandhom jittieħdu b'akkont imma dawn m'għandhomx ikollhom kontroll fid-determinazzjoni ta' jekk li jipprovdu aċċess ikunx raġjonevoli. Per eżempju, jekk l-informazzjoni użata għad-deċiżjonijiet li għandha taffetwa sinifikament l-individwu (e.g., iċ-ċaħda jew l-għota ta' benefiċċji importanti, bħal ma hija assigurazzjoni, *mortgage*, jew impjieg), allura konsistenti mad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn l-FAQs, l-organizzazzjoni għandha jkollha li tiżvela dik l-informazzjoni anki jekk tkun relattivament diffiċili jew bi spiża biex tagħmel dan.

Jekk l-informazzjoni mitluba ma tkunx sensittiva jew ma tkunx użata għal deċiżjonijiet li għandhom sinifikament jaffettwaw lill-individwu (e.g., *data* mhux sensittivi tal-kummerċ li jkunu użati biex jiddeterminaw jekk jew le li jintbagħat katalogu lill-individwu), imma li hija disponibbli mingħajr tbatija u ma tkunx tiswa ħafna biex tkun ipprovduta, organizzazzjoni għandha jkollha aċċess għal informazzjoni fattwali li l-organizzazzjoni taħżen dwar l-individwu. L-informazzjoni kkonċernata tista' tinkludi fatti akkwistati mill-individwu, fatti miġbura fil-korsa ta' transazzjonijiet, jew fatti akkwistati minn oħrajn li jappartjienu lill-individwu.

Konsistenti man-natura fundamentali ta' aċċess, organizzazzjonijiet għandhom dejjem jagħmlu sforzi b'rieda tajba biex jipprovdu aċċess. Per eżempju, meta ċerta informazzjoni teħtieġ li tkun protetta u li tista' tkun separata mingħajr tbatija minn informazzjoni oħra li tkun suġġetta għal talba għal aċċess, l-organizzazzjoni għandha tħejji f'għamla organizzata l-informazzjoni protetta u li tagħmel disponibbli l-informazzjoni l-oħra. Jekk organizzazzjoni tiddetermina li aċċess għandu jkun miċħud f'xi każ partikolari, din għandha tipprovdi lill-individwu li jitlob l-aċċess bi spjegazzjoni l-għala tkun ħadet dik id-determinazzjoni u tagħmel punt ta' kuntatt għal xi inkjesti oħrajn.

2. M: *X'inhi informazjoni kummerċjali kunfidenzjali u jistgħu xi organizzazzjonijiet jiċħdu aċċess sa biex jissalvagwardjawha?*

2. T: Informazzjoni kunfidenzjali kummerċjali (bħal dak it-terminu użat fil-Proċedura Ċivili ta' Regoli Federali dwar żvelar) hija informazzjoni li organizzazzjoni tkun ħadet passi biex tipproteġi minn żvelar, meta l-iżvelar ikun jgħin kompetitur fis-suq. Il-programm partikolari tal-kompjuter li organizzazzjoni tuża, bħal ma hu programm ta' modellar, jew id-dettalji ta' dak il-programm, tista' tkun informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali. Meta informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali tkun tista' tiġi separata mingħajr tbatija minn informazzjoni oħra li tkun suġġetta għal talba ta' aċċess, l-organizzazzjoni għandha torganizza mill-ġdid dik l-informazzjoni

kummerċjali kunfidenzjali u tagħmel disponibbli l-informazzjoni li ma tkunx kunfidenzjali. Organizzazzjonijiet jistgħu jiċħdu jew jillimitaw aċċess sal-limiti li jekk tagħmel dan, din tkun qed tiżvela infomazzjoni tagħha li tkun kummerċjalment kunfidenzjali kif definit hawn fuq, inferenzi bħal dawn tas-suq jew klassifikazzjonijiet iġġenerati mill-organizzazzjoni, jew l-informazzjoni kummerċjalment kunfidenzjali ta' ħadd ieħor meta informazzjoni bħal dik tkun suġġetta għal obbligazzjoni kontrattwali ta' kunfidenzjalità fiċ-ċirkostanzi meta obbligazzjoni bħal dik ta' kunfidenzjalità tkun normalment meħudha jew imposta.

3. M: *Meta tipprovdi aċċess, organizzazzjoni tista' tiżvela lil individwi, informazzjoni personali dwarhom li hi tkun akkwistat mill-bażijiet ta' data jew l-aċċess għal bażi tad-data nnifsu jkun meħtieġ?*

3. T: Aċċess jista' jkun ipprovdut fil-għamla ta' żvelar minn organizzazzjoni lejn l-individwi u dan ma jkunx jeħtieġ aċċess mill-individwi għal bażi tad-*data* ta' organizzazzjoni.

4. M: *L-organizzazzjoni jkollha li tirristruttura mill-ġdid il-bazi tagħha tad-data biex tkun tista' tipprovdi l-aċċess?*

4. T: Aċċess jista' jkun ipprovdut biss sal-limitu li organizzazzjoni taħżen l-informazzjoni. Il-prinċipju ta' aċċess ma joħloqx minnu nnifsu xi obbligazzjoni li żżomm, taħżen, torganizza mill-ġdid, jew li tirristruttura reġistri ta' informazzjoni personali.

5. M: *Dawn it-tweġibiet jagħmluha ċara li aċċess jista' jkun miċħud f'ċerti ċirkostanzi. F'liema ċirkostanzi oħra tista' organizzazzjoni li tiċħad individwi milli jkollhom aċċess għall-informazzjoni personali tagħhom?*

5. T: Ċirkostanzi bħal dawn huma limitati, u xi raġunijiet għaċ-ċaħda ta' l-aċċess għandhom ikunu speċifikati. Organizzazzjoni tista' tiċħad li tipprovdi aċċess lejn informazzjoni sal-limiti li dak l-iżvelar aktar li joħloq intopp mas-salvagwardja ta' interessi pubbliċi importanti b'effett oppost, bħal ma huma sigurtà nazzjonali, difiża jew sigurtà pubblika. B'żieda, meta informazzjoni personali tkun ipproċessata solament għal riċerka u skopijiet ta' statistika, aċċess jista' jkun miċħud. Raġunijiet oħra biex ikun miċħud jew illimitat l-aċċess huma:

a. indħil ma' l-eżekuzzjoni jew infurzament tal-liġi, inkluża l-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew is-sejba ta' offiżi jew id-dritt ta' proċess ġust fil-qrati;

b. indħil ma' azzjonijiet ta' kawżi privati, inkluża l-prevenzjoni, l-investigazzjoni jew is- sejba ta' offiżi jew id-dritt ta' proċess ġust fil-qrati;

ċ. żvelar ta' informazzjoni personali li tappartjeni lill-individwu(i) oħra meta referenzi bħal dawn ma jistgħux ikunu mogħtija sura ġdida;

d. ksur ta' privileġġ legali jew privileġġ jew obbligazzjoni oħra professjonali;

e. ksur tal-kunfidenzjalità meħtieġa dwar negozjati futuri u kurrenti, bħal ma huma dawk li jinvolvu l-akkwist ta' kumpaniji kkwotati pubblikament;

f. tippreġudika investigazzjonijiet dwar sigurtà ta' impjegati jew ta' proċidimenti ta' ilmenti;

g. tippreġudika l-kunfidenzjalità li tista' tkun meħtieġa għal perjodi llimitati b'konnessjoni ma' avvanzi ta' impjegati, ippjanar u ri-organizzazzjoni ta' korporazzjoni; jew

h. tippreġudika l-kunfidenzjalità li tista' tkun meħtieġa b'konnessjoni mal-monitoraġġ, spezzjoni jew funzjonijiet regolatorji konnessi ma' amministrazzjoni soda ekonomika jew finanzjarja; jew

i. ċirkostanzi oħra li fihom ir-responsabbiltà jew l-ispiża li tipprovdi aċċess ma tkunx proporzjonata jew li d-drittijiet leġittimi jew l-interessi ta' l-oħrajn ikunu miksura.

Organizzazzjoni li tiddikjara eċċezzjoni jkollha r-responsabbiltà li turi l-applikabbiltà tagħha (bħalma normalment ikun il-każ). Kif innotat hawn fuq, ir-raġunijiet għaċ-ċaħda jew limitar ta' aċċess u punt ta' kuntatt għal inkjesti oħra għandu jingħata lill-individwi.

6. M: *Tista' organizzazzjoni titlob ħlas biex tkopri l-ispejjeż ħalli tipprovdi aċċess?*

6. T: Iva. Il-linji ta' gwida ta' l-OECD tirrikonoxxu li organizzazzjoni tista' titlob ħlas, basta li dan ma jkunx eċċessiv. Għalhekk organizzazzjonijiet jistgħu jimponu ħlas raġjonevoli għall-aċċess. L-imponiment ta' ħlas jista' jkun utili biex jiskoraġġixxi talbiet ripetittivi u li jdejqu.

Organizzazzjonijiet li huma fin-negozju li jbiegħu pubblikament informazzjoni disponibbli jistgħu għalhekk jimponu l-ħlas normali ta' l-organizzazzjoni meta jwieġbu għal talbiet dwar l-aċċess. Individwi jistgħu alternattivament ifittxu aċċess għall-informazzjoni tagħhom mill-organizzazzjoni li oriġinarjament tkun ħejjiet id-*data*.

Aċċess ma jistax ikun miċħud fuq il-bażi ta' spejjeż jekk l-individwu joffri li jħallas l-ispejjeż.

7. M: *Organizzazzjoni hija meħtieġa li tipprovdi aċċess lejn informazzjoni personali li toriġina minn reġistri pubbliċi?*

7. T: L-ewwel biex tikklarifika, reġistri pubbliċi huma dawk miżmuma minn aġenziji jew entitajiet governattivi fi kwalunkwe livell li huma miftuħin għal konsultazzjoni mill-pubbliku ġenerali. Mhux meħtieġ li jkun applikat il-Prinċipju ta' Aċċess lejn informazzjoni bħal din sa kemm din ma tkunx magħquda ma' informazzjoni personali oħra, apparti minn meta ammonti żgħar ta' informazzjoni f'reġistri mhux pubbliċi jkunu użati għal indiċi jew l-organizzazzjoni ta' reġistri ta' informazzjoni pubblika. B'dana kollu, xi kondizzjonijiet għal konsultazzjoni stabbiliti mill-ġurisdizzjoni relevanti għandhom ikunu rrispettati. Meta informazzjoni ta' reġistri pubbliċi jkunu magħquda ma' informazzjoni oħra f'reġistri mhux pubbliċi (apparti minn dawk speċifikament innotati hawn fuq), b'dana kollu, organizzazzjoni għandha tipprovdi aċċess għal dik l-informazzjoni kollha, tassumi li din ma tkunx suġġetta għal eċċezzjonijiet oħra permissibli.

8. M: *Għandu l-Prinċipju ta' Aċċess ikun applikat lejn informazzjoni personali li tkun pubblikament disponibbli?*

8. T: Bħal reġistri pubbliċi ta' informazzjoni (ara M7), m'hux meħtieġ li jkun ipprovdut aċċess lejn informazzjoni li diġà tkun pubblikament disponibbli għal pubbliku ġenerali, sa kemm din ma tkunx marbuta ma' informazzjoni oħra li ma tkunx disponibbli pubblikament.

9. M: *Kif tista' organizzazzjoni tipproteġi lilha nnifisha minn talbiet ripetuti jew vessatorji għall-aċċess?*

9. T: Organizzazzjoni m'għandhiex twieġeb għal talbiet bħal dawn għall-aċċess. Għal dawn ir-raġunijiet, organizzazzjoni tista' timponi ħlas raġonevoli u tista' tistabbilixxi limiti raġonevoli dwar in-numru ta' drabi matul perjodu partikolari li talbiet għall-aċċess minn individwu partikolari jkunu milqugħa. Fl-imponiment ta' limitazzjonijiet bħal dawn, organizzazzjoni għandha tikkunsidra fatturi bħalma huma l-frekwenza li biha l-informazzjoni tkun aġġornata, l-iskop li għalih id-*data* jkunu użati, u n-natura ta' l-informazzjoni.

10. M: *Kif tista' organizzazzjoni tipproteġi lilha nnifisha minn talbiet b'qerq għall-aċċess?*

10. T: Organizzazzjoni mhix meħtieġa li tipprovdi aċċess sakemm hi tkun fornuta b'informazzjoni suffiċjenti biex tippermettilha li tkun konformi ma' l-identità tal-persuna li tagħmel it-talba.

11. M: *Hemm limitu ta' żmien li fih it-tweġiba għandha tkun ipprovduta għal talbiet ta' aċċess?*

11. T: Iva, organizzazzjonijiet għandhom iwieġbu mingħajr dewmien eċċessiv u matul perjodu ta' żmien raġonevoli. Din il-ħtieġa tista' tkun sodisfatta f'diversi manjieri bħalma jistqarr il-memorandum ta' spjegazzjoni tal-Linji ta' Gwida dwar il-Privatezza ta' OECD 1989. Per eżempju, kontrollur tad-*data* li jipprovdi informazzjoni dwar suġġetti tad-*data* matul intervalli regolari jista' jkun eżentat mill-obbligazzjonijiet li jwieġeb minnufih għal talbiet individwali.

**FAQ 9 - Riżorsi Umani**

1. M: *Huwa t-trasferiment mill-UE lejn l-Istati Uniti ta' informazzjoni personali miġbura fil-kuntest t' relazzjonijiet ta' impjieg koperti bil-port salv?*

1. T: Iva, meta kumpanija fl-UE tittrasferixxi informazzjoni personali dwar l-impjegati tagħha (tal-passat jew tal-preżent) miġbura fil-kuntest ta' relazzjonijiet ta' l-impjieg, lejn dak li jipprovdi servizz li jkun paterni, affiljat, jew mhux affiljat, fl-Istati Uniti li jipparteċipa fil-port salv, it-trasferiment igawdi l-benefiċċji ta' port

salv. F'każi bħal dawn, il-ġbir ta' l-informazzjoni u l-ipproċessar tagħha qabel it-trasferiment għandu jkun suġġett għal liġijiet nazzjonali tal-pajjiż fl-UE fejn tkun inġabret, u xi kondizzjonijiet għal, jew restrizzjonijiet dwar it-trasferiment tagħha bi qbil ma' dawk il-liġijiet għandhom ikunu rrispettati.

Il-Prinċipji ta' Port Salv huma relevanti biss meta reġistri individwalment identifikabbli jkunu trasferiti jew meta jkun hemm aċċess lejhom. Rapportaġġ statistiku li jistrieħ fuq il-ġemgħa ta' *data* ta' mpjieg u/jew l-użu ta' *data* anonimizzati jew psewdonimizzati ma jagħtux bidu għal inkwiet dwar il-privatezza.

2. M: *Kif japplikaw il-Prinċipji ta' Avviż u Għażla dwar informazzjoni bħal din?*

2. T: Organizzazzjoni tal-U.S. li tkun irċeviet *data* dwar impjegat mill-UE permezz tal-port salv tista' tiżvelha lil partijiet terzi u/jew tagħmel użu minnha għal skopijiet differenti biss bi qbil mal-Prinċipji ta' Avviż u Għażla. Per eżempju, meta organizzazzjoni jkollha l-intenzjoni li tuża informazzjoni personali miġbura permezz ta' relazzjoni ta' impjieg għal skopijiet li ma humiex relatati mal-impjieg, bħal ma huma komunikazzjonijiet dwar kummerċ, l-organizzazzjoni U.S. għandha tipprovdi lill-individwi effetwati b'għażla qabel ma tagħmel dan, sakemm dawn ma jkunux diġà awtorizzaw l-użu ta' informazzjoni għal dawk l-iskopijiet. Aktar minn hekk, għażliet bħal dawk m'għandhomx jintużaw biex jirrstrinġu opportunitajiet ta' impjieg jew biex jittieħdu xi azzjonijiet punittivi dwar impjegati bħal dawk.

Għandu jkun innutat li ċerti kondizzjonijiet ġeneralment applikabbli għat-trasferiment minn xi Stati Membri jistgħu jipprekludu użu ieħor ta' informazzjoni bħal dik anki wara t-trasferiment 'il-barra mill-UE u dawk il-kondizzjonijiet għandhom ikunu rrispettati.

B'żieda, dawk li jimpjegaw għandhom jagħmlu sforzi raġonevoli biex jakkomodaw il-preferenzi ta' privatezza ta' l-impjegat. Dan jista' jinkludi, per eżempju, restrizzjoni ta' aċċess lejn *data*, l-anonimità ta' ċerti *data*, jew l-għoti ta' kodiċi jew psewdonomi meta l-ismijiet attwali ma jkunux meħtieġa ma' l-iskop ta' maneġġjar f'dak il-każ.

Sal-limitu u għall-perjodu meħtieġ biex ikunu evitati preġudizzji ta' l-interessi leġittimi ta' l-organizzazzjoni meta tagħmel promozzjonijiet, ħatriet, jew deċiżjonijiet oħra simili ta' impjieg, organizzazzjoni mhix obbligata li toffri avviż u għażla.

3. M: *Kif japplika l-Prinċipju ta' Aċċess?*

3. T: Il-FAQs dwar aċċess jipprovdu gwida dwar ir-raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw iċ-ċaħda jew il-limitu ta' aċċess fuq talba fil-kuntest ta' riżorsi umani. Naturalment, dawk li jimpjegaw fl-Unjoni Ewropea għandhom ikunu konformi mar-regolamenti lokali u jassiguraw li l-impjegati fl-Unjoni Ewropea jkollhom aċċess għal informazzjoni bħal dik skond kif meħtieġ b'liġi fil-pajjiżi tal-lokalità tagħhom, indipendentament mill-lokalità ta' fejn isir il-proċessar u l-ħażna tad-*data*. Il-port salv jeħtieġ li organizzazzjoni li tipproċessa *data* bħal dik fl-Istati Uniti tkun tikkopera billi tipprovdi dak l-aċċess jew direttament jew inkella permezz ta' dak li jimpjega fl-UE.

4. M: *Kif għandu dan l-infurzament ikun immaniġġjat dwar data rigward impjegat permezz tal-Prinċipji ta' Port Salv?*

4. T: Sal-limiti li informazzjoni tintuża biss fil-kuntest ta' relazzjoni ta' impjieg, responsabbiltà primarja għad-*data vis-a-vis* l-impjegat tibqa' mal-kumpanija fil-EU. Jirriżulta għalhekk, meta impjegati Ewropej jagħmlu ilmenti dwar vjolazzjonijiet tad-drittijiet tagħhom ta' protezzjoni ta' *data* u ma jkunux sodisfatti bir-riżultati ta' reviżjoni interna, ilment, u proċeduri ta' appell (jew xi proċedura applikabbli dwar ilmenti permezz ta' kuntratt ma' *trade union*), dawn għandhom ikunu diretti lejn l-istat jew lejn l-awtorità nazzjonali għall-protezzjoni ta' *data* jew awtorità dwar ix-xogħol bil-ġurisdizzjoni dwar fejn ikun jaħdem l-impjegat. Din tinkludi wkoll każi meta allegat abbuż ta' l-informazzjoni personali tagħhom tkun seħħet fl-Istati Uniti, tkun ir-responsabbiltà ta' l-organizzazzjoni U.S. li tkun irċeviet l-informazzjoni mingħand dak li jimpjega u mhux ta' min jimpjega u b'hekk tinvolvi l-allegat ksur tal-Prinċipji ta' Port Salv, aktar milli l-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva. Dan ikun l-aktar mod effettiv biex ikunu indirizzati d-drittijiet li ta' spiss jirkbu fuq xulxin u obbligazzjonijiet imposti minn liġi lokali dwar impjieg u arranġamenti ta' impjieg kif ukoll il-liġi dwar il-protezzjoni ta' *data*.

Organizzazzjoni tal-U.S. li tipparteċipa fil-port salv li tuża *data* ta' riżorsi umani ta' l-UE li jkunu ġew trasferiti mill-Unjoni Ewropea fil-kuntest tar-relazzjonijiet ta' impjieg u li tkun tixtieq li trasferimenti bħal dawk ikunu koperti b'port salv għandha għalhekk tikkommetti ruħha li tikkopera fl-investigazzjonijet minn u li tkun konformi mal-parir ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-UE f'każi bħal dawk. Id-DPA li jkunu qablu li jikkoperaw b'dan il-mod għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni Ewropea u lid-Dipartiment tal-Kummerċ. Jekk organizzazzjoni tal-U.S.

tipparteċipa fil-port salv tixtieq li tittrasferixxi *data* ta' riżorsi umani minn Stat Membru meta d-DPA ma jkunux qablu dwar dan, id-disposizzjonijiet ta' FAQ 5 għandhom ikunu applikabbli.

**FAQ 10 - Kuntratti ta' l-Artikolu 17**

M: *Meta data huwa trasferit mill-UE lejn l-Istati Uniti biss għal skopijiet ta' proċessar, kuntratt irid ikun meħtieġ, indipendentament mill-parteċipazzjoni ta' min jipproċessa fil-port salv?*

T: Iva. Kontrolluri tad-*data* fl-Unjoni Ewropea huma dejjem meħtieġa li jidħlu f'kuntratt meta trasferiment isir sempliċement għall-ipproċessar. Sewwa jekk l-operazzjoni ta' l-ipproċessar tkun imwettqa 'il ġewwa fl-UE jew 'il barra mill-UE. L-iskop tal-kuntratt huwa li jipproteġi l-interessi tal-kontrollur tad-*data*, i.e. il-persuna jew korp li jiddetermina l-iskopijiet u l-mezzi ta' l-ipproċessar, li jżomm ir-responsabbiltà totali għad-*data vis-a-vis* individu(wi) kkonċernat/i. Il-kuntratt għalhekk jispeċifika l-proċess li għandu jkun imwettaq u xi miżuri meħtieġa biex jassiguraw li d-*data* jinżammu fis-sigurtà.

Organizzazzjoni tal-U.S. li tipparteċipa fil-port salv u li tirċievi informazzjoni personali mill-UE sempliċement għall-ipproċessar għalhekk m'għandhiex tkun obbligata li tapplika l-Prinċipi lejn din l-informazzjoni, minħabba li l-kontrollur fl-UE jibqa' responsabbli dwarha *vis-a-vis* l-individwu bi qbil mad-disposizzjonijiet relevanti ta' l-UE (li jistgħu jkunu aktar iebsa minn dawk li huma ekwivalenti tal-Prinċipji ta' Port Salv).

Minħabba li protezzjoni adegwata hija pprovduta minn parteċipanti ta' port salv, kuntratti ma' parteċipanti ta' port salv sempliċement għall-ipproċessar ma jkunux jeħtieġu awtorizzazzjoni minn qabel (sew jekk awtorizzazzjoni bħal dik ma tkunx mogħtija awtomatikament mill-Istati Membri) hekk kif ikun meħtieġ għal kuntratti ma' dawk li jirċievu li ma jkunux jipparteċipaw fil-port salv jew b'mod ieħor ma jipprovdux protezzjoni adegwata.

**FAQ 11 - Riżolviment u Infurzar ta' Kwistjonijiet**

M: *Kif għandhom ħtiġiet ta' reżoluzzjoni ta' kwistjoni tal-Prinċipju ta' Infurzar ikunu implimentati, u kif għandha organizzazzjoni li kontinwament tonqos milli tkun konformi mal-Principji tkun trattata?*

T: Il-Prinċipju ta' Infurzar jistabbilixxi l-ħtiġiet ta' infurzar ta' port salv. Kif għandhom jintlaħqu l-ħtiġiet ta' punt (b) tal-Prinċipju huwa stabbilit fl-FAQ dwar il-verifikazzjoni (FAQ 7). Din il-FAQ 11 tindirizza punti (a) u (ċ), li t-tnejn li huma jeħtieġu mekkaniżmi ta' rikors indipendenti. Dawn il-mekkanizmi jistgħu jieħdu għamliet differenti, imma għandhom jilħqu l-ħtiġiet tal-Prinċipju ta' Infurzar. Organizzazzjonijiet jistgħu jissodisfaw il-ħtiġiet permezz ta' dan li ġej: (1) konformità ma' programmi ta' privatezza żviluppati mis-settur privat li jinkorporaw il-Prinċipji ta' Port Salv fir-regoli tagħhom u li jinkludu mekkaniżi effettivi ta' infurzar tat-tip deskritt fil-Prinċipju ta' Infurzar; (2) konformità ma' awtoritajiet legali ta' superviżjoni regolatorja li jipprovdu għall-immaneġġjar ta' ilmenti individwali dwar ir-reżoluzzjoni ta' tilwima; jew (3) impenn dwar koperazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' protezzjoni tad-data li jinstabu fl-Unjoni Ewropea jew tar-rappreżentanti awtorizzati tagħhom. Din il-lista hija intenzjonata li tkun illustrattiva u mhux biex tillimita. Is-settur privat jista' jiddisinja mekkaniżmi oħra biex jipprovdu infurzament, sakemm dawn jilħqu il-ħtiġiet tal-Prinċipju ta' Infurzament u l-FAQs. Mitlub tinnota li l-ħtiġiet tal-Prinċipji ta' Infurzament huma addizzjonali mal-ħtiġiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' l-introduzzjoni tal-Prinċipji li sforzi ta' regolazzjoni minnhom infushom għandha tkun inforzabbli permezz ta' l-Artikolu 5 ta' l-Att Federali tal-Kummissjoni tal-Kummerċ jew statut simili.

Mekkaniżmi ta' rikors.

Konsumaturi huma mħeġġa li jqajmu xi ilmenti li jista' jkollhom ma' l-organizzazzjoni relevanti qabel ma jipproċedu għal mekkaniżmi ta' rikors indipendenti. Meta mekkaniżmi ta' rikors indipendenti tkun kwistjoni fattwali li tista' tkun murija f'numru differenti ta' metodi, per eżempju, bil-kompożizzjoni trasparenti u l-iffinanzjament matul esperjenza magħrufa. Kif meħtieġ mill-prinċipju ta' l-infurzament, ir-rikors

disponibbli lejn individwi għandu jkun disponibbli mill-ewwel u bi prezz li jista' jiġi milħuq. Korpi ta' reżoluzzjoni ta' ilmenti għandhom iħarsu f'kull ilment li jirċievu minn individwi sa kemm dawn ma jkunu ovvjament bla bażi u frivoli. Din ma tipprekludix l-istabbiliment ta' ħtiġiet ta' eliġibbiltà mill-organizzazzjoni li topera l-mekkaniżmu ta' rikors, imma ħtiġiet bħal dawn għandhom ikunu trasparenti u ġġustifikati (per eżempju biex jeskludi ilmenti li joħorġu 'l barra mill-iskop tal-programm jew li huma għal konsiderazzjoni f'forum ieħor), u m'għandhomx ikollhom l-effett li jimminaw l-impenn biex ikunu studjati l-ilmenti leġittimi. B'żieda, mekkaniżmi ta' rikors għandhom ikunu pprovduti b'informazzjoni sħiħa u disponibbli mingħajr xkiel dwar kif il-proċedura ta' riżolviment tal-kwistjoni tkun taħdem meta huma jippreżentaw l-ilment. Informazzjoni bħal din għandha tinkludi avviż dwar il-prattiċi ta' mekkaniżmi ta' privatezza, b'konformità mal-Prinċipji ta' Port Salv ([1]). Għandhom ukoll jikkoperaw fl-iżvilupp ta' għodod bħal m'huma tipi ta' normi ta' ilmenti biex jiffaċilitaw il-proċess ta' riżolviment ta' lmenti.

Rimedji u Sanzjonijiet.

Ir-riżultat għal xi rimedji pprovduti mil-korp għar-riżolviment ta' kwistjoni għandu jkun li l-effetti tan-nuqqas ta' konformità ikunu mreġġa' lura jew ikkorreġuti mill-organizzazzjoni, dan kemm dan ikunu prattiku, u li proċessar fil-futur mill-organizzazzjoni għandu jkun b'konformità mal-Prinċipji u, fejn xieraq, li l-proċessar ta' *data* personali ta' l-individwu li jkun ressaq l-ilment tkun b'hekk imwaqqfa. Sanzjonijiet jeħtieġu li jkunu rigorużi biżżejjed biex jassiguraw konformità mill-organizzazzjoni mal-Prinċipji. Medda ta' sanzjonijiet li gradi varji ta' severità għandhom iħallu lill-korpi li jirriżolvu kwistjonijiet li jirrispondu kif xieraq għal gradi varji ta' nuqqas ta' konformità. Sanzjonijiet għandhom jinkludu kemm għal sejbiet pubbliċi ta' nuqqas ta' konformità u wkoll għal ħtieġa li tithassar *data* f'ċerti ċirkostanzi ([2]). Sanzjonijiet oħra jistgħu jinkludu sospenzjoni u tneħħija tas-siġill, kumpens għall-individwi għal telf li jsofru bħala riżultat ta' nuqqas ta' konformità u ordnijiet inġuntivi. Korpi ta' riżolviment ta' kwistjonijiet fis-settur privat u korpi li jirregolaw lilhom infushom għandhom jinnotifikaw in-nuqqasijiet ta' organizzazzjonijiet ta' port salv li jkunu konformi mad-deċiżjonijiet tagħhom lejn il-korp governattiv b'ġurisdizzjoni applikabbli jew lejn il-qrati, kif xieraq, u jinnotifikaw lid-Dipartiment tal-Kummerċ (jew lil dak innominat minnu).

Azzjoni FTC.

Il-Kunsill Federali tal-Kummerċ (FTC) ikkommetta ruħu li jirrevedi fuq bażi ta' priorità dawk is-suġġetti li jirċievi minn organizzazzjonijiet li jirregolaw lilhom infushom dwar il-privatezza, bħal ma huma BBB Online u TRUSTe, u Stati Membri ta' l-UE li jallegaw nuqqas ta' konformità mal-Prinċipji ta' Port Salv biex jiddeterminaw jekk Sezzjoni 5 ta' l-Att FTC ikun jipprojbixxi atti jew prattiċi nġusti jew qarrieqa fil-kummerċ, jekk ikunux ġew miksura. Jekk l-FTC tikkonkludi li hi jkollha raguni(jiet) biex temmen li Sezzjoni 5 tkun ġiet miksura, din tista' tirriżolvi l-materja billi tfittex waqfien amministrattiv u tibqa' lura milli tordna l-projbizzjoni li jħaqquha mal-prattiċi jew billi tippreżenta ilment fil-qorti federali tad-distrett, li jekk jirnexxi jkun jista' jirriżulta f'ordni minn qorti federali għall-istess skop. L-FTC tista' takkwista penalitajiet ċivili għal ksur ta' waqfien amministrattiv u tibqa' lura milli tordna u wkoll tista' ssegwi talba għal nuqqas ċivili jew kriminali għal vjolazzjonijiet ta' ordni ta' qorti federali. L-FTC għandha tinnotifika lid-Dipartiment tal-Kummerċ b'xi azzjonijiet li tieħu. Id-Dipartiment tal-Kummerċ jinkuraġixxi korpi oħra governattivi li jinnotifikaw lilu b'xi disposizzjonijiet finali dwar xi aspetti irriferuti lilu jew deċiżjonijiet oħra li jiddeterminaw osservanza mal-Prinċipji ta' Port Salv.

Nuqqas Persistenti ta' Konformità.

Jekk organizzazzjoni b'persistenza tonqos li tkun konformi mal-Prinċipji, din ma tkunx aktar intitolata għal benefiċċju minn port salv. Nuqqas persistenti li tkun konformi joriġina meta organizzazzjoni li tkun iċċertifikat lilha nnifsha lid-Dipartiment tal-Kummerċ (jew lil dak innominat minnu) tirrifjuta li tkun konformi ma' determinazzjoni finali minn xi korp governattiv jew li jirregola lilu nnifsu jew meta dak il-korp jiddetermina li organizzazzjoni tkun ta' spiss tonqos milli tkun konformi mal-Prinċipji sal-punt meta l-insistenza tagħha li hija konformi ma tkunx aktar kredibbli. F'dawn il-każi, l-organizzazzjoni għandha mill-ewwel tinnotifika lid-Dipartiment tal-Kummerċ (jew lil dak innominat minnu) b'dawn il-fatti. Nuqqas li tagħmel hekk jista' jkun azzjonabbli permezz ta' l-Att ta' Stqarrijiet Foloz (18 U.S.C. § 1001).

Id-Dipartiment (jew dak innominat minnu) għandu jindika fuq il-lista pubblika li hu jżomm ta' organizzazzjonijiet li jiċċertifikaw lilhom infushom l-osservanza lejn il-Prinċipji ta' Port Salv xi notifikazzjoni li dan jirċievi ta' nuqqas persistenti mal-konformità, seww jirċievi dan mill-organizzazzjoni innifisha, minn korp li jirregola lilu nnifsu, jew minn korp governattiv, imma biss wara li jipprovdi tletin (30) jum avviż u opportunità li jwieġeb lill-organizzazzjoni li tkun naqset li tkun konformi. Għalhekk, il-lista pubblika miżmuma mid-Dipartiment tal-Kummerċ (jew dak innominat minnu) għandu jagħmilha ċara liema organizzazzjonijiet huma assigurati u liema organizzazzjonijiet ma huma aktar assigurati bil-benefiċċji ta' port salv.

(1) Mhux meħtieġ li jkun ipprovdut avviż jew għażla meta l-iżvelar iseħħ minn parti terza li tkun taġixxi bħala aġent biex iwettaq id-dover(i) għan-nom ta' jew permezz ta' istruzzjonijiet mill-organizzazzjoni. Il-Prinċipji ta' Trasferiment 'il Quddiem. Min-naħa l-oħra, mhux applikabbli għal żvelar bħal dan.

(2) Korpi ta' riżolviment ta' kwistjonijiet għandhom id-diskrezzjoni dwar iċ-ċirkostanzi li fihom huma jużaw dawn is-sanzjonijiet. Is-sensittività ta' data li jikkonċernaw fattur wieħed li għandu jkun ikkunsidrat meta jkun deċiż jekk it-thassir ta' data għandux ikun meħtieġ, dwar jekk organizzazzjoni tkunx ġabret, użat jew żvelat informazzjoni b'kontravenzjoni sfaċċata tal-Prinċipji.

Organizzazzjoni li tapplika biex tipparteċipa f'korp li jirregola lilu nnifsu għall-iskopijiet li tikkwalifika mill-ġdid għal port salv għandha tipprovdi lil dak il-korp b'informazzjoni sħiħa dwar il-parteċipazzjoni preċedenti tagħha f'port salv.

**FAQ 12 - Għażla - Żmien biex toħroġ 'il barra**

M: *Dan il-Prinċipju ta' Għażla għandu jippermetti individwu li jeżerċita għażla biss bil-bidu ta' relazzjoni jew fi kwalunkwe ħin?*

T: Ġeneralment, l-iskop tal-Prinċipju ta' Għażla huwa li jassigura li informazzjoni personali tkun użata u żvelata f'manjieri li huma konsistenti ma' l-istennijiet u l-għażliet ta' l-individwu. Għalhekk, individwu għandu jkun jista' jeżerċita "li joħroġ 'il barra" (jew għażla) li jkollu informazzjoni personali użata għal kummerċ dirett fi kwalunkwe ħin suġġett għal limiti raġjonevoli stabbiliti mill-organizzazzjoni, bħalma hu li l-organizzazzjoni tingħata żmien biex tagħmel il-ħruġ effettiv. Organizzazzjoni tista' wkoll teħtieġ informazzjoni suffiċjenti biex tikkonferma l-identità ta' l-individwu li jitlob li "jinħareġ 'il barra". Fl-Istati Uniti, individwi jistgħu jkunu jeżerċitaw din l-għażla permezz ta' l-użu ta' programm ċentrali ta' "ħruġ 'il barra" bħalma hu s-Servizz Preferenzjali tal-Posta ta' Assoċjazzjoni ta' Kummerċ Dirett. Organizzazzjonijiet li jipparteċipaw fis-Servizz Preferenzjali tal-Posta ta' Assoċjazzjoni ta' Kummerċ Dirett għandhom jirreklamaw id-disponibbiltà tagħhom lejn il-konsumaturi li ma jixtiequx li jirċievu informazzjoni kummerċjali. Fi kwalunkwe każ, individwu għandu jkollu mekkaniżmu disponibbli mill-ewwel u li jkun jista' jaffordjah biex jeżerċita din l-għażla.

L-istess, organizzazzjoni tista' tuża informazzjoni għal ċerti skopijiet ta' kummerċ dirett meta ma jkunx prattikabbli li tipprovdi lil individwu bl-opportunità li joħroġ 'il barra qabel ma tuża l-informazzjoni, jekk l-organizzazzjoni mill-ewwel tagħti lill-individwu dik l-opportunità fl-istess waqt (u fuq talba fi kwalunkwe ħin) li jiċħad (mingħajr spejjez għall-individwu) li jirċievi aktar komunikazzjonijiet ta' kummerċ dirett u l-organizzazzjoni tkun konformi max-xewqat ta' l-individwu.

**FAQ 13 - Informazzjoni ta' Vjaġġar**

M: *Meta jistgħu ir-riservazzjoni ta' passiġier fuq linja ta' l-ajru jew informazzjoni oħra ta' l-ivjaġġar, bħalma hija l-ivjaġġar ta' spiss jew informazzjoni dwar riservazzjoni f'lukandi u ħtiġiet ta' trattament speċjali, bħalma huma ikliet biex jissodisfaw ħtiġiet reliġjużi jew assistenza fiżika, ikunu trasferiti lejn organizzazzjonijiet lokalizzati 'il-barra mill-UE?*

T: Informazzjoni bħal din tista' tkun trasferita f'diversi ċirkostanzi differenti. Permezz ta' l-Artikolu 26 tad-Direttiva, *data* personali jistgħu kunu ttrasferiti "lejn pajjiż terz li ma jassigurax livell adegwat ta' protezzjoni fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 25(2)" bil-kondizzjoni li din (1) tkun meħtieġa biex tipprovdi s-servizzi mitluba mill-konsumatur jew li twettaq it-termini ta' ftehim, bħal ma huwa l-ftehim ta' "titjiriet ta' spiss"; jew (2) ikun hemm kunsens mingħajr ambigwità dwar dan mill-konsumatur, organizzazzjonijiet U.S. li jissottoskrivu ma' port salv, jipprovdu protezzjoni adegwata għal *data* personali u jistgħu għalhekk jirċievu trasferimenti ta' *data* mill-UE mingħajr ma jintlaħqu dawk il-kondizzjonijiet jew kondizzjonijiet oħra stabbilit fl-Artikolu 26 tad-Direttiva. Ladarba l-port salv jinkludi reġoli speċifiċi għal informazzjoni sensittiva, informazzjoni bħal din (li tista' tkun meħtieġa li tingħabar, per eżempju, b'konnessjoni mal-ħtiġiet tal-konsumatur għal għajnuna fiżika) tista' tkun inkluża fi trasferimenti ta' parteċipanti lejn post salv. Fil-każi kollha, b'dana kollu, l-organizzazzjoni li tittrasferixxi l-informazzjoni għandha tirrispetta l-liġi ta' l-Istat Membru ta' l-UE li fih tkun topera, li tista', *inter alia*, timponi kondizzjonijiet speċjali għall-immaniġġjar ta' *data* sensittivi.

**FAQ 14 - Prodotti Farmaċewtiċi u Mediċinali**

1\. M: *Jekk data personali miġbura fl-EU u ttrasferiti lejn l-Istati Uniti għal riċerka farmaċewtika u/jew skopijiet oħra, għandhom il-liġijiet ta' l-Istati Membri jkunu applikabbli għal Prinċipji ta' Port Salv?*

1\. T: Liġi ta' Stati Membri tapplika għal ġbir ta' *data* personali u għal xi proċessar li jseħħ qabel it-trasferiment lejn l-Istati Uniti. Il-Prinċipji ta' Port Salv japplikaw għal *data* ladarba dawn ikunu ġew trasferiti lejn l-Istati Uniti. *Data* użati għal riċerka farmaċewtika u skopijiet oħra għandhom jingħataw għamla anonima meta dan ikun xieraq.

2\. M: *Data personali żviluppati f'riċerki ta' studji speċifiċi mediċi jew farmaċewtiċi ta' spiss ikollhom rwol ta' valur f'riċerka xjentifika futura. Meta data personali miġbura għal riċerka waħda ta' studju jkunu trasferiti lejn organizzazzjoni tal-U.S. fil-port salv, tista' l-organizzazzjoni tuża d-data għal riċerka xjentifika ġdida?*

2. T: Iva, jekk avviż xieraq u għażla tkun ġiet ipprovduta fl-ewwel istanza. Avviż bħal dan għandu jipprovdi informazzjoni dwar xi użu futur speċifiku tad-*data*, bħal ma huwa aġġornament perjodiku, studji relatati, jew kummerċ. Huwa miftiehem li mhux l-użu futur kollu tad-*data* jista' jkun speċifikat, ladarba l-użu ta' riċerka ġdida tista' toriġina minn ħsieb dwar id-*data* oriġinali, skoperti u avvanzi ġodda mediċinali, u żviluppi regolatorji dwar saħħa pubblika. Meta xieraq, avviż għandu għalhekk jinkludi spjegazzjoni li d-*data* personali jistgħu jkunu użati f'attivitajiet ta' riċerka futura medika u farmaċewtika li ma humiex anteċipati. Jekk l-użu ma jkunx konsistenti ma' l-iskop(ijiet) ġenerali ta' riċerka li dwarha d-*data* kienu originarjament miġbura, jew li dwarhom l-individwu jkun sussegwentament ta l-kunsens tiegħu, kunsens ġdid għandu jkun akkwistat.

3. M: *X'jiġri mid-data ta' individwu jekk parteċipant jiddeċiedi voluntarjament jew fuq talba ta' min jospita li jitwarrab mill-prova klinika?*

3. T: Parteċipanti jistgħu jiddeċiedu jew ikunu mitluba li joħorġu fi kwalunkwe ħin mill-provi kliniċi. Xi *data* miġbura qabel il-ħruġ jistgħu xorta waħda jkunu pproċessati flimkien ma' *data* oħra miġbura bħala parti minn prova klinikali, b'dana kollu, jekk dan kien ġie spjegat ċar lill-parteċipant fl-avviż fil-waqt li hu jew hi jkunu qablu li jipparteċipaw.

4. M: *Kumpaniji ta' apparat farmaċewtiku u mediku għandhom il-permess li jipprovdu data personali minn provi kliniċi mwettqa fl-UE lil regolaturi fl-Istati Uniti għal skopijiet regolatorji u ta' superviżjoni. Huma trasferimenti simili permissibli lejn partijiet apparti minn regolaturi, bħalma huma l-lokalitajiet ta' kumpanija u riċerkaturi oħra?*

4. T: Iva, konsistenti mal-Prinċipji ta' Avviż u Għażla.

5. M: *Biex tkun assigurata l-objettività fid-diversi provi kliniċi, parteċipanti, u ta' spiss investigaturi, kif ukoll, ma jistgħux ikollhom aċċess lejn informazzjoni liema trattament kull parteċipant jista' jirċievi. Li jagħmlu dan jista' jfixkel il-validità ta' l-istudju ta' riċerka u r-riżultati. Għandhom parteċipanti fi provi kliniċi bħal dawn (irreferuti bħala studju "għomja") ikollhom aċċess lejn data dwar it-trattament tagħhom matul il-prova?*

5. T: Le, aċċess bħal dan ma hemmx bżonn li jkun ipprovdut lil parteċipant jekk din ir-restrizzjoni tkun ġiet spjegata meta l-parteċipant ikun daħal għal prova u l-iżvelar ta' informazzjoni bħal dik tkun tifxkel l-integrità ta' l-isforz tar-riċerka. Ftehim biex jipparteċipa fi prova skond dawn il-kondizzjonijiet hija raġjonevoli li jitneħħa d-dritt ta' aċċess. Wara l-konklużjoni tal-prova u l-analiżi tar-riżultati, parteċipanti għandhom ikollhom aċċess għad-*data* tagħhom jekk huma jitolbu dan. Għandhom ifittxu primarjament din id-*data* mill-fiżiku (tabib) jew dak l-ieħor li jipprovdi kura tas-saħħa li minn għandu jkunu rċevew it-trattament waqt il-provi kliniċi, jew sekondarjament mill-kumpanija li tkun sponsorjat il-provi.

6. M: *Għandha ditta tal-farmaċewtiċi jew ta' apparat mediku jkollha tapplika l-Prinċipji ta' Port Salv fir-rigward ta' avviż, għażla, trasferiment 'il quddiem, u aċċess għas-sigurtà ta' prodotti tagħha u li b'effiċjenza tagħmel monitoraġġ fuq l-attivitajiet, inklużi r-rapurtaġġ ta' avvenimenti li jmorru ħażin u tfittix ta' pazjenti/suġġetti li jużaw ċerti mediċini jew apparat mediku (e.g. apparat li jħaddem il-qalb)?*

6. T: Le, il-limitu ta' osservanza mal-Prinċipji għandu kunflitt mal-konformità mal-ħtiġiet regolatorji. Dana jgħodd kemm fir-rigward ta' rapporti minn, per eżempju, dawk li jipprovdu kura tas-saħħa, għal kumpanija ta' farmaċija u ta' apparat mediku, u fir-rigward ta' rapporti minn kumpanija tal-farmaċija u apparat mediku lejn aġenziji governattivi bħalma hija l-Amministrazzjoni ta' Ikel u Drogi.

7. M: *Mingħajr dubju, data dwar sthariġ huma unikament ikkodifikati fl-oriġinu tagħhom mill-investigatur ewlieni sa biex ma tkun żvelata l-identità ta' dawk l-individwi li jkunu is-suġġett tad-data. Kumpanija tal-Farmaċija li jisponsorjaw riċerka bħal din ma jirċevux iċ-ċavetta għal din il-kodiċi. Iċ-ċavetta unika tal-kodiċi hija miżmuma biss mir-riċerkatur, sabiex hu/hi jkun jista' jidentifika s-suġġett tar-riċerka skond ċirkostanzi speċjali (e.g. segwiment ta' attenzjoni medika jekk ikun hemm il-ħtieġa għal dan). Għandu għalhekk trasferiment mill-UE lejn l-Istati Uniti ta' data kkodifikata b'dan il-mod jikkostitwixxi trasferiment ta' data personali li huma suġġetti għall-Prinċipji ta' Port Salv?*

7. T: Le. Dan ma jikkonstitwixxix trasferiment ta' data personali li għandhom ikunu suġġetti għall-Prinċipji.

**FAQ15 - Reġistri Pubbliċi u Informazzjoni Disponibbli għal Pubbliku**

M: *Huwa meħtieġ li jkunu applikati l-Prinċipji ta' Avviż, Għażla u Trasferiment 'il Quddiem għal informazzjoni tar-reġistru pubbliku jew informazzjoni disponibbli għall-pubbliku?*

T: Mhux meħtieġ li jkunu applikati l-Prinċipji ta' Avviż, Għażla jew Trasferiment 'il Quddiem għal reġistri ta' informazzjoni pubblika, sakemm dawn ma jkunux marbuta ma' informazzjoni f'reġistri li ma humiex pubbliċi u sakemm il-kondizzjonijiet għal konsultazzjoni stabbiliti mill-ġurisdizzjoni relevanti jkunu rispettati.

Ukoll, ġeneralment mhux meħtieġ li jkunu applikati l-Prinċipji ta' Avviż, Għażla jew Trasferiment 'il Quddiem lil informazzjoni li hija pubblikament disponibbli sakemm dak l-Ewropew li jittrasferixxi jindika li informazzjoni bħal dik hija suġġetta għal restrizzjonijiet li jeħtieġu l-applikazzjoni ta' dawk il-Prinċipji mill-organizzazzjoni dwar l-użu li jkollha l-intenzjoni li tagħmel. Organizzazzjonijiet m'għandhom ikollhom l-ebda responsabbiltà dwar kif informazzjoni bħal dik tkun użata minn dawk li jakkwistaw dik l-informazzjoni mill-materjali ppubblikati.

Meta organizzazzjoni tinstab li tkun intenzjonalment għamlet informazzjoni personali pubblika b'kontravenzjoni tal-Prinċipji sabiex oħrajn ikunu jistgħu jibbenefikaw minn dawn l-eċċezzjonijiet, din għandha tieqaf milli tikkwalifika għall-benefiċċji ta' port salv.

*ANNESS III*

## Ħarsa Ġenerali dwar l-Infurzament ta' Port Salv

## Awtorità Federali u ta' l-Istat dwar "Prattiċi Inġusti jew Qarrieqa" u Privatezza

Dan il-memorandum jagħti ħarsa ġenerali dwar l-awtorità tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ (FTC) permezz ta' Sezzjoni 5 ta' l-Att Federali tal-Kummissjoni tal-Kummerċ (15 U.S.C. §§ 41-58, kif emendat) biex tittieħed azzjoni kontra dwak li jonqsu li jipproteġu l-privatezza ta' informazzjoni personali bi qbil mar-rappreżentazzjonijiet tagħhom u/jew impenji biex isir dan. Din tindirizza wkoll l-eċċezzjonijiet għal dik l-awtorità u l-abbiltà ta' aġenziji oħra federali u ta' l-istat li jieħdu azzjoni meta l-FTC ma jkollhiex awtorità ([1]).

### Awtorità ta' l-FTC dwar Prattiċi Inġusti u Qarrieqa

Sezzjoni 5 ta' l-Att Federali tal-Kummissjoni dwart il-Kummerċ jiddikjara "atti jew prattiċi inġusti u qarrieqa fil- jew li jaffetwaw il-kummerċ" bħala illegali. 15 U.S.C. § 45(a)(1). Sezzjoni 5 tagħti lill-FTC poter plenarju biex ma tħallix li jsiru atti u prattiċi bħal dawn. 15 U.S.C. § 45(a)(2). Għalhekk, l-FTC tista', meta twettaq smiegħ formali, li toħroġ "ieqaf u tkomplix" sabiex twaqqaf dik il-kondotta li toffendi. 15 U.S.C. § 45(b). Jekk ikunu fl-interss pubbliku li jsir dan, l-FTC tista' wkoll tfittex ordni temporanja ta' restrizzjoni jew inġunzjoni temporanja jew permanenti f'qorti distrettwali tal-U.S. 15 U.S.C. § 53(b). F'każi meta jkun hemm xejra ġenerali ta' atti u prattiċi inġusti jew qarrieqa, jew meta diġà tkun ħarġet ordnijiet biex tieqaf u ma tkomplix dwar il-materja, l-FTC tista' xxandar regola amministrattiva li tippreskrivi l-atti jew prattiċi involuti. 15 U.S.C. § 57a.

Xi ħadd li ma jkunx konformi ma' ordni ta' l-FTC ikun suġġett għal penali ċivili sa massimu ta' USD 11 000, ma' kuljum li fih tkompli l-vjolazzjoni li tikkostitwixxi vjolazzjoni separata ([2]). 15 U.S.C. § 45(1). L-istess, xi ħadd li konxjament jagħmel vjolazzjoni għal regola ta' l-FTC jkun suġġett għal USD 11 000 għal kull vjolazzjoni. 15 U.S.C. § 45(m). Azzjonijiet ta' nfurzar jistgħu jitressqu jew mid-Dipartiment tal-Ġustizzja, jew jekk dan jiċħad li jagħmel hekk, mill-FTC. 15 U.S.C. § 56.

### Awtorità u Privatezza tal-FTC

Fl-eżerċitar ta' l-awtorità tagħha ta' Sezzjoni 5, l-FTC tista' tieħu l-posizzjoni li rappreżentazzjoni ħażina l-għala informazzjoni tkun qiegħda tiġi miġbura minn konsumaturi jew kif l-informazzjoni tkun sejra tiġi użata toħloq prattika qarrieqa ([3]). Per eżempju, fl-1998, l-FTC ippreżentat każ kontra *GeoCities* talli żvelat informazzjoni li hi kienet ġabret minn fuq il-*website* tagħha lejn partijiet terzi għall-iskop ta' stedin, u mingħajr permess bil-Quddiem, avolja r-rappreżentazzjonijiet tagħha kienu bil-maqlub ([4]). L-impjegati ta' l-FTC jisħqu wkoll li l-ġbir ta' informazzjoni personali minn għand tfal, u l-bejgħ u l-iżvelar ta' dik l-informazzjoni, mingħajr il-kunsens tal-ġenituri tagħhom aktarx li tkun prattika inġusta ([5]).

(1) Hawn hekk aħna ma niddiskutux il-varji statuti federali li jindirizzaw il-privatezza f'kuntesti speċifiċi jew statuti ta' stati u liġi komuni li jistgħu jkunu applikabbli. Statuti fil-livell federali li jirregolaw il-ġbir kummerċjali u l-użu ta' informazzjoni personali, jinkludu l-Att ta' Strateġija ta' Komunikazzjoni bil-Cable (47 U.S.C. § 551), l-Att ta' Protezzjoni ta' privatezza tas-Sewwieq (18 U.S.C. § 2721), l-Att ta' Privatezza ta' Komunikazzjonijet Elettroniċi (18 U.S.C. § 2701 et seq.), l-Att tat-Trasferimenti ta' Fondi Elettroniċi (15 U.S.C. §§ 1693, 1693m), l-Att ta' Rappurtaġġ Ġust ta' Kreditu (15 U.S.C. § 1681 et seq.), l-Att tad-Dritt ta' Privatezza Finanzjarja (12 U.S.C. § 3401 et seq.), l-Att tal-Protezzjoni tal-Konsumatur tat-Telefon (47 U.S.C. § 227), u l-Att ta' Protezzjoni ta' Privatezza tal-Video (18 U.S.C. § 2710), fost oħrajn. Ħafna statuti għandhom leġislazzjoni analoga f'dawn l-oqsma. Ara, e.g., Mass. Gen. Laws ch. 167B, § 16 (li jipprojbixxu istituzzjonijiet finanzjarji milli jiżvelaw ir-rekords finanzjarji ta' klijent lejn parti terza mingħajr ma la jkun hemm il-kunsens tal-klijent u lanqas bi proċess legali) N.Y. Pub. Health Law § 17 (li tillimita l-użu u l-iżvelar ta' rekords mediċi u mentali u li tagħti d-dritt lill-pazjenti għal aċċess lejn dawn).

(2) F'azzjoni bħal din, il-qorti distrettwali ta' l-Istati Uniti tista' wkoll tordna inġuntiva u ħelsien ekwitabbli li jkun xieraq biex tkun infurzata l-ordni FTC. 15 U.S.C. § 45(1).

(3) "Prattika qarrieqa" hija definita bħala rappreżentazzjoni, ommissjoni jew prattika li aktarx li tfixkel konsumaturi f'mod materjali.

(4) Ara www.ftc.gov/opa/1998/9808/geocitie.htm.

(5) Ara ittra lill-impjegati taċ-Ċentru ta' Edukazzjoni tal-*Media*, www.ftc.gov/os/1997/9707/cenmed.htm. B'żieda, l-Att ta' Protezzjoni ta' Privatezza *Online* tat-Tfal jagħti lill-FTC awtorità legali speċifika biex tirregola l-ġbir ta' informazzjoni personali minn tfal permezz ta' *website* u servizz ta' operaturi *online*. Ara 15 U.S.C. § 6501-6506. Partikolarment, l-att jeħtieġ li operaturi *online* jagħtu avviż u jakkwistaw kunsens paternali verifikabbli qabel il-ġbir, qabel l-użu, jew qabel l-iżvelar ta' informazzjoni personali mingħand it-tfal. *Id.*, § 6502(b). L-Att jagħti wkoll lill-ġenituri d-dritt ta' aċċess u li jiċħdu permess għal użu kontinwu ta' l-informazzjoni. *Id.*

F'ittra lid-Direttur Ġenerali John Mogg tal-Kummissjoni Ewropea, il-President tal-FTC Pitofsky innota l-limitazzjonijiet fuq l-awtorità tal-FTC li tipproteġi privatezza meta ma jkunx hemm misrappreżentazzjoni (jew assolutament l-ebda rappreżentazzjoni) dwar kif l-informazzjoni miġbura kellha tkun użata. L-Ittra ta' Pitofsky tal-President tal-FTC lil John Mogg (Settembru 23, 1998). B'dana kollu, kumpaniji li jixtiequ li jagħmlu użu mill-propost "port salv" iridu jkunu ċċertifikaw li huma jkunu sejrin jipproteġu l-informazzjoni li jiġbru bi qbil mal-linji ta' gwida preskritti. Konsegwentament, meta kumpanija tiċċertifika li hija tkun sejra tissalvagwarda l-privatezza ta' informazzjoni mbagħad tonqos milli tagħmel hekk, azzjoni bħal din tkun misrappreżentazzjoni u "prattika qarrieqa" fil-qofol ta' dak li tfisser Sezzjoni 5.

Minħabba li l-ġurisdizzjoni ta' l-FTC testendi lejn atti jew prattiċi inġusti jew qarrieqa "fil-jew li jaffetwa l-kummerċ", l-FTC ma jkollhiex ġurisdizzjoni fuq il-ġbir u użu ta' informazzjoni personali għal skopijiet mhux kummerċjali, per eżempju l-ġbir ta' fondi għal karità. Ara l-ittra ta' Pitofsky, p. 3. B'dana kollu, l-użu ta' informazzjoni personali f'xi transazzjoni kummerċjali tkun tiġġustifika din l-affermazzjoni ġuridika. Hekk, per eżempju, l-bejgħ minn dak li jimpjega l-informazzjoni personali dwar l-impjegati tiegħu direttament lejn negozjant twassal għat-transazzjoni fl-iskop ta' Sezzjoni 5.

**Sezzjoni 5 Eżenzjonijiet**

Sezzjoni 5 stabbilixxiet eżenzjonijiet għall-awtorità ta' l-FTC dwar atti jew prattiċi inġusti jew qarrieqa fir-rigward ta':

— istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi banek, tfaddil u self, u għaqdied ta' kreditu;

— telekomunikazzjonijiet u trasportaturi komuni interstatali;

— trasportaturi bl-ajru; u

— dawk li jippakkjaw u operaturi ta' mħażen.

Ara 15 U.S.C. § 45(a)(2). Niddiskutu kull eċċezzjoni, u l-awtorità regolatorja li tieħu l-post tagħha, hawn taħt.

*Istituzzjonijiet Finanzjarji* ([1])

L-ewwel eżenzjoni tapplika għal "banek, istituzzjonijiet ta' tfaddil u self deskritti f'sezzjoni 18(f)(3) ġ15 U.S.C. § 57a(f)(3)ħ" u "Għaqdiet Federali ta' Kreditu deskritti f'sezzjoni 18(f)(4) ġ15 U.S.C. § 57a(f)(4)ħ" ([2]). Dawn l-istituzzjonijiet finanzjarji huma minflok suġġetti għar-regolamenti maħruġa mill-Board Federali ta' Riserva, l-Uffiċju ta' Superviżjoni ta' Tfaddil ([3]), u Board ta' l-Amminstrazzjoni ta' l-Unjoni ta' Kreditu Nazzjonali, rispettivament. Ara 15 U.S.C. § 57a(f). Dawn l-aġenziji regolatorji huma avżati li jippreskrivu r-regolamenti meħtieġa biex ma jħallux prattiċi inġusti u qarrieqa minn dawn l-istituzzjonijiet finanzjari ([4]) u biex jistabbilixxu diviżjoni separata biex tamministra ilmenti mill-konsumatur. 15 U.S.C. § 57a(f)(1). Finalment, awtorità għall-infurzar toħroġ minn sezzjoni 8 ta' l-Att Federali ta' Assigurazzjoni dwar id-Depożiti (12 U.S.C. § 1818), għal banek u tfaddil u self, u sezzjonijiet 120 u 206 ta' l-Att Federali ta' Għaqda ta' Kreditu, għal Għaqdiet Federali ta' Kreditu. 15 U.S.C. §§ 57a(f)(2)-(4).

Għalkemm l-industrija ta' assigurazzjoni mhix speċifikament inkluża fil-lista ta' eżenzjonijiet f'Sezzjoni 5, l-Att McCarran-Ferguson (15 U.S.C. § 1011 et seq.) ġeneralment iħalli r-regolazzjoni tan-negozju ta' assigurazzjoni f'idejn

([1]) Fit-12 ta' Novembru 1999, President Clinton iffirma il-Gramm-Leach-Bliley Act (Pub. L. 106-102, ikkodifikat 15 U.S.C. § 6801 et seq.) bħala liġi. L-Att jillimita l-iżvelar minn istituzzjonijiet finanzjarji ta' informazzjoni personali dwar il-klijenti tagħhom. L-Att jeħtieġ li istituzzjonijiet finanzjarji, *inter alia*, javżaw lill-klijenti kollha bl-istrateġija tagħhom dwar privatezza u prattiċi fir-rigward ta' tpartit ta' informazzjoni personali ma' affiljati u ma' dawk li mhumiex affiljati. L-Att jawtorizza lill-FTC, lill-awtoritajiet Federali bankarji u lill-awtoritajiet oħra li jwaqqu regolamenti biex jimplimentaw il-protezzjonijiet ta' privatezza meħtieġa mill-istatut. L-aġenziji ppubblikaw proposti ta' regolamenti għal dan l-iskop.

([2]) Bit-termini tagħha, din l-eċċezzjoni ma tapplikax għas-settur ta' sigurtajiet. Għalhekk, sensara, negozjanti u oħrajn fl-industrija tas-sigurtajiet huma suġġetti għal ġurisdizzjoni konkorrenti tal-Kummissjoni dwar Sigurtajiet u Kambju u l-FTC fir-rigward ta' atti u prattiċi inġusti u qarrieqa.

([3]) L-eċċezzjoni f'Sezzjoni 8 oriġinarjament irreferiet għall-Bord Federali ta' Self mill-Bank fuq id-Djar li kienet ġiet abolita f'Awissu 1989 mir-Riforma ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji, l-Att ta' Rkupru u Infurzar ta' l-1989. Il-funzjonijiet tagħha kienu ġew trasferiti lill-Uffiċċju ta' Superviżjoni ta' Tfaddil u lejn il-Korporazzjoni Ta' Riżoluzzjoni ta' Fiduċja, il-Korporazzjoni Federali ta' Assigurazzjoni dwar Depożiti, u l-Bord ta' Finanzjamant tad-Djar.

([4]) Waqt li tneħħi istituzzjonijiet finanzjarji mill-ġurisdizzjoni tal-FTC, Sezzjoni 5 tistipula wkoll li kull meta l-FTC toħroġ regola dwat atti u prattiċi inġusti jew qarrieqa, il-Bordijiet regolatorji tal-finanzi għandhom jadottaw regolamenti parallelli fi żmien 60 jum. Ara 15 U.S.C. § 57a(f)(1).

stati individwali (1). Aktar minn hekk, bis-saħħa ta' sezzjoni 2(b) ta' l-Att McCarran-Ferguson, l-ebda liġi federali m'għandha tinvalida, tfixkel, jew tissupera regolament ta' l-istat "sakemm l-Att speċifikament jirrigwarda n-negozju ta' assigurazzjoni." 15 U.S.C. § 1012(b). B'dana kollu, id-disposizzjonijiet ta' l-Att FTC japplika għal l-industrija ta' l-assigurazzjoni "sal-limitu li dak in-negozju ma jkunx regolat b'liġi ta' Stat." *Id.* Għandu jkun innutat li McCarren-Ferguson jiddifferixxi lejn l-istati biss fir-rigward ta' "negozju ta' assigurazzjoni." Għalhekk, l-FTC żżomm l-awtorità residwa fuq prattiċi inġusti u qarrieqa minn kumpaniji ta' assigurazzjoni meta dawn ma jkunux involuti fin-negozju ta' assigurazzjoni. Dan jista' jinkludi, per eżempju, meta assiguraturi jbiegħu informazzjoni personali dwar li jkollhom polza minn tagħhom biex jidderieġu negozjaturi ta' prodotti mhux ta' assigurazzjoni (2).

*Trasportaturi Komuni*

L-eċċezzjoni tat-tieni Sezzjoni 5 testendi għal dawk it-trasportaturi komuni li huma "suġġetti għall-atti li jirregolaw il-kummerċ." 15 U.S.C. § 45(a)(2). F'dan il-każ, l-"Att li jirregola l-kummerċ" jirreferi għal sub-titolu IV ta' Titolu 49 tal-Kodiċi ta' l-Istati Uniti u għall-Att tal-Komunikazzjonijiet tal-1934 (47 U.S.C. § 151 et seq.) (l-Att tal-Komunikazzjonijiet). Ara 15 U.S.C. § 44.

49 U.S.C. sub-titolu IV (Trasportazzjoni Interstatali) tkopri trasportaturi bil-ferroviji, trasportaturi bil-vetturi, trasportaturi ta' fuq l-ilmijiet, sensara, dawk li jibagħtu merkanzija, u trasportaturi permezz ta' pajpijiet. 49 U.S.C. § 10101 *et seq*. Dawn il-varji trasportaturi komuni huma suġġetti għal regolament mill-Board ta' Trasport fuq l-Arti, aġenzija indipendenti fid-Dipartiment tat-Trasportazzjoni. 49 U.S.C. §§ 10501, 13501, u 15301. F'kull każ, it-trasportatur huwa ipprojbit milli jiżvela informazzjoni dwar in-natura, id-destinazzjoni u l-aspetti l-oħra tal-merkanzija tiegħu li tista' tkun użata għad-detriment ta' min jagħmel il-ġarr. Ara 49 U.S.C. §§ 11904, 14908, u 16103. Aħna ninnutaw li dawn id-disposizzjonijiet jirreferu għal informazzjoni li tirrigwarda l-merkanzija ta' min iġorr u għalhekk ma jkunx jidher li jestendi għal informazzjoni personali dwar min iġorr li ma hijiex relatata għal konsenja in kwestjoni.

Dwar l-Att ta' Komunikazzjoni, dan jipprovdi għar-regolament ta' "kummerċ intersatatali u barrani b'komunikazzjoni permezz ta' fili u radju" mill-Kummissjoni Federali tal-Komunikazzjonijiet (FCC). Ara 47 U.S.C. §§ 151, u 152. B'żieda ma' kumpaniji ta' trasportaturi komuni ta' telekomunikazzjonijiet, l-Att tal-Komunikazzjonijiet ukoll huwa applikabbli għal kumpaniji bħalma huma xandara tat-televiżjoni u radju u dawk li jipprovdu servizz bil-*cable* li mhumiex trasportaturi komuni. Bħala tali, dawn il-kumpaniji ta' l-aħħar ma jikkwalifikawx għall-eżenzjoni permezz ta' Sezzjoni 5 ta' l-Att tal-FTC. Għalhekk, l-FTC għandha ġurisdizzjoni biex tinvestiga dawn il-kumpaniji dwar prattiċi inġusti u qarrieqa, waqt li l-FCC għandha ġurisdizzjoni kontinwa biex tenforza l-awtorità indipendenti tagħha f'dan il-qasam kif deskritt hawn taħt.

Permezz ta' l-Att tal-Komunikazzjonijiet, "kull trasportatur tat-telekomunikazzjonijiet", inklużi trasportaturi ta' kambju lokali, għandu d-dmir li jipproteġi l-privatezza ta' informazzjoni proprjetarja tal-konsumatur (3). 47 U.S.C. § 222(a). B'żieda ma din l-awtorità ġenerali ta' protezzjoni ta' privatezza, l-Att tat-Komunikazzjonijet kien emendat mill-Att ta' Strateġija dwar Komunikazjoni ta' *Cable* tal-1984 (l-Att tal-*Cable*), 47 U.S.C. § 521 et seq., biex jawtorizża speċifikament li operaturi tal-*cable* jipproteġu l-privatezza ta' "informazzjoni personalment identifikabbli" dwar dawk li jabbinaw fil-*cable*.47 U.S.C. § 551 (4). L-Att tal-*Cable* jirrestrinġi l-ġbir ta' informazzjoni personali minn operaturi tal-*cable* u teħtieġ li operatur tal-*cable* jinnotifika lill-abbonat bin-natura ta' l-informazzjoni miġbura u kif dik l-informazzjoni għandha tkun użata. L-Att tal-*Cable* jagħti lill-abbonati d-dritt ta' aċċess lejn l-informazzjoni dwarhom u jeħtieġ li operaturi tal-*cable* jeqirdu dik l-informazzjoni meta ma jkunx hemm aktar ħtieġa tagħha.

L-Att ta' Komunikazzjonijet jawtorizza lill-FCC biex tinforza dawn iż-żewġ disposizzjonijiet ta' privatezza, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jew b'reazzjoni għal xi ilment minn barra (5). 47 U.S.C. §§ 205, 403; *Id.* § 208. Jekk l-FCC tiddetermina li trasportatur tat-telekomunikazzjonijet (inkluż operatur tal-*cable*) ikun kiser id-disposizzjonijiet ta'

(1) "L-assigurazzjoni ta' negozju, u ta' kull persuna involuta fih, għandha tkun suġġetta għal-liġijiet ta' diversi Stati li jirrigwardaw ir-regolazzjoni jew it-tassazzjoni ta' negozji bħal dawk." 15 U.S.C. § 1012(a).

(2) L-FTC kienet eżerċitat ġurisdizzjoni dwar kumpaniji ta' assigurazzjoni f'diversi kuntesti. F'każ minnhom, l-FTC ħadet azzjoni kontra ditta għal reklamar qarrieqi fi stat li fih din ma kellhiex liċenzja biex twettaq negozju. Il-ġurisdizzjoni ta' l-FTC kienet ġiet ikkonfermata fuq il-bażi li ma kienx hemm regolazzjoni statali effettiva minħabba li d-ditta effettivament kienet lill hinn mill-poter ta' l-istat. Ara FTC v. Assoċjazzjoni tas-Saħħa tal-Vjaġġaturi, 362 U.S. 293 (1960).
Rigward l-istati, 17 adottaw il-mudell "L-Att ta' l-Informazzjoni ta' l-Assigurazzjoni u Protezzjoni tal-Privatezza" ippreparat mill-Kummissjonarji Nazzjonali ta' Assoċjazzjoni ta' Assigurazzjoni (NAIC). L-Att jinkludi disposizzjonijiet għal avviż, użu u żvelar, u aċċess. Ukoll, kważi l-Istati kollha kienu adottaw il-mudell NAIC ta' "L-Att ta'Prattiċi Inġusti fl-Assigurazzjoni", li speċifikament jimmira prattiċi inġusti tan-negozju fl-industrija ta' l-assigurazzjoni.

(3) It-termini "*customer proprietary network information*" tfisser informazzjoni li tirrigwara "il-kwantità, konfigurazzjoni teknika, it-tip, id-destinazzjoni, u l-ammont ta' użu ta' servizz ta' telekomunikazzjonijet" minn klijenti u l-informazzjoni dwar il-kontijiet tat-telefon. 47 U.S.C. § 222(f)(1). B'dana kollu, it-terminu ma jinkludix lista ta' informazzjoni għal min ikun abbonat. *Id.*

(4) Il-leġislazzjoni ma tagħtix definizzjoni espressa ta' "informazzjoni personalment identifikabbli".

(5) Din l-awtorità tiġbor id-dritt għal sodisfazzjon ta' vjolazzjonijiet ta' privatezza kemm permezz ta' sezzjoni 222 ta' l-Att dwar il-Komunikazzjonijet kemm, fir-rigward ta' abbonati tal-*cable*, permezz ta' sezzjoni 551 ta' l-Att tal-*Cable*, emenda għall-Att. Ara wkoll 47 U.S.C. § 551(f)(3) (azzjoni ċivili f'qorti distrettwali ċivili ta' rimedju mhux esklussiv, offrut "b'żieda ma' xi rimedju legali ieħor disponibbli għall-abbonnat tal-*cable*").

privatezza ta' sezzjoni 222 jew sezzjoni 551, hemm tliet azzjonijiet bażiċi li jistgħu jittieħdu. L-ewwel, wara smiegħ u determinazzjoni ta' vjolazzjoni, il-Kummissjoni tista' tordna lit-trasportatur li jħallas penalitajiet monetarji ([1]). 47 U.S.C. § 209. Alternattivament, l-FCC tista' tordna lit-trasportatur li jieqaf u jiċħad mill-prattiċi ta' offiża jew ommissjoni. 47 U.S.C. § 205(a). Finalment, il-Kummissjoni tista' wkoll tordna trasportatur li jkun joffendi biex "ikun konformi u josserva xi regolament jew prattika" li l-FCC tista' tordna. *Id*.

Pesuni privati li jemmnu li trasportatur ta' telekomunikazzjonijet jew operatur tal-*cable* ikunu kiser id-disposizzjonijiet relevanti ta' l-Att tal-Komunikazzjonijet jew l-Att tal-*Cable*, jista' jippreżenta lment ma l-FCC jew iwassal l-ilment tiegħu f'qorti federali distrettwali. 47 U.S.C. § 207. Dak li jagħmel l-ilment u jirnexxielu f'azzjoni f'qorti federali kontra trasportatur tat-telekomunikazzjonijet għan-nuqqas li jipproteġi informazzjoni proprjetarja permezz tas-sezzjoni aktar wiesa' 222 ta' l-Att tal-Komunikazzjonijet, jista' jkun mogħti somma biex tkopri l-ħsarat u l-ispejjeż ta' l-avukat. 47 U.S.C. § 206. Dak li jressaq ilment li jippreżenta kawża li fiha jallega vjolazzjoni dwar il-privatezza permezz ta' sezzjoni 551 li hija speċifika għal *cable,* skond l-Att tal-*Cable* jista', b'żieda mal-ħsarat attwali u l-ispejjeż ta' l-avukat, jingħata wkoll ħlasijiet biex ikopru ħsarat punittivi u spejjeż raġonevoli tal-litigazzjoni. 47 U.S.C. § 551(f).

L-FCC adottat regoli dettaljati dwar l-implimentazzjoni ta' sezzjoni 222. Ara 47 CFR 64.2001-2009. Ir-regoli jistabbilixxu salvagwardji speċifiċi ta' protezzjoni kontra aċċess mhux awtorizzat lejn *network* ta' informazzjoni ta' propjeta tal-konsumatur. Ir-regolamenti jeħtieġu lit-trasportaturi ta' telekomunikazzjonijet li:

— jiżviluppaw u jimplimentaw sistemi li "jimmarkaw" l-avviż/stat ta' approvazzjoni tal-klijent meta s-servizz lejn klijent jitla' għall-ewwel darba fuq l-iskrin;

— iżomm "*audit trail*": elettroniku biex ikun jaf ir-rotta ta' l-aċċess tal-kont tal-klijent, inkluż meta l-klijent jiftaħ ir-reġistru tiegħu, minn min, u għal-liema skop;

— iħarreġ impjegati dwar l-użu awtorizzat ta' netwerks ta' informazzjoni proprjetarja tal-klijenti, u billi jkollu proċessi xierqa dixxiplinari;

— jistabbilixxi proċess ta' reviżjoni b'superviżjoni biex jassigura konformità meta jitwettaq negozjar 'il barra; u

— jiċċertifika lill-FCC, fuq bażi annwali, kif hu jkun konformi ma' dawn ir-regolamenti.

*Trasportaturi bl-ajru*

Trasportaturi bl-ajru kemm tal-U.S. u wkoll barranin li huma suġġetti għall-Att Federali ta' l-Avjazzjoni 1958 huma wkoll eżenti minn Sezzjoni 5 ta' l-Att FTC. Ara 15 U.S.C. § 45(a)(2). Din tinkludi lil kull min jipprovdi ġarr ta' merkanzija jew passiġġieri fuq rottot interstatali jew barranin, jew li jittrasporta posta, b'ajruplan. Ara 49 U.S.C. § 40102. Trasportaturi bl-ajru huma suġġetti lejn l-Awtorità tad-Dipartiment tat-Trasportazzjoni. F'dan ir-rigward, is-Segretarju tat-Trasportazzjoni għandu jieħu azzjoni "li ma tħallix prattiċi inġusti, qarrieqa, predatorji, jew ta' kontra l-kompetizzjoni, fit-trasportazzjoni bl-ajru." 49 U.S.C. § 40101(a)(9). Is-Segretarju tat-Trasportazzjoni jista' jinvestiga jekk trasportatur tal-U.S. jew barrani, jew aġent tal-biljetti, jkunx involva ruħu fi prattika inġusta jew qarrieqa, jekk dan ikun fl-interess pubbliku. 49 U.S.C. § 41712. Wara li jsir is-smigħ, is-Segretarju tat-Trasport jista' joħroġ ordni biex iwaqqaf il-prattika illegali. *Id*. Sa fejn nafu aħna, is-Segretarju tat-Trasport għadu ma eżerċitax din l-awtorità biex jindirizza l-kwistjoni ta' protezzjoni għal privatezza ta' informazzjoni personali dwar klijenti tal-linji ta' l-ajru ([2]).

Hemm żewġ disposizzjonijiet li jipproteġu l-privatezza ta' informazzjoni personali li jistgħu jkunu applikabbli għal dawk li jġorru bl-ajru f'kuntesti speċifiċi. L-ewwel, l-Att Federali ta' l-Avjazzjoni jipproteġi l-privatezza ta' applikanti piloti. Ara 49 U.S.C. § 44936(f). Waqt li dawk li jġorru bl-ajru jitħallew li jakkwistaw id-dettalji ta' l-impjieg ta' applikant, l-Att jagħti d-dritt lill-applikant biex jinnota li dawn id-dettalji jkunu ġew mitluba, biex jagħti l-kunsens tiegħu għal din it-talba, biex jikkorreġi ineżatezzi, u biex iqis li d-dettalji tiegħu jkunu żvelati biss lil dawk involuti fid-deċiżjonijiet dwar l-ingaġġ. It-tieni, regolamenti DOT jeħtieġu li informazzjoni dwar il-manifest tal-passiġieri miżbura għal użu governattiv fil-każ ta' disastru ta' l-avjazzjoni li "jinżammu kunfidenzjali u li jkunu rrilaxxati biss lejn id-Dipartiment ta' l-Istat tal-U.S., lejn il-Board Nazzjonali tat-Trasportazzjoni (fuq talba mill-NTSB) u lejn id-Dipartment tat-Trasport tal-U.S." 14 CFR part 243, § 243.9(ċ) (kif emendata bi 63 FR 8258).

([1]) B'dana kollu, in-nuqqas ta' ħsara diretta lejn dak li jressaq l-ilment mhix bażi biex ikun imwarrab l-ilment. 47 U.S.C. § 208(a).

([2]) Nifhmu li hemm għaddejjin sforzi fl-industrija biex jindirizzaw il-kwistjoni ta' privatezza. Rappreżentanti ta' l-industrija ddiskutew bejniethom il-prinċipju proposti ta' port salv u l-possibilità ta' l-applikar tagħhom lejn it-trasportaturi bl-ajru. Id-diskussjoni inkludiet proposta biex tkun adottata strateġija ta' privatezza fl-industrija mid-ditti parteċipanti li espressament jissuġġetaw lilhom infushom għall-awtorità ta' DOT.

*Dawk li jippakkjaw u mħażen*

Fir-rigward ta' l-Att ta' dawk li Jippakkjaw u ta' l-Imħażen ta' l-1921 (7 U.S.C. § 181 et seq.), L-Att jagħmilha illegali għal "xi ħadd li jippakkja fir-rigward ta' bhejjem ħajjin, laħmijiet, prodotti ta' l-ikel mil-laħam jew prodotti minn annimali tal-qatla f'għamla mhux manifatturata, jew xi ħadd li jinnegozja fit-tjur fir-rigward ta' tjur ħajjin, li jidħol fil jew li jagħmel użu minn prattika jew mezz mhux ġust, diskriminatorju b'inġustizzja, jew ta' prattika b'qerq." 7 U.S.C. § 192(a); ara wkoll 7 U.S.C. § 213(a) (li tipprojbixxi "xi prattika jew mezz mhux ġust, diskriminatorju b'inġustizzja, jew ta' prattika b'qerq" b'konnessjoni ma' annimali ħajjin). Is-Segretarju ta' l-Agrikoltura għandu primarjament ir-responsabbilità li jenforza dawn id-disposizzjonijiet, waqt li l-FTC iżżomm il-ġurisdizzjoni fuq transazzjonijiet ta' bejgħ bl-imnut u dawk li jinvolvu l-industrija tat-tjur. 7 U.S.C. § 227(b)(2).

Mhux ċar jekk is-Segretarju ta' l-Agrikoltura jkunx sejjer jinterpreta fil-futur in-nuqqas minn dak li jippakkja jew operatur ta' maħżen li jipproteġu l-privatezza bi qbil ma' l-istrateġija mistqarra li tkun prattika "qarrieqa" skond l-Att ta' min Jippakkja u l-Imħażen. B'dana kollu, l-eċċezzjoni ta' Sezzjoni 5 tapplika għal persuni, sħubija, jew korporazzjonijiet biss "sal-limitu li dawn ikunu suġġetti għall-Att ta' min Jippakkja u l-Imħażen." Għalhekk, jekk il-privatezza personali ma tkunx kwistjoni fl-aspett ta' l-Att ta' min Jippakkja u l-Imħażen, allura l-eċċezzjoni f'Sezzjoni 5 tista' b'hekk ma tkunx applikabbli għal min jippakkja u operaturi ta' l-imħażen jistgħu jkunu suġġetti għall-awtorità ta' l-FTC f'dak ir-rigward.

**Awtorità ta' l-Istat dwar "Prattiċi Inġusti u Qarrieqa"**

Skond analiżi mħejjija mill-impjegati ta' l-FTC, "Il-50 stat kollha flimkien mad-Distrett tal-Kolumbja, Guam, Puerto Rico u l-Gżejjer Verġni tal-U.S. kienu għaddew liġijiet bejn wieħed u ieħor bħall-Att Federali tal-Kummissjoni tal-Kummerċ (FTCA') biex ma jħallux li jseħħu prattiċi inġusti u qarrieqa dwar il-kummerċ." FTC *fact sheet,* stampata mill-ġdid fil-"Kumment, Protezzjoni tal-Konsumatur: *The Practical Effectiveness of State Deceptive Trade Practices Legislation*", 59 *Tul, L. Rev. 427 (1984).* Fil-każi kollha, aġenzija ta' inforzar għandha l-awtorità "li twettaq investigazzjonijet permezz ta' l-użu ta' *subpoenas* jew talbiet ta' investigazzjoni ċivili, li takkwista assigurazzjonijiet dwar konformità voluntarja, li toħroġ ordnijiet ta' ieqaf u tkomplix' jew li takkwista inġunzjonijiet mill-qorti biex ma tħallix l-użu ta' prattiċi inġusti, mhux skond il-kuxjenza jew ta' negozju qarrieqi. *Id.* F'46 ġurisdizzjonijiet, il-liġi tippermetti azzjonijiet privati għal ħsarat attwali, doppji, trippli, jew punittivi u, f'ċerti każi, l-irkupru ta' l-ispejjeż u l-piż ta' l-avukat. *Id.*"

L-Att ta' Florida dwar Prattiċi Qarrieqa w Inġusti, per eżempju, jawtorizza lill-avukat ġenerali biex jinvestiga u jippreżenta azzjonijiet ċivili kontra "metodi inġusti ta' kompetizzjoni li huma inġusti kontra l-kuxjenza jew prattiċi ta' negozju qarrieqi," inklużi reklamar li huwa falz jew li jfixkel, dritt ta' rappreżentanza jew opportunitajiet ta' negozju qarrieqa, bejgħ fuq it-televiżjoni bi frodi, jew skemi piramidi. Ara wkoll Liġi Ġenerali tan-Negozju ta' N.Y. § 349 (li tipprojbixxi atti inġusti u prattiċi qarrieqa mwettqa matul il-korsa tan-negozju).

Stħarriġ imwettaq din is-sena mill-Assoċjazzjoni Nazzjonali ta' l-Avukati Ġenerali (NAAG) tikkonferma dawn is-sejbiet. Minn 43 stat li wieġbu, kollha għandhom statuti "mini-FTC" jew statuti oħra li jipprovdu protezzjoni kumparabbli. Ikoll, skond l-istħarriġ NAAG, 39 stat indikaw li huma għandhom l-awtorità biex jisimgħu ilmenti minn dawk li mhumiex residenti. Fir-rigward ta' privatezza tal-konsumatur, 37 minn 41 stat li wieġbu, indikaw li huma jkunu lesti li jieħdu passi dwar ilmenti li jallegaw li kumpanija fil-ġurisdizzjoni tagħhom ma kinitx osservanti ma l-istrateġija ddikjarata minnha stess dwar il-privatezza.

*ANNESS IV*

**Danni għal Ksur ta' Privatezza, Awtorizzazzjonijiet Legali u Għaqdiet u Xiri ta' kumpanniji fil-liġi tal-U.S.**

Din tirrispondi għat-talba tal-Kummissjoni Ewropea għal klarifika tal-liġi tal-U.S. fir-rigward ta' (a) talbiet għa danni ta' ksur ta' privatezza, (b) "awtorizzazzjonijiet espliċiti" fil-liġi tal-U.S. għall-użu personali ta' informazzjoni b'manjiera inkonsistenti mal-prinċipju ta' port salv, u (ċ) l-effett ta' għaqdiet u xiri totali bl-obbligazzjonijiet meħudha bis-saħħa tal-prinċipji ta' port salv.

## A. **Danni għal Ksur ta' Privatezza**

Nuqqas ta' konformità mal-prinċipji ta' port salv tista' toħloq numru ta' talbiet privati li jiddependu miċ-ċirkostanzi relevanti. Partikolarment, l-organizzazzjonijiet ta' port salv jistgħu jinżammu responsabbli għal misrappreżentazzjoni għan-nuqqas ta' osservanza ma l-istrateġiji mistqarra ta' privatezza tagħhom. Kawżi privati ta' azzjoni għal danni ta' ksur ta' privatezza huma wkoll possibbli permezz tal-liġi komuni. Ħafna mill-istatuti federali u statali dwar il-privatezza jipprovdu wkoll għall-irkupru ta' danni minn individwi privati dwar vjolazzjonijiet.

*Id-dritt ta' irkupru ta' danni għal invażjoni ta' privatezza personali huma sew stabbiliti permezz tal-liġi komuni tal-U.S.*

L-użu ta' informazzjoni personali b'manjiera inkonsistenti mal-prinċipji ta' port salv tista' toħloq responsabbiltà legali permezz ta' teoriji legali differenti. Per eżempju, kemm il-kontrollur tat-trasferiment ta' *data* u l-individwi affettwati jistgħu jħarrku lill-organizzazzjoni ta' port salv li tonqos li tonora l-impenji tagħha ta' port salv minn misrappreżentazzjonijiet. Skond it-*Tieni stqarrija mill-Ġdid tal-Liġi, Danni* (1):

> Xi ħadd li b'qerq jagħmel misrappreżentazzjoni ta' fatt, opinjoni, intenzjoni jew liġi għal skop li jħajjar lil ħadd ieħor li jaġixxi jew li jibqa' lura minn azzjoni billi jistrieħ fuqha, jkun suġġett għal responsabilità sabiex il-qerq għal telf ta' flus ikkawżat minnu mill-fiduċja ġġustifikata tiegħu fuq il-misrappreżentazzjoni.

Stqarrija mill-Ġdid, § 525. Misrappreżentazzjoni hija "qarrieqa" jekk din issir bit-tagħrif jew fit-twemmin li hija falza. *Id.*, § 526. Bħala regola ġenerali, min jagħmel misrappreżentazzjoni qarrieqa ikun potenzjalment responsabbli lejn kull wieħed li hu jkollu l-intenzjoni jew li jistenna li jkun fiduċjuż fuq dik il-misrappreżentazzjoni għal telf ta' flus li huma jistgħu isofru bħala riżultat. *Id.* 531. Aktar minn hekk, parti li tagħmel misrappreżentazzjoni b'qerq lejn parti oħra tista' tkun responsabbli għall-parti-terza jekk dak li jagħmel il-qerq ikollu l-intenzjoni jew jistenna li l-misrappreżentazzjoni tiegħu tkun irrepetuta u li tkun użata mill-parti-terza. *Id.*, § 533.

Fil-kuntest ta' port salv, ir-rappreżentazzjonijiet relevanti hija d-dikjarazzjoni ta' organizzazzjoni pubblika li hi tkun osservanti mal-prinċipji ta' port salv. Meta tkun għamlet dawn l-impenji, nuqqas konxju li timxi mal-prinċipji jista' jkun il-bażi għal kawża ta' azzjoni għal misrapreżentazzjoni minn dawk li jkunu straħu fuq dik il-misrappreżentazzjoni. Minħabba l-impenn li tkun osservanti mal-prinċipji isir lill-pubbliku in ġenerali, l-individwi li huma suġġetti għal dik l-informazzjoni kif ukoll il-kontrollur tad-*data* fl-Ewropa li jitrasferixxi informazzjoni personali lejn l-organizzazzjoni tal-U.S. jistgħu kollha jkollhom kawżi ta' azzjoni kontra l-organizzazzjoni U.S. għal misrappreżentazzjoni (2). Aktar minn hekk, l-organizzazzjoni U.S. tibqa' responsabbli dwarhom għal "kontinwament ta' misrappreżentazzjoni" sakemm dawn jibqgħu jistrieħu fuq il-misrappreżentazzjoni għat-detriment tagħhom. Stqarrija mill-Ġdid, § 535.

(1) It-Tieni Stqarrija mill-Ġdid tal-Liġi - Torts; Istitut tal-Liġi Amerikana (1997).

(2) Dan jista' jkun il-każ, per eżempju, meta l-individwi jkunu straħu fuq l-impenji ta' port salv ta' l-organizzazzjoni tal-US billi jagħtu l-kunsens tagħhom lill-kontrollur tad-*data* li jittrasferixxi l-informazzjoni personali tagħhom fl-Istati Uniti.

Dawk li jistriehu fuq misrapprezentazzjoni qarrieqa jkollhom id-dritt li jirkupraw id-danni. Skond l-Istqarrija mill-Ġdid.

Dak li jirċievi misrapprezentazzjoni qarrieqa huwa intitolat li jirkupra d-danni f'azzjoni ta' qerq kontra min ikun għamel it-telf ta' flus li dwaru il-misrapprezentazzjoni tkun il-kawża ta' azzjoni legali.

Stqarrija mill-Ġdid, § 549. Danni permissibli jinkludu t-telf attwali tan-nefqa kif ukoll it-telf ta' "benefiċċju għal negozjar" fi transazzjoni kummerċjali. *Id.*; ara, e.g., Boling v. Tennessee State Bank, 890 S.W.2d 32 (1994) (il-bank huwa responsabbli lejn min jisellef għal USD 14 825 b'kumpens ta' danni għal żvelar ta' informazzjoni personali ta' min jissellef u l-pjanijiet ta' negozju lejn il-president tal-bank li kellu kunflitt ta' interess.).

Billi misrapprezentazzjoni b'qerq teħtieġ jew it-tagħrif attwali jew mill-anqas it-twemmin li r-rapprezentazzjoni hija falza, responsabilità tista' wkoll tkun marbuta ma' misrapprezentazzjoni b'negliġenza. Skond l-Istqarrija mill-Ġdid kull min jagħmel stqarrija falza fil-korsa tan-negozju tiegħu, tal-professjoni, jew ta' l-impjieg tiegħu, jew f'xi transazzjoni bi flus, jista' jinżamm responsabbli "jekk hu jonqos milli jeżerċita kura raġjonevoli jew kompetenza fl-akkwist jew fil-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni." Stqarrija mill-Ġdid, § 552(1). B'kuntrast ma' misraprezentazzjonijiet qarrieqa, danni għal misrapprezentazzjoni b'negliġenza huma llimitati għal telf attwali. *Id.*, § 552B(1).

F'każ riċenti, per eżempju, il-Qorti Superjuri ta' Connecticut iddeċiediet li nuqqas minn utilità ta' l-elettriku li tiżvela fir-rapportaġġ informazzjoni dwar pagament ta' klijent lejn aġenziji nazzjonali ta' kreditu ħolqot kawża ta' azzjoni għal misrapprezentazzjoni. Ara Brouillard v. United Illuminating Co., 1999 Conn. Super. LEXIS 1754. F'dak il-każ, l-attur kien ġie miċħud kreditu minħabba li d-difensur irrapporta pagamenti li ma kinux waslu fi żmien tletin jum mid-data tal-kont bħala "tard". L-attur allega li hu ma kienx ġie infurmat b'din l-istrateġija meta huwa kien fetaħ kont residenzjali għas-servizz ta' l-elettriku mad-difensur. Il-qorti speċifikament iddeċidiet li "talba għal misrapprezentazzjoni negliġenti tista' tkun ibbażata fuq in-nuqqas tad-difensur li jitkellem meta hu jkollu d-dover li jagħmel dan." Dan il-każ juri wkoll li "scienter" jew intenzjoni ta' qerq mhix element neċessarju fil-kawża ta' azzjoni għal misrapprezentazzjoni negliġenti. Għalhekk, organizzazzjoni tal-U.S. li b'negliġenza tkun naqset milli tiżvela bis-sħiħ kif hi tkun be ħsiebha li tuża informazzjoni personali li hi tirċievi skond il-port salv, tista' tinżamm responsabbli għal misrapprezentazzjoni.

Sal-limitu li vjolazzjoni tal-prinċipji ta' port salv intitolat l-użu ħażin ta' informazzjoni personali, din tista' ssostni wkoll talba minn dak li jkun suġġett għal "tort'" b'liġi komuni ta' invażjoni ta' privatezza. Liġi Amerikana ilha għal ħafna żmien li rrikonoxxiet il-kawżi ta' azzjoni li tirrigwarda l-invażjoni ta' privatezza. F'każ tal-1905 ([1]), il-Qorti Suprema ta' *Georgia* sabet dritt għal privatezza kien imdaħħal fil-liġi naturali u preċetti ta' liġi komuni li jżommu favur ċittadin privat li r-ritratt tiegħu kien użat minn kumpanija ta' l-assigurazzjoni tal-ħajja, mingħajr il-kunsens jew l-għarfien tiegħu, biex ikun illustrat reklam kummerċjali. Bl-artikolazzjoni ta' temi li issa huma familjari fil-ġurisprudenza Amerikana dwar il-privatezza, il-qorti sabet li l-użu tar-ritratt kien "malizjuż", "falz", u kellu t-tendenza li "jwassal lill-attur għal redikolu quddiem id-dinja" ([2]). Il-pedamenti tad-deċiżjoni Pavesich baqgħet tintuża b'varjazzjonijiet żgħar biex isir il-pedament fuq il-blat tal-liġi Amerikana dwar din it-topika. Qrati Statali baqgħu b'konsistenza jqisu kawżi ta' azzjonijiet fl-isfera ta' invażjoni ta' privatezza, u mill-anqas 48 Stat issa ġuridikament jirrikonoxxu uħud minn dawn bħala kawża ta' azzjoni ([3]). Aktar minn hekk, mill-anqas 12-il Stat għandhom disposizzjonijiet kostituzzjonali biex jissalvagwardaw id-dritt taċ-ċittadini tagħhom li jkunu ħielsa minn azzjonijiet intrużivi ([4]), li f'ċerti każi jistgħu jestendu għal protezzjoni kontra l-intrużjoni minn entitajiet mhux-governattivi. Ara, e.g., Hill v. NCAA, 865 P.2d 633 (Ca. 1994); ara wkoll S. Ginder, *Lost and Found in Cyberspace*: Privatezza informatorja fl-età ta' l-internet, 34 S.D.L. Rev. 1153 (1997) ("Uħud mill-kostituzzjonijiet ta' l-Istati jinkludu protezzjonijiet ta' privatezza li jmorru lill hinn mill-protezzjonijiet ta' privatezza fil-Kostituzzjoni tal-U.S. Alaska, Arizona, California, Florida, Hawaii, Illinois, Louisiana, Montana, South Carolina, u Washington għandhom protezzjoni aktar wiesa' ta' privatezza.")

It-Tieni Stqarrija mill-Ġdid tad-Danni tipprovdi wkoll ħarsa ġenerali awtoritattiva tal-liġi f'dan il-qasam. Billi tirrefletti l-prattika ġudizzjali komuni, l-Istqarrija mill-Ġdid tispjega li d- "dritt għal privatezza" jiġbor fih erba' kawżi distinti ta' azzjonijiet f'tort taħt dik l-umbrella. Ara Stqarrija mill-Ġdid, § 652A. L-ewwel, kawża ta' azzjoni għal "intrużjoni fuq li tkun maqtugħ waħdek" tista' tkun kontra difensur li b'intenzjoni jintrudi, fiżikment jew mod ieħor, fuq is-solitudni

([1]) *Pavesich v. New England Life Ins. Co.*, 50 S.E. 68 (Ga. 1905).

([2]) Id., fi 69.

([3]) Tfittix elettroniku tal-*Westlaw database* sabet 2 703 każi rrapurtati ta' azzjonijiet ċivili fi Qrati ta' l-Istat li jappartjienu l-"privatezza" sa mill-1995. Aħna konna diġà fornejna r-riżultati ta' dan it-tfittix lill-Kummissjoni.

([4]) Ara, eż., *Alaska Constitution*, Art. 1 Sec. 22; Arizona, Art. 2, Sec. 8; California, Art. 1, Sec. 1; Florida, Art. 1, Sec. 23; Hawaii, Art. 1, Sec. 5; Illinois, Art. 1, Sec. 6; Louisiana, Art. 1, Sec. 5; Montana, Art. 2, Sec. 10; New York, Art. 1, Sec. 12; Pennsylvania, Art. 1, Sec. 1; South Carolina, Art. 1, Sec. 10; u Washington, Art. 1 Sec. 7.

jew qtugħ minn kullħadd ta' persuna oħra jew fl-affarijiet privati tagħha jew ta' dak li jikkonċerna lilu ([1]). It-tieni, każ ta' "appropjazzjoni" jista' jkun jeżisti meta wieħed jieħu l-isem jew ix-xebħ ta' ieħor għall-użu jew il-benefiċċju tiegħu ([2]). It-tielet, il-"pubblikazzjoni ta' fatti privati" hija azzjonabbli meta l-materja ppubblikata hija ta' tip li jkun ferm offensiv għal persuna normali u li mhux ta' interess leġittimu għal pubbliku ([3]). Fl-aħħar, azzjoni għal "pubbliċità f'dawl ħażin" hija xierqa meta d-difensur, konxju, jew bi traskuraġni, jqiegħed lil ħadd ieħor quddiem il-pubbliku f'dawl ħażin li x'aktarx li jkun offensiv għal persuna normali ([4]).

Fil-kuntest tal-kwadru ta' port salv, "intrużjoni fuq li tkun maqtugħ waħdek" tista' tiġbor fiha l-ġbir mhux awtorizzat ta' informazzjoni personali billi l-iżu mhux awtorizzat ta' informazzjoni personali għal skopijiet kummerċjali tista' toħloq talba għal appropjazzjoni. L-istess, l-iżvelar ta' informazzjoni personali li ma tkunx eżatta tista' tagħti bidu għal tort ta' "pubbliċità f'dawl ħażin" jekk l-informazzjoni tilħaq in-norma li tkun ferm offensiva għal persuna normali. Finalment, l-invażjoni ta' privatezza li tirriżulta mill-pubblikazzjoni jew l-iżvelar ta' informazzjoni personali ferm sensittiva tista' tagħti bidu għal kawża ta' azzjoni għal "pubblikazzjoni ta' fatti privati." (Ara eżempji illustrattivi ta' każi hawn taħt).

Dwar l-għoti ta' danni, l-invażjoni ta' privatezza tagħti lil-parti inġurjata d-dritt li tirkupra danni għal:

(a) ħsara għall-interessi tiegħu għal privatezza li jirriżultaw minn dik l-invażjoni;

(b) inkwiet mentali li jkun ippruvat li sofra jekk ikun it-tip li normalment jirriżulta minn invażjoni bħal din; u

(ċ) danni speċjali li dwarhom l-invażjoni hija kawża legali.

Stqarrija mill-Ġdid, § 652H. Meqjusa l-applikabilità ġenerali tal-liġi tat-tort u l-multipliċità ta' kawżi ta' azzjoni li jkopru aspetti differenti ta' interessi ta' privatezza, ħsarat monetarji pjuttost li jkunu disponibbli għal dawk li jsofru invażjoni ta' l-interessi ta' privatezza tagħhom bħala riżultat ta' nuqqas ta' osservanza mal-prinċipji ta' post salv.

Fil-fatt, qrati ta' stat huma mimlija b'każi bħal dawn li jallegaw invażjoni ta' privatezza f'sitwazzjonijiet analogi. Ex Parte AmSouth Bancorporation et al., 717 So. 2d 357, per eżempju, kien jinvolvi azzjoni ta' klassi li tallega li d-difensur "esplojta l-fudiċja li depożitaturi jqiegħdu f'bank, billi qassam informazzjoni kunfidenzjali rigward depożitaturi tal-Bank u l-kontijiet tagħhom" biex jgħin sieħeb tal-bank biex ibiegħ fondi reċiproċi u investimenti oħra. Ħsarat huma ta' spiss mogħtija f'każi bħal dawn. F'Vassiliades v. Garfinckel's, Brooks Bros., 492 A.2d 580 (D.C.App. 1985), Qorti ta' Appell dawret ġudizzju tal-Qorti Inferjuri li tqis ta' l-użu ta' ritratti ta' l-attur "qabel" u "wara" kirurġija plastika fi preżentazzjoni ta' ħanut dipartimentali tikkostitwixxi invażjoni ta' privatezza permezz tal-pubblikazzjoni ta' fatti privati. F'Candebat v. Flanagan, 487 So.2d 207 (Miss. 1986), il-kumpanija ta' l-assigurazzjoni defendenti użat inċident li fih il-mara ta' l-attur kienet sofriet korriment serju, f'kampanja ta' reklamar. L-attur fittex għal invażjoni ta' privatezza. Il-qorti ħass li l-attur jista' jirkupra d-danni għal inkwiet emozzjonali u l-appropjazzjoni ta' l-identità. Azzjonijiet għal misappropriazzjoni tista' tinżamm anki jekk l-attur ma jkunx personalment magħruf. Ara, e.g., Staruski v. Continental Telephone Co., 154 Vt. 568 (1990) (id-difensur akkwista benefiċċju kummerċjali billi uża l-isem u r-ritratt ta' impjegat f'reklam f'gazzetta). F'Pulla v. Amoco Oil Co., 882 F.Supp. 836 (S.D Iowa 1995), dak li impjega invada fuq il-privatezza ta' l-impjegat attur billi qabbad impjegat ieħor li jinvestiga r-rekords tal-karta ta' kreditu tiegħu sabiex jivverifika l-jiem li fihom kien nieqes minħabba mard. Il-qorti aċċettat l-għotja minn ġuri ta' UD 2 b'danni attwali u USD 500 000 bħala danni punittivi. Impjegat ieħor ma kienx miżmum responsabbli għal pubblikazzjoni ta' storja fil-gazzetta tal-kumpanija dwar impjegat li kien ġie mkeċċi għax kien ġie allegat li ffalsifika r-reġistri ta' l-impjieg tiegħu. Ara Zinda v. Louisiana-Pacific Corp., 140 Wis.2d 277 (Wis.App. 1987). L-istorja invadiet il-privatezza ta' l-attur bil-pubblikazzjoni ta' materja privata minħabba li l-gazzetta kienet iċċirkulata fil-komunità. Finalment, kulleġġ li għamel testijiet ta' studenti dwar l-HIV wara li kien qalilhom li t-testijiet tad-demm kien għal rubella biss, kien ġie miżmum responsabbli għal intrużjoni fuq il-privatezza. Ara Doe v. High-Tech Institute, Inc., 972 P.2d 1060 (Colo.App. 1998). (Għal każijiet oħra irrapurtati, ara Stqarrija mill-Ġdid, § 652H, *Appendix*.)

L-Istati Uniti huma ta' spiss ikkritikati li huma litiganti żżejjed, imma din tfisser ukoll li individwi attwalment jistgħu, u hekk jagħmlu, isegwu korsa legali meta huma jemmnu li jkun sar żball kontra tagħhom. Ħafna aspetti tas-sistema ġudizzjarja tal-U.S. tagħmilha faċli għall-atturi li jressqu kawżi, jew individwalment jew bħala klassi. Il-ġudikatura

([1]) Id., f'Kapitolu 28, Sezzjoni 652B.
([2]) Id., f'Kapitolu 28, Sezzjoni 652C.
([3]) Id., f'Kapitolu 28, Sezzjoni 652D.
([4]) Id., f'Kapitolu 28, Sezzjoni 652E.

legali, komparattivament akbar minn ta' ħafna pajjiżi oħra, tagħmel ir-rappreżentazzjoni professjonali ferm disponibbli. L-avukat ta' l-atturi li jirrappreżenta individwi f'talbiet privati, tipikament jaħdem fuq bażi ta' ħlas ta' kontinġenza, li jippermetti anki l-aktar fqar jew fil-bżonn li jfittxu għas-sodisfazzjoni. Dan iwassal għal fattur importanti - fl-Istati Uniti, kull parti tipikament terfa' l-ħlas ta' l-avukat tagħha u l-ispejjez l-oħra. Dan huwa b'kuntrast kbir ma dak li huwa prevalenti fl-Ewropa meta l-parti telliefa tkun trid tirrifondi lill-parti l-oħra bl-ispejjeż li tkun għamlet. Mingħajr ma jkunu dibattuti l-meriti taż-żewġ sistemi, ir-regola tal-U.S. hija ferm anqas possibbli li tgerrex talbiet leġittimi minn individwi li ma jkunux jifilħu li jħallsu l-ispejjez taż-żewġ naħat jekk huma jitilfu.

Individwi jistgħu ifittxu għas-sodisfazzjon anki jekk it-talbiet tagħhom huma relattivament żgħar. Bosta, jekk mhux il-ġurisdizzjonijiet kollha tal-U.S., għandhom qrati ta' talbiet żgħar li jipprovdu proċeduri simplifikati u b'anqas spejjeż għal kwistjonijiet li jkunu taħt il-limiti statutorji ([1]). Il-potenzjal għal danni punittivi toffri wkoll premju finanzjarju għal individwi li jistgħu jkunu sofrew danni żgħar li jifthu kawża kontra kondotta ħażina u riprensiva. Finalment, individwi li jkunu sofrew danni bl-istess mod jistgħu jagħqdu flimkien ir-riżorsi tagħhom kif ukoll it-talbiet tagħhom biex jagħmlu kawża dwar dan.

Eżempju tajjeb hija l-abilità ta' individwi li jiftħu kawżi biex ifittxu sodisfazzjon hija l-litigazzjoni kontra Amazon.com għall-invażjoni ta' privatezza. Amazon.com, il-bejjiegħ kbir bl-imnut li jaħdem *online*, huwa l-mira ta' azzjoni ta' klassi, li fiha l-atturi qegħdin jallegaw li huma ma kinux ġew mgħarrfa dwar, u ma kinux taw il-kunsens tagħhom għall-ġbir ta' informazzjoni personali dwarhom meta huma kienu għamlu użu mill-programm tas-*software* li huwa l-proprjetà ta' Amazon imsejjaħ "Alexa". F'dak il-każ, l-atturi allegaw vjolazzjonijiet ta' l-Att dwar Frodi u Abbuż bil-Kompjuter b'aċċess illegali tal-komunikazzjonijet maħżuna tagħhom u ta' l-Att ta' Privatezza ta' Komunikazzjonijet Elettroniċi, għal interċezzjoni illegali tal-komunikazzjonijiet tagħhom b'mezzi elettroniċi jew bil-fili. Huma allegaw invażjoni ta' privatezza skond il-liġi komuni. Dan joħroġ mil-ilment ippreżentat f'Diċembru minn espert ta' sigurtà fuq l-Internet. Il-kawża qiegħda tfittex għal danni ta' USD 1 000 għal kull membru tal-klassi, kif ukoll l-ispejjez ta' l-avukati u l-profitt magħmula bħala riżultat tal-vjolazzjonijiet ta' liġijiet. Meqjus li n-numru tal-membri tal-klassi jistgħu jkunu miljuni, id-danni jistgħu jammontaw għal biljuni ta' dollari. L-FTC qiegħda wkoll tinvestiga l-ilmenti.

*Leġislazzjoni Federali u ta' l-Istat ta' spiss tipprovdi għal azzjonijiet f'kawżi privati għal danni.*

B'żieda li jagħti bidu għal responsabilità ċivili permezz tal-liġi tat-tort, nuqqas ta' konformità mal-prinċipji ta' port salv tista' wkoll tikser wieħed jew aktar mill-mijiet ta' liġijiet Federali jew ta' Stat dwar il-privatezza. Ħafna minn dawn il-liġijiet, li jindirizzaw kemm is-settur governattiv u wkoll dak privat li jimmaniġġjaw informazzjoni personali, jippermetti lil individwi li jfittex għal danni meta sseħħ il-vjolazzjoni. Per eżempju:

L-Att dwar il-Privatezza tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi ta' l-1986. L-ECPA jipprojbixxi l-interċezzjoni mhux awtorizzata ta' sejhiet b'telefoni ċellulari u trasmissjonijiet minn kompjuter lejn kompjuter ieħor. Vjolazzjonijiet jistgħu jirriżultaw f'responsabilità ċivili ta' mhux anqas minn USD 100 għal kull jum tal-vjolazzjoni. Il-protezzjoni ta' l-ECPA testendi wkoll lejn aċċess mhux awtorizzat jew żvelar ta' komunikazzjonijet maħżuna elettronikament. Dawk li jagħmlu l-vjolazzjoni huma responsabbli għad-danni soffruti jew is-sekwestru ta' profitti ġġenerati bil-vjolazzjoni.

L-Att dwar it-Telekomunikazzjoni ta' l-1996. Taħt Artikolu 702, *customer proprietary network information* (CPNI) - (qafas ta' informazzjoni proprjetarja tal-klijent) - ma tistax tintuża għal xi skop ieħor apparti milli biex ikunu pprovduti servizzi ta' telekomunikazzjonijet. Abbonati tas-servizz jistgħu jew jissottomettu ilment lejn il-Kummissjoni Federali tal-Komunikazzjonijet jew jiftħu kawża f'qorti federali distrettwali biex jirkupraw danni u l-ħlasijiet ta' l-avukat.

L-Att ta' Riforma tal-*Fair Credit Reporting Act* ta' l-1996. L-Att ta' l-1996 emenda l-*Fair Credit Reporting Act* ta' l-1970 (FCRA) biex ikun meħtieġ avviż imtejjeb u d-dritt ta' aċċess għal suġġetti li jirrappurtaw dwar kreditu. L-Att ta' Riforma impona wkoll restrizzjonijiet ġodda fuq dawk li jerġgħu jbiegħu rapporti ta' kreditu tal-konsumatur. Konsumaturi jistgħu jirkupraw danni u l-ispejjeż ta' l-avukat għal dawn il-vjolazzjonijiet.

([1]) Aħna konna diġà pprovdejna lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rigward azzjonijiet fuq talbiet żgħar.

Liġijiet ta' l-Istat jipproteġu wkoll il-privatezza personali f'sitwazzjonijiet ferm varji. Oqsma fejn l-istati kienu ħadu passi jinkludu reġistri ta' banek, abbonament tal-*cable television*, rapporti ta' kreditu, reġistri ta' impjiegi, reġistri governattivi, informazzjoni ġenetika u reġistri mediċi, reġistri ta' l-assigurazzjoni, reġistri ta' l-iskejjel, komunikazzjonijet elettroniċi, u kiri ta' *videos* ([1]).

B. **Awtorizzazzjonijiet Legali Espliċiti**

Il-prinċipji ta' port salv fihom eċċezzjonijiet meta statut, regolament jew deċiżjonijiet tal-qrati li joħolqu "obbligazzjonijiet konflinġenti jew awtorizzazzjonijiet espliċiti, basta li, bl-eżerċitar ta' xi awtorizzazzjoni bħal din, organizzazzjoni tkun tista' turi li n-nuqqas ta' konformità tagħha mal-Prinċipji huma llimitati għal-limiti meħtieġa biex jilħqu l-interessi leġittimi ġenerali mħeġġa b'awtorizzazzjoni bħal din." Kjarament, meta liġi tal-U.S. timponi obbligazzjonijiet konflinġenti, organizzazzjonijiet tal-U.S., sew jekk fil-port salv jew le, għandhom ikunu konformi mal-liġi. Għal awtorizzazzjonijiet espliċiti, waqt li l-prinċipji ta' port salv huma intenzjonati li jressqu lejn xulxin id-differenzi bejn il-U.S. u r-regolamenti Ewropej għal protezzjoni ta' privatezza, aħna għandna nirrispettaw il-prerogattivi leġislattivi ta' leġislatura eletta tagħna. L-eċċezzjoni limitata minn osservanza stretta għal prinċipji ta' port salv tfittex li toħloq bilanċ biex takkomoda l-interessi leġittimi ta' kull naħa.

L-eċċezzjoni hija llimitata għal każi meta ma jkunx hemm awtorizzazzjoni espliċita. Għalhekk, bħala materja ta' limitu, l-istatut relevanti, ir-regolament jew deċiżjoni tal-qorti għandha tawtorizza b'affermità l-kondotta partikolari minn organizzazzjonijiet ta' port salv ([2]). Fi kliem ieħor, l-eżenzjoni ma tkunx tapplika meta l-liġi tkun siekta. B'żieda, l-eċċezzjoni għandha tapplika biss jekk l-awtorizzazzjoni espliċita tkun konflinġenti ma' l-osservanza tal-prinċipji ta' port salv. Anki f'dan il-każ, l-eċċezzjoni "hija llimitata sal-limitu meħtieġ biex jintlaħqu l-interessi leġittimi li jissuperaw dawk li huma maħluqa b'awtorizzazzjoni bħal din". Bħala illustrazzjoni, meta l-liġi sempliċement tawtorizza kumpanija biex tipprovdi informazzjoni personali lejn awtoritajiet governattivi, l-eċċezzjoni ma tkunx applikabbli. Bil-maqlub, meta l-liġi speċifikament tawtorizza lill-kumpanija biex tipprovdi informazzjoni personali lejn aġenziji tal-gvern mingħajr il-kunsens ta' l-individwu, dan ikunu jikkostitwixxi "awtorizzazzjoni espliċita" biex taġixxi f'dik il-manjiera li tkun konflinġenti mal-prinċipji ta' port salv. Bħala alternattiva, eċċezzjonijiet speċifiċi mill-ħtiġiet affermattivi biex ikun mogħti avviż u kunsens ikunu jidħlu fl-eċċezzjoni (ladarba din tkun ekwivalenti għal awtorizzazzjoni speċifika biex tkun żvelata l-informazzjoni mingħajr avviż u kunsens). Per eżempju, statut li jawtorizza tobba li jfornu r-rekords mediċi tal-pazjenti tagħhom lejn uffiċjali tas-saħħa mingħajr kunsens bil-quddiem jista' jippermetti eċċezzjoni mill-prinċipji ta' avviż u għażla. Din l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tippermetti tabib li jforni l-istess tagħrif mediku lejn organizzazzjonijiet taż-żamma tas-saħħa jew laboratorji kummerċjali ta' riċerka farmaċewtika, li jmur lil hinn mill-iskop ta' l-għanijiet awtorizzati mil-liġi u għalhekk lil hinn mill-iskop ta' l-eċċezzjoni ([3]). L-awtorità legali f'dan il-każ tista' tkun awtorizzazzjoni li teżisti waħedha biex tagħmel affarijiet speċifiċi bl-informazzjoni personali, imma, bħalma l-eżempji jillustraw hawn taħt, aktarx li tkun eċċezzjoni għal liġi aktar wiesa' li tipprojbixxi l-ġbir, l-użu jew l-iżvelar ta' informazzjoni personali.

*L-Att tat-Telekommunikazzjoni ta' l-1996*

F'ħafna mill-każi, l-użu awtorizzat ikun jew konsistenti mal-ħtiġiet tad-Direttiva u l-prinċipji, jew ikunu permissibli b'waħda jew aktar eċċezzjonijiet imħollija. Per eżempju, Artikolu 702 ta' l-Att tat-Telekomunikazzjonijet (kodifikat fi 47 U.S.C. § 222) jimponi dover fuq it-trasportaturi ta' telekomunikazzjonijet li jżommu l-kunfidenzjalità ta' informazzjoni personali li huma jakkwistaw fil-korsa waqt li jkunu jipprovdu servizzi lejn il-klijenti tagħhom. Din id-disposizzjoni speċifikament tippermetti t-trasportaturi tat-telekomunikazzjonijet li:

(1) jużaw informazzjoni mill-klijenti biex jipprovdu servizz ta' telekomunikazzjonijiet, inkluża l-pubblikazzjoni ta' direttorju ta' l-abbonati;

(2) jipprovdu informazzjoni tal-klijenti lil oħrajn fuq talba bil-miktub tal-klijent; u

(3) jipprovdu informazzjoni tal-konsumatur f'għamla aggregata.

---

([1]) Riċerka elettronika riċenti tal-*Westlaw database* irrivelat 994 każi rrapurtati minn Stati li jirrigwardaw dwar danni ta' invażjoni tal-privatezza.

([2]) Bħala punt ta' kjarifika, l-awtorità legali relevanti m'għandhiex ikollha referenza speċifika għal prinċipji ta' port salv.

([3]) L-istess, it-tabib f'dan l-eżempju ma jkunx jista' jistrieħ fuq l-awtorità statutorja biex twarrab l-eżerċitar ta' l-individwu li joħroġ 'il barra mill-kummerċ dirett li hemm disposizzjoni dwaru b'FAQ 12. L-iskop ta' xi eċċezzjoni għal "awtorizzazzjonijiet espliċiti" huwa neċessarjament limitat għall-iskop ta' l-awtorizzazzjoni tal-liġi relevanti.

Ara 47 U.S.C. § 222(ċ)(1)-(3). L-Att jippermetti wkoll trasportaturi tat-telekomunikazzjonijet eċċezzjoni biex jipprovdu informazzjoni dwar klijent:

(1) biex jibdew, jagħtu, jagħmlu l-kont, u jiġbru għas-servizz tagħhom;

(2) li jipproteġu kontra kondotta qarrieqa, abużiva jew illegali; u

(3) li jipprovdu *telemarketing*, attribwit jew servizzi amministrattivi matul sejħa inizjata mill-klijent ([1]).

*Id.*, § 222(d)(1)-(3). Finalment, ġarriera tat-telekomunikazzjonijet huma meħtieġa li jipprovdu informazzjoni dwar lista ta' abbonati, li tista' tinkludi biss l-ismijiet, l-indirizzi, numri tat-telefon u linja ta' negozju għal klijenti kummerċjali, lejn dawk li jippubblikaw id-direttorji tat-telefon. *Id.*, § 222(e).

L-eċċezzjoni għal "awtorizzazzjonijiet espliċiti" jistgħu jkunu involuti meta t-trasportaturi tat-telekomunikazzjonijet jużaw CPNI biex ma jħallux li jsiru frodi jew kondotta illegali oħra. Anki hawn, azzjonijiet bħal dawn jistgħu jikkwalifikaw bħala li huma "fl-interess tal-pubbliku" u permissibli mill-prinċipji għal dik ir-raġuni.

*Regoli Proposti mid-Dipartiment tas-Saħħa u Servizzi Umani*

Id-Dipartiment tas-Saħħa u Servizzi Umani (HHS) ippropona regoli rigward in-normi għal privatezza ta' informazzjoni dwar is-saħħa li tkun individwalment identifikabbli. Ara 64 Fed. Reg. 59.918 (2 ta' Novembru 1999) (li għandha tkun ikkodifikata bħala 45 C.F.R. pts. 160-164). Ir-regoli jkunu jimplimentaw il-ħtiġiet ta' privatezza ta' *Health Insurance Portability and Accountability Act of 1996*, Pub. L. 104-191.

Ir-regoli proposti ġeneralment ikunu jipprojbixxu entitajiet koperti (i.e. pjanijiet tas-saħħa, kura tas-saħħa, dawk li jittrażmettu informazzjoni dwar is-saħħa b'format elettroniku) milli jużaw jew jiżvelaw informazzjoni protetta dwar is-saħħa mingħajr l-awtorizzazzjoni ta' l-individwu. Ara proposta 45 C.F.R. § 164.506. Ir-regoli proposti jkunu jenħtieġu l-iżvelar ta' informazzjoni protetta dwar is-saħħa biss għal żewġ skopijiet:

1. li jippermettu individwi li jispezzjonaw u jikkupjaw l-informazzjoni dwar is-saħħa li għandha x'taqsam magħhom stess, ara *Id.* fi § 164.514; u

2. biex jenforzaw ir-regoli, ara *Id.* fi § 164.522.

Ir-regoli proposti jkunu jippermettu l-użu jew l-iżvelar ta' informazzjoni protetta dwar is-saħħa, mingħajr awtorizzazzjoni speċifika mill-individwu, f'ċirkostanzi limitati. Dawn jinkludu, per eżempju, ħarsa ġenerali lejn is-sistema ta' kura tas-saħħa, infurzar tal-liġi, u emerġenzi. Ara *Id.* fi § 164.510. Ir-regoli proposti jistabbilixxu fid-dettal il-limiti ta' dan l-użu u l-iżvelar. Aktar minn hekk, l-użu permissibbli u l-iżvelar ta' informazzjoni protetta dwar is-saħħa tkun illimitata għal l-ammont minimu ta' l-informazzjoni meħtieġa. Ara *Id.* fi § 164.506.

L-użu permissiv espliċitament awtorizzat mir-regolament proposti huma ġeneralment konsistenti mal-prinċipji ta' port salv jew huma mod ieħor permissibbli b'eċċezzjoni oħra. Per eżempju, l-infurzar tal-liġi u l-amministrazzjoni ġudizjarja huma permissibli, bħal f'riċerka medika. Użu ieħor, bħal ma hi ħarsa ġenerika dwar is-sistema ta' kura tas-saħħa, funzjonar tas-saħħa pubblika, u sistemi governattivi ta' *data* dwar is-saħħa, iservu l-interess tal-pubbliku. Żvelar biex ikunu ipproċessati l-pagamenti u l-aġġju tal-kura tas-saħħa huma meħtieġa għall-forniment tal-kura tas-saħħa. Użu f'emerġenza, biex issir konsultazzjoni mal-qrabi rigward trattament meta l-kunsens tal-pazjenti "ma jkunx jista' jiġi akkwistat la prattikament u l-anqas raġonevolment." Jew biex tkun iddeterminata l-identità jew il-kawża tal-mewt tal-mejjet, jipproteġu l-interessi vitali tas-suġġett tad-*data* u ta' oħrajn. Użu għall-amministrazzjoni ta' militar fuq servizz attiv u klassijiet oħra ta' individwi, jgħin fl-eżekuzjoni xierqa tal-missjoni militari jew sitwazzjonijiet ta' esiġenza simili; u fi kwalunkwe każ, użu bħal dan ikollu ftit jew xejn effett fuq il-konsumaturi in ġenerali.

Dan iħalli biss l-użu ta' informazzjoni personali mill-faċilitajiet ta' kura tas-saħħa biex jipproduċu direttorji tal-pazjent. Meta użu bħal dan jista' jiżdied fuq il-livell ta' interess "vitali", id-direttorji ikunu ta' benefiċċju għall-pazjenti u l-ħbieb u l-qraba tagħhom. Ukoll, l-iskop ta' dan l-użu awtorizzat huwa minnu nnifsu illimitat. Għalhekk, serħan fuq

([1]) L-iskop ta' din l-eċċezzjoni huwa ferm limitat. Bit-termini tiegħu, ġarrier tat-telekomunikazzjonijet jista' juża CPNI biss matul sejħa li tkun mibdija mill-klijent. Aktar minn hekk, aħna ġejna avżati mill-FCC li ġarrier tat-telekomunikazzjonijet ma jistax juża CPNI kien jikkummerċja servizzi lil hinn mill-iskop ta' l-inkjesta tal-klijent. Finalment, ladarba l-klijent għandu japprova l-użu ta' CPNI għal dan l-iskop, din id-disposizzjoni ma hiex fil-fatt "eċċezzjoni" xejn affattu.

l-eċċezzjoni fil-prinċipji għal użu "espliċitament awtorizzat" b'liġi għal dan l-iskop jippreżenta riskju minimu għal privatezza ta' pazjenti.

*Att dwar ir-Rapurtaġġ ta' Kreditu Ġust*

Il-Kummissjoni Ewropea wriet it-tħassib tagħha li eċċezzjonijiet ta' "awtorizzazzjonijiet espliċiti" ikunu "effettivament joħolqu sejbiet adegwati" għall-Att dwar ir-Rappurtaġġ ta' Kreditu Ġust (FCRA). Dan ma jkunx il-każ. Fin-nuqqas ta' sejba speċifika ta' adegwatezza għall-FCRA, dawk l-organizzazzjonijiet tal-U.S. li b'xi mod ieħor jiddependu fuq din is-sejba, ikollhom iwiegħdu li jkunu osservanti mal-prinċipji ta' Port Salv fl-aspetti tiegħu kollha. Dan ifisser li meta ħtiġiet tal-FCRA jeċċedu l-livell ta' protezzjoni li tagħmel parti mill-prinċipji, l-organizzazzjonijiet tal-U.S. ikollhom biss il-ħtieġa li jobdu l-FCRA. Min-naħa l-oħra, meta FCRA ma tkoprix is-suġġett, allura dawk l-organizzazzjonijiet ikunu jeħtieġu li jqisu li jinkorporaw il-prattiċi tagħhom dwar informazzjoni b'konformità ma dawk il-prinċipji. Din l-eċċezzjoni ma tbiddilx dan il-kalkolu bażiku. Bit-termini tagħha, l-eċċezzjoni tapplika biss meta l-liġi relevanti espliċitament tawtorizza imġiba li tkun inkonsistenti mal-prinċipji ta' port salv. Din l-eċċezzjoni ma testendix għal meta l-ħtiġiet tal-FCRA sempliċement ma jilħqux il-prinċipji tal-port salv ([1]).

Fi kliem ieħor, m'għandniex l-intenzjoni li eċċezzjoni tkun tfisser li kull meta din ma tkunx meħtieġa tkun għalhekk "espliċament awtorizzata." Aktar minn hekk l-eċċezzjoni tapplika biss meta dak li huwa espliċitament awtorizzat minn liġi tal-U.S. ikun f'kunflitt mal-ħtiġiet tal-prinċipji ta' port salv. Il-liġi relevanti għandha tilħaq iż-żewġ elementi qabel in-non-osservanza mal-prinċipji tkun permissibli.

Artikolu 604 tal-FCRA, per eżempju, espliċitament jawtorizza aġenziji ta' rappurtaġġ tal-konsumatur li joħorġu rapporti dwar il-konsumatur fil-varji sitwazzjonijiet innumerati. Ara FCRA, § 604. Meta jsir hekk, Artikolu 604 jawtorizza aġenziji ta' rappurtaġġ ta' kreditu li jaġixxu b'kunflitt mal-prinċipji ta' port salv, allura l-aġenziji ta' rapurtaġġ ta' kreditu ikunu jeħtieġu li jistrieħu fuq l-eċċezzjoni (sakemm, naturalment, xi spejagazzjoni oħra tkun applikata). Aġenziji ta' rappurtaġġ ta' kreditu għandhom jobdu l-ordnijiet tal-qorti u jagħtu *grand jury subpoenas*, u jużaw ir-rapporti b'liċenzjar governattiv, aġenziji ta' infurzar ta' sostenn soċjali u tat-tfal iservu skop pubbliku. *Id.*, § 604(a)(1), (3)(D), u (4). B'konsegwenza, aġenzija ta' rappurtaġġ ta' kreditu ma tkunx teħtieġ li tistrieħ fuq l-eċċezzjoni ta' "awtorizzazzjoni espliċita" għal dawn l-iskopijiet. Meta taġixxi bi qbil ma l-istruzzjonijiet bil-kitba mill-konsumatur, l-aġenzija ta' rappurtaġġ tal-konsumatur tkun b'konformità sħiħa mal-prinċipji ta' port salv. *Id.*, § 604(a)(2). L-istess, rapporti ta' konsumatur jistgħu jkunu akkwistati għal skopijiet ta' impjieg, billi bl-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-konsumatur. (*Id.*, §§ 604(a)(3)(B) u (b)(2)(A)(ii)) u għal transazzjonijiet ta' kreditu jew ta' assigurazzjoni li ma humiex mibdija mill-konsumatur, biss jekk il-konsumatur ma jkunx għażel li jibqa barra minn dawk is-solitazzjonijiet (*Id.*, § 604(ċ)(1)(B)). Ukoll, FCRA tipprojbixxi aġenziji ta' rappurtaġġ ta' kreditu milli jipprovdu informazzjoni medika għal skopijiet ta' impjieg mingħajr il-kunsens tal-konsumatur. *Id.*, § 604(g). Użu bħal dan ikun konformi mal-prinċipji ta' avviż u għażla. Skopijiet oħra awtorizzati b'sezzjoni 604 jeħtieġu transazzjonijiet li jinvolvu lill-konsumatur u li jkunu permissibbli bil-prinċipji għal dik ir-raġuni. Ara *Id.*, § 604(a)(3)(A) u (F).

Il-kumplament ta' l-użu "awtorizzat" b'sezzjoni 604 jirrigwarda swieq ta' kreditu sekondarji. *Id.*, § 604(a)(3)(E). Ma hemm l-ebda kunflitt bejn l-użu ta' rapporti tal-konsumatur għal dan l-iskop u l-prinċipji ta' port salv *per se*. Huwa tassew li l-FCRA ma tenħtieġx li aġenziji ta' rappurtaġġ ta' kreditu, per eżempju, li jagħtu avviż u l-kunsens ta' konsumaturi meta huma joħroġu rapporti għal dan l-iskop. B'dana kollu, nerġgħu intennu l-punt li l-assenza ta' ħtieġa ma tkunx tfisser "awtorizzazzjoni espliċita" biex taġixxi f'manjiera apparti minn dik meħtieġa. L-istess, sezzjoni 608 tippermetti aġenziji ta' rappurtaġġ ta' kreditu li jipprovdu parti mill-informazzjoni personali lejn aġenziji governattivi. Din l-"awtorizzazzjoni" ma tkunx tiġġustifika aġenzija ta' rappurtaġġ ta' kreditu li tinjora l-impenji tagħha li tkun osservanti mal-prinċipji ta' port salv. Dan huwa b'kuntrast ma' l-eżempji li tajna meta l-eċċezzjonijiet mill-ħtiġiet ta' avviż u għażla affermattivi li joperaw biex espliċitament jawtorizzaw l-użu ta' informazzjoni personali mingħajr avviż u għażla.

*Konklużjoni*

Disinn distint joħroġ anki mir-rivista limitata ta' dawn l-istatuti:

— L-"awtorizzazzjoni espliċita" fil-liġi ġeneralment tippermetti l-użu jew l-iżvelar ta' informazzjoni personali mingħajr il-kunsens bil-quddiem ta' l-individwu; hekk, l-eċċezzjoni tkun illimitata għal prinċipji ta' avviż u għażla.

([1]) Id-diskussjonijiet tagħna hawn hekk m'għandhomx jittieħdu li huma ammissjoni li l-FCRA ma tkunx tipprovdi protezzjoni "adegwata". Xi kalkolu li l-FCRA għandha tikkunsidra l-protezzjoni pprovduta mill-istatut fil-qofol kollu tiegħu u mhux tiffoka biss fuq l-eċċezzjonijiet bħalma aħna nagħmlu hawnhekk.

— F'ħafna mill-każi, l-eċċezzjonijiet awtorizzati mil-liġi huma mnaqqsa biex japplikaw f'ċirkostanzi speċifiki għal skopijiet speċifiki. Fil-każi kollha, il-liġi inkella tipprojbixxi l-użu mhux awtorizzat jew l-iżvelar ta' informazzjoni personali li ma tidħolx f'dawn il-limiti.

— F'ħafna mill-każi, li jirriflettu l-karattru leġislattiv tagħhom, l-użu jew l-iżvelar awtorizzat iservi l-interess tal-pubbliku.

— Kważi fil-każi kollha, l-użu awtorizzat huwa jew kompletament konsistenti mal-prinċipji ta' port salv jew jidħlu f'wieħed mill-eċċezzjonijiet awtorizzati l-oħra.

B'konkluzzjoni, l-eċċezzjoni għal "awtorizzazzjonijiet espliċiti" fil-liġi, għandhom, min-natura tagħhom, aktar li jkunu llimitati fl-iskop.

C. **Ghaqdiet u Akkwist**

Fl-Artikolu 29 Grupp ta' Ħidma wera t-tħassib tiegħu dwar sitwazzjonijiet meta organizzazzjoni fil-port salv tkun akkwistata minn, jew tingħaqad mad-Ditta li ma tkunx għamlet l-impenn li timxi mal-prinċipji ta' port salv. Il-Grupp ta' Ħidma, b'dana kollu, jidher li assuma li d-ditta li tibqa teżisti ma tkunx marbuta li tapplika l-prinċipji ta' port salv lejn informazzjoni personali miżmuma minn dik id-ditta li tkun akkwistata, imma dan mhux neċċessarjament il-każ permezz tal-liġi tal-U.S.. Ir-regola ġenerali fl-Istati Uniti dwar l-għaqda u l-akkwist ta' kumpaniji hija li l-kumpanija li takkwista l-ishma pendenti ta' korporazzjoni oħra ġeneralment tassumi l-obbligazzjonijiet u r-responsabbiltajiet tad-ditta akkwistata. Ara 15 *Fletcher Cyclopedia of the Law of Private Corporations* § 7117 (1990); ara wkoll *Model Bus. Corp. Act* § 11.06(3) (1979) ("il-korporazzjoni li tibqa' teżisti għandha r-responsabbiltajiet kollha tal-parti tal-korporazzjoni f'dik l-għaqda"). Fi kliem ieħor, id-ditta li tibqa' teżisi f'għaqda jew l-akkwist ta' kumpanija ta' organizzazzjoni b'dan il-metodu tkun marbuta mill-impenji ta' port salv ta' din ta' l-aħħar.

Aktar minn hekk, anki jekk l-għaqda jew l-akkwist kienu ġew effettwati bl-akkwist ta' assi, ir-responsabbiltajiet ta' l-intrapriża akkwistata xorta waħda jorbtu lid-ditta li takkwista, f'ċerti ċirkostanzi. 15 *Fletcher*, § 7122. Anki meta r-responsabbiltajiet ma jkampawx l-għaqda, b'dana kollu, huwa tajjeb li jkun innutat li dawn ukoll ma jkunux kampaw għaqda meta d-*data* kienu ġew trasferiti mill-Ewropa bis-saħħa ta' kuntratt - l-unika alternattiva vijabbli għat-tesferiment ta' *data* ta' port salv lejn l-Istati Uniti. B'żieda, id-dokumenti ta' port salv kif riveduti jeħtieġu xi organizzazzjoni ta' port salv li tinnotifika lid-Dipartiment tal-Kummerċ b'xi akkwist u tippermetta li d-*data* tibqa' tkun ittrasferita lis-suċċessur ta' l-organizzazzjoni biss jekk l-organizzazzjoni bħala suċċessur tissieħeb fil-port salv. Ara FAQ 6. Fil-fatt, l-Istati Uniti issa rrevediet il-kwadru ta' port salv biex teħtieġ li organizzazzjonijiet tal-U.S. f'din is-sitwazzjoni li jħassru informazzjoni li huma jkunu rċevew permezz tal-kwadru ta' port salv jekk l-impenji tagħhom ta' port salv ma jibqgħux jew salvagwardji addattati oħra ma jkunux ġew implimentati.

*ANNESS V*

fl-14 ta' Lulju 2000.

John Mogg
Director, DG XV
European Commission
Office C 107-6/72
Rue de la Loi/Wetstraat 200
B - 1049 Brussels

Għażiż Sur Mogg

Nifhem li numru ta' mistoqsijiet qamu fir-rigward ta' l-ittra tiegħi lilek tad-29 ta' Marzi, 2000. Biex tkun kjarifikata l-awtorità tagħna f'dawk l-oqsma ta' fejn qamu l-mistoqsijiet, qiegħed nibgħatlek din l-ittra, li, għal faċilità ta' referenza futura, iżżid u tirrikapitula t-test tal-korrespondenza preċedenti.

Fiż-żjarat tiegħek fl-uffiċini tagħna u fil-korrespondenza tiegħek, inti qajjimt diversi mistoqsijiet dwar l-awtorità tal-*United States Federal Trade Commission* fil-qasam tal-privatezza *online*. Ħsibt li jkun utili li nagħmel sommarju tat-tweġibiet preċedenti tiegħi li jikkonċernaw l-attivitajit FTC f'dan il-qasam u biex nipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-ġurisdizzjoni ta' l-aġenzija dwar kwistjonijiet ta' privatezza tal-konsumatur imqajma fl-ittra l-aktar riċenti tiegħek. Speċifikament, inti tsitaqsi jekk: (1) l-FTC għandhiex ġurisdizzjoni fuq it-trasferiment ta' *data* irrelatati ma; l-impjieg jekk magħmula bi vjolazzjoni tal-prinċipji ta' port salv tal-U.S.; (2) l-FTC għandhiex ġurisdizzjoni fuq programmi ta' privatezza "*seal*" li ma jagħmlux qligħ; (3) l-Att FTC japplikax egwalment għad-dinja *offline* kif ukoll *online*; u (4) x'jiġri meta l-ġurisdizzjoni ta' l-FTC tkun tirkeb fuq l-infurzament ta' liġi ta' aġenziji oħra.

*L-Applikat ta' l-Att FTC għal Privatezza*

Bħalma taf, matul l-aħħar ħames snin, l-FTC ħadet irwol ta' amministrazzjoni biex tiffaċilita sforzi mill-industrija ta' l-Istati Uniti u gruppi tal-konsumatur li jiżvilluppaw reazzjoni komprensiva għal kwistjonijiet ta' privatezza tal-konsumatur, inkluż il-ġbir u l-użu ta' informazzjoni personali fuq l-Internet. Matul studji pubbliċi u konsultazzjonijiet kontinwi ma' membri ta' l-industrija, rappreżentanti tal-konsumatur u l-kollegi tagħna fid-Dipartiment tal-Kummerċ matul il-Gvern U.S., aħna għina biex tkun identifikata strateġija ewlenija dwar kwistjonijiet u biex niżviluppaw soluzzjonijiet sensibbli.

L-awtorità legali tal-*Federal Trade Commission* f'dan il-qasam tinstab f'Artikolu 5 tal- *Federal Trade Commission Act* ("FTC Act"), li tipprojbixxi "atti jew prattiċi inġusti jew qarrieqa" fil- jew li jaffetwaw il-kummerċ ([1]). Prattika qarrieqa hija definita bħala rappreżentazjoni, ommissjoni jew prattika li aktarx li tfixkel konsumaturi normali f'għamla materjali. Prattika hija inġusta jekk tikkawża, jew aktarx li tikkawża, ħsara sostanzjali lil konsumaturi li ma tkunx raġonevolment evitata u li ma tkunx ibbilanċjata b'benefiċċji b'effett oppost lejn il-konsumaturi jew il-kompetizzjoni ([2]).

Prattiċi ta' ġbir ta' ċerta informazzjoni aktarx li jagħmlu vjolazzjoni ta' l-Att FTC. Per eżempju, jekk *website* b'qerq tistqarr li hija konformi ma' l-istrateġija mistqarra ta' privatezza jew sett ta' linji ta' gwida li huma rregolati minnha nnifisha, Artikolu 5 ta' l-Att FTC jipprovdi l-bażi legali biex tkun sfidata misrappreżentazzjoni bħal din bħala qarrieqa. Fil-fatt, aħna rnexxielna ninfurzaw il-liġi biex nistabbilixxu dan il-prinċipju ([3]). B'żieda, il-Kummissjoni tista' tieħu l-posizzjoni li tgħamel sfida partikolari prominenti tal-prattiċi ta' privatezza bħala inġusti permezz ta' Sezzjoni 5 jekk prattiċi bħal dawn jinvolvu tfal, jew l-użi ta' informazzjoni ferm sensittiva, bħalma huma reġistri finanzjarji ([4]) u reġistri mediċi. Il-*Federal Trade Commission* kienet u għandha tibqa' ssegwi l-infurzament ta' liġi bħal dik ta' azzjonijiet permezz ta' l-isforzi tagħna ta' monitoraġġi investigattivi attivi, u permezz ta' riferiti li nirċievu mill-organizzazzjonijiet li jirregolaw lilhom infushom u oħrajn, inklużi l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

---

([1]) 15 U.S.C. § 45. Il-*Fair Credit Reporting Act* ikun ukoll applikabbli għal ġbir u bejgħ ta' *data* bl-Internet li jkunu jissodisfaw id-definizzjonijiet statutorji ta' "rapport tal-konsumatur" u "aġenzija ta' rappurtaġġ lejn il-konsumatur".

([2]) 15 U.S.C. § 45(n).

([3]) Ara *GeoCities*, Docket No C-3849 (Final Order Feb. 12, 1999) (disponibbli fi www.ftc.gov/os/1999/9902/9823015d%26o.htm); Liberty Financial Cos., Docket No C-3891 (Ordni Finali Aug. 12, 1999) (disponibbli fi www.ftc.gov/opa/1999/9905/younginvestor.htm). Ara wkoll Children's Online Privacy Protection Act Rule (COPPA), 16 C.F.R. Part 312 (disponibbli fi www.ftc.gov/opa/1999/9910/childfinal.htm). Ir-Regola COPPA, li saret effettiva x-xahar l-iehor, tenhtieġ operaturi ta' websites diretti lejn tfal ta' taht it-13, jew konxjament jiġbru informazzjoni personali minn tfal ta' taht it-13, li jimplimentaw prattika ta' norma ġusta ta' informazzjoni kif elenkata fir-Regola.

([4]) Ara *FTC v. Touch Tone, Inc.*, Azzjoni Ċivili No 99-WM-783 (D.Co.) (ippreżentata April 21, 1999) fi www.ftc.gov/opa/1999/9904/touchtone.htm. Staff Opinion Letter, July 17, 1997, maħruġa b'reazzjoni għal petizzjoni ippreżentata miċ-Ċentru ta' Edukazzjoni tal-Medja, fi www.ftc.gov/os/1997/9707/cenmed.htm.

*Sostenn FTC għal Regolazzjoni minn Ġewwa.*

L-FTC ilha għal żmien twil issostni l-isforzi mill-industrija li tiżviluppa programmi effettivi regolatorji minnhom infushom biex jassiguraw protezzjoni għal konsumaturi fuq l-Internet. Jekk dawn l-isforzi għandhom ikollhom suċċess, b'dana kollu, għandu jkun hemm parteċipazjoni wiesa mill-membri ta' l-industrija. Fl-istess waqt, ir-regolazzjoni minnhom infushom għandu jkollha s-sostenn b'inforzament ta' liġi. Għal dawn ir-raġunijiet, l-FTC għandha tagħti prijorità għal riferit ta' nuqqas ta' konformità ma' linji ta' gwida ta' regolazzjoni minnha nnifisha li tirċievi minn organizzazzjonijiet bħal BBBOnline u TRUSTe. Dan l-approċċ għandu jkun konsistenti mar-relazzjonijiet fit-tul mal-*National Advertising Review Board* (NARB) tal-*Better Business Bureau*, li tirreferi għal ilmenti ta' reklamar lejn l-FTC. In-*National Advertising Division* (NAD) ta' NARB tirriżolvi ilmenti, permezz ta' proċess aġġudikattiv, li jikkonċerna reklamar nazzjonali. Meta parti tiċħad li tku nkonformi ma' deċiżjoni NAD, ir-riferit għandu jsir lill-FTC. L-impjegati ta' l-FTC jirrevedu r-reklamar imħaqqaq fuq bażi ta' prijorità biex ikunu ddeterminat jekk dan jiksirx l-Att FTC, u ta' spiss jirnexxielhom li jwaqqfu l-imġieba mħaqqa jew jikkonvinċi lill-parti biex tmur lura għal proċess NARB.

L-istess, l-FTC għandha tagħti prijorità għar-referiti ta' nuqqas ta' konformità mal-prinċipji ta' port salv minn Stati Membri ta' l-UE. Bħalma referiti minn organizzazzjonijiet tal-U.S. li jirregolaw lilhom infushom, l-impjegati tagħna jikkunsidraw kull informazzjoni li jkollha effett fuq jekk l-imġieba li jkun hemm l-ilment dwarha tkunx bi vjolazzjoni ta' Artikolu 5 ta' l-Att FTC. Dan l-impenn jista' wkoll jinstab fil-prinċipji ta' port salv skond il-Mistoqsija Magħmula ta' Spiss (FAQ 11) dwar infurzament.

*GeoCities: L-ewwel Każ ta' Privatezza FTC Online*

L-ewwel każ li jittratta l-privatezza ta' l-Internet mill-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ (FTC), *GeoCities* kienet ibbażata fuq l-awtorità tal-Kummissjoni permezz ta' Sezzjoni 5 ([1]). F'dak il-każ, l-FTC allega li *GeoCities* kienet misrappreżentata, kemm lil adulti u wkoll lit-tfal, kif l-informazzjoni personali tagħhom kellha tkun użata. L-ilment tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ allega li *GeoCities* kienet ippreżentat li ċerta informazzjoni identifikabbli personalment li hi kienet tiġbor minn fuq il-*website* tagħha kellha tkun użata biss għal skopijiet interni jew biex tipprovdi lil klijenti b'offerti ta' reklamar speċifiku u prodotti jew servizzi li huma jkunu talbu, u li ċerta informazzjoni "voluntarja" addizzjonali ma kelliex tkun żvelata lill ħadd mingħajr il-permess tal-konsumatur. Fil-fatt, din l-informazzjoni kienet żvelata lill-partijiet terzi li użawha bix jimmirraw lil membri b'offerti li jmorru lill hinn minn dawk mifthiema mill-membru. L-ilment saħaq ukoll li *GeoCities* ingaġġa fi prattiċi qarrieqa li jirrigwardaw il-ġbir ta' informazzjoni minn għand it-tfal. Skond l-ilment ta' l-FTC, *GeoCities* irrapreżentat li hi operat fil-qasam ta' tfal; fuq il-*website* tagħha u li l-informazzjoni miġbura minn hemm kienet miżmuma minn *GeoCities*. Fil-fatt, dawk l-oqsma fuq il-*website* kienu mħaddma minn partijiet terzi li ġabru u żammew l-informazzjoni.

It-twettieq finali pprojbixxa lil *GeoCities* milli tgħamel misrappreżentazjoni ta' l-iskop li għalih tiġbor jew tuża informazzjoni identifikabbli personalment minn u dwar konsumaturi, inklużi tfal. L-ordni tenħtieġ li l-kumpanija tagħmel fuq il-*website* tagħha Avviż ta' Privatezza li jkun ċar u prominenti, li jgħid lill-konsumaturi liema informazzjoni li tkun miġbura u għal liema skop, lil min kellha tkun żvelata, u kif il-konsumaturi setgħu jgħamle aċċess u jneħħu dik l-informazzjoni. Biex jassiguraw kontrol paternali, it-twettieq ukoll kien jenħtieġ li *GeoCities* jakkwista kunsens paternali qabel ma jiġbor l-informazzjoni personalment identifikabbli minn tfal ta' taħt it-12-il sena. Skond l-ordni, *GeoCities* hija meħtieġa li tinnotifika lil membri tagħha u tipprovdihom b'opportunità li jkollhom l-informazzjoni tagħhom imħassra mid-databases ta' *GeoCities* u ta' xi parti terza. It-twettieq speċifikament jenħtieġ li *GeoCities* tinnotifika lill-ġenituri ta' tfal ta' 12-il sena jew anqas u li tħassar l-informazzjoni dwarhom, sa kemm wieħed mill-ġenituri jafferma l-kunsens dwar ir-retenzjonu u l-użu tagħha. Finalment, *GeoCities* hija wkoll meħtieġa li tagħmel kuntatt mal-partijiet terzi li lilhom oriġinalment kienet żvelat l-informazzjoni u titlob lil dawk il-partijiet biex iħassru wkoll dik l-informazzjoni ([2]).

*ReverseAuction.com*

Aktar reċentament, din l-aġenzija resqet każ li jisfida l-allegat ksur ta' privatezza minn kumpanija oħra *online*. F'Jannar 2000, il-Kummissjoni approvat l-ilment kontra, u qabel mal-ftehim ma', *ReverseAuction.com*, dwar sit ta' rkant *online* li allegatament akkwista mingħand il-konsumaturi informazzjoni personalment identifikabbli minn sit ta' kompetitur (*eBay.com*) u mbagħad bagħat b'qerq, messaġġi *e-mail* li ma kinux mitluba lill-dawk il-konsumaturi biex tfittex in-negozju tagħhom ([3]). L-ilment tagħna allega li *ReverseAuction* kisret Artikolu 5 ta' l-Att FTC meta akkwistat

---

([1]) *GeoCities*, Docket Nru C-3849 (Ordni Finali Frar 12, 1999) (disponibbli fi www.ftc.gov/os/1999/9902/9823015d%26o.htm).

([2]) Il-Kummissjoni sussegwentament wettqet materja oħra li tinvolvi l-ġbir ta' informazzjoni personali mingħand tfal online. Liberty *Financial Companies*, Inc., operaw il-*Young Investor website* li kienet diretta lejn tfal u żagħżagħ, u ffukat fuq suġġetti li jirrigwardaw flus u investimenti. Il-Kummissjoni allegat li s-"*site*" b'qerq ippreżentat li l-informazzjoni personali miġbura mingħand it-tfal f'inkjesta ġenerali kienet serja tinżamm b'manjiera anonima, u li l-parteċipanti kellhom jirċievu *e-mail newsletter* u wkoll premjijiet. Fil-fatt, l-informazzjoni personali dwar il-finanzi tat-tfal u tal-familja kienu miżmuma f'manjiera identifikabbli, u l-ebda newsletter jew premijiet ma kienu ntbagħtu. Il-kunsens tal-ftehim jipprojbixxi misrappreżentazzjoni bħal din fil-futur u tenħtieġ li Liberty Posting li tqiegħed avviż dwar il-privatezza fuq is-siti tagħha għat-tfal u takkwista kunsens verifikabbli mill-ġenituri qabel ma tiġbor informazzjoni personali identifikabbli mingħand it-tfal. *Liberty Financial* Cos., Docket Nru C-3891 (Ordni Finali Awissu 12, 1999) (disponibbli fi www.ftc.gov/opa/1999/9905/younginvestor.htm).

([3]) 7 Ara *ReverseAuction.com, Inc.*, Azzjoni Ċivili Nru 000032 (D.D.C.) (ippreżentata Jannar 6, 2000) (*press release* u tħaqqieq fi www.ftc.gov/opa/2000/01/reverse4.htm).

l-informazzjoni personalment identifikabbli, li kienet tinkludi l-indirizzi *e-mail* ta' dawk li jagħmlu użu minn *eBay* kif ukoll l-ismijiet ta' identifikazzjoni personalizzati li dawk li kienu jagħamlu użu ("user Ids"), u li kienet tibagħtilhom b'qerq messaġġi *e-mail*.

Kif deskritt fl-ilment, qabel akkwistat l-informazzjoni, *ReverseAuction* irreġistrat bħala *eBay user* u ftiehmet li tkun konformi ma' l-*eBay's User Agreement and Privacy Policy*. Il-ftehim u strateġija jipproteġu l-privatezza ta' konsumatur billi jipprojbixxu lil dawk li jagħmlu użu minn *eBay* milli jiġbru u jużaw informazzjoni personalment identifikabbli għal skopijiet mhux awtorizzati, bħalma huma li jintbagħtu messaġġi kummerċjali *e-mail* li ma kinux mitluba. B'hekk, l-ilment tagħha l-ewwel allega li *ReverseAuction* għamel mis-rappreżentazzjoni li hi kellha tkun konformi ma' l-*eBay's User Agreement and Privacy Policy*, prattika qarrieqa permezz ta' Artikolu 5. B'alternattiva, l-ilment allega li *ReverseAuction* għamel użu mill-informazzjoni biex jibgħat *e-mail* kummerċjali li ma kinitx mitluba, bi vjolazzjoni tal-*User Agreement and Privacy Policy*, kienet prattika kummerċjali inġusta permezz ta' Artikolu 5.

It-Tieni, l-ilment allega li l-messaġġi *e-mail* lil konsumaturi kien fih linja ta' suġġett qarrieqi li jinforma lil kull wieħed li l-*eBay user ID* tiegħu jew tagħha "kien sejjer jeskadi fil-qrib". Finalment, l-ilment allega li l-messaġġ *e-mail* ippreżenta b'qerq li l-*eBay*, direttament jew indirettament, kienet ipprovdiet lil *ReverseAuction* bl-informazzjoni personalment identifikabbli ta' l-*eBay users*, jew b'mod ieħor ipparteċipat fid-dissimenazzjoni ta' dik l-*e-mail* mhux mitluba.

It-twettiq akkwistat mill-FTC jipprojbixxi lil *ReverseAuction* milli tikkommetti dawn il-vjolazzjonijiet fil-futur. Teħtieġ ukoll li *ReverseAuction* jipprovdu avviż lil konsumaturi li, bħala riżultat li rċevew l-*e-mail* ta' *ReverseAuction*, kienu rreġistraw jekk kienu sejrin jirreġistraw ma' *ReverseAuction*. Dan l-avviż jinforma lil konsumaturi li l-*user ID* tagħhom ta' l-*eBay* ma kienx sejjer jeskadi fuq l-*eBay* u li l-*eBay* ma kinitx taf bi, jew ma kintx awtorizzata, id-disseminazzjoni ta' *ReverseAuction* ta' *e-mail* mhux mitluba. L-avviż jipprovdi wkoll lil dawn il-konsumaturi bl-opportunità li jikkanċellaw ir-reġistrazzjoni ma *ReverseAuction* u li jkollhom l-informazzjoni personali identifikabbli tagħhom imħassra minn fuq id-*database* ta' *ReverseAuction*. B'żieda, l-ordni teħtieġ li *ReverseAuction* tħassar, u tibqa' lura milli tuża jew tiżvela, l-informazzjoni personali identifikabbli ta' membri *eBay* li jkunu rċevew *e-mail* mingħand *ReverseAuction* imma li ma jkunux irreġistraw ma' *ReverseAuction*. Finalment, konsistenti ma' l-ordnijiet ta' privatezza akkwistati minn din l-aġenzija, it-twettiq jeħtieġ li *ReverseAuctrion* tiżvela l-istrateġija tagħha dwar privatezza fuq is-sit ta' l-Internet tagħha, u li jkollha reġistri komprensivi dwar disposizzjonijiet biex tippermetti lill-FTC biex tissorvelja l-konformità.

Il-każ ta' *ReverseAuction* juri li l-FTC hija impenjata li tuża l-infurzament biex tħeġġeg l-isforzi ta' regolazzjoni minnha nnifisha ta' l-industrija fil-qasam ta' privatezza *online* tal-konsumatur. Fil-fatt, dan il-każ direttament jisfida l-kondotta li mminat l-Istrateġija ta' Privatezza u l-*User Agreement* li jipproteġi l-privatezza tal-konsumaturi, u li tista' tnaqqas il-fiduċja tal-konsumatur f'miżuri ta' privatezza meħudha minn kumpaniji *online*. Minħabba li dan il-każ jinvolvi l-misapproprjazzjoni minn kumpanija waħda ta' informazzjoni tal-konsumaturi protetti mill-istrateġija ta' kumpanija oħra, hija wkoll ta' relevanza għal kwistjoni ta' privatezza mqajma bit-trasferiment ta' *data* bejn kumpanija f'pajjiżi differenti.

Indipendentament mill-azzjonijiet ta' infurzar tal-liġi mll-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ dwar *GeoCities, Liberty Financial Cos.*, u *ReverseAuction*, l-awtorità ta' l-aġenzija f'ċerti oqsma ta' privatezza *online* hija aktar illimitata. Bħalma huwa nnutat hawn fuq, biex ikun jista' jintlaħaq permezz ta' l-Att FTC, il-ġbir u l-użu ta' informazzjoni personali mingħajr il-kunsens għandu jikkostitwixxi jew prattika qarrieqa inkella kummerċ mhux ġust. B'hekk, l-Att FTC aktarx li ma jindirizzax il-prattiċi ta' *website* li ġabret informazzjoni personalment identifikabbli minn konsumaturi, imma la għamlet misrappreżentazzjoni ta' l-iskop li għalih l-informazzjoni kienet ġiet miġbura u lanqas ma rrilaxxat l-informazzjoni b'tali mod li aktarx li kien joħloq danni sostanzjali lil konsumaturi. Ukoll, aktarx li ma jkunx fil-poter ta' l-FTC li fil-wisa' tkun teħtieġ li entitajiet li jiġbru informazzjoni fuq l-Internet li jkunu osservanti ma' l-istrateġija ta' privatezza jew għal xi strateġija partikolari ([1]). Kif mistqarr hawn fuq, b'dana kollu, in-nuqqas ta' kumpanija li timxi ma' l-istrateġija mistqarra ta' privatezza tista' tkun prattika qarrieqa.

([1]) Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ stqarret waqt testimonjanza quddiem il-Kungress li leġislazzjoni addizzjonali aktar li tkun meħtieġa sabiex iġġiegħel lil *websites* kummerċjali kollha tal-US li tkun diretta lejn konsumaturi li jkunu konformi ma' prattiċi speċifiċi ta' informazzjoni ġusta. "*Consumer Privacy on the World Wide Web*," quddiem is-Sotto-Kumitat dwar Telekomunikazzjonijet, Kummerċ u Protezzjoni tal-Konsumatur tal-Kumitat tal-Kamra dwar il-Kummerċ tal-Kamra tar-Rappreżentanti ta' l-Istati Uniti, Lulju 21, 1988 (ix-xhieda tista' tinstab fi www.ftc.gov/os/9807/privac98.htm). L-FTC ittardjat li titlob għal leġislazzjoni bħal din sabiex tagħti l-isforzi ta' regolament minnhom infushom l-opportunità li juru adottazzjoni fil-wisa' ta' prattiċi ta' informazzjoni ġusta fuq *websites*. Ir-rapport tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ lejn il-Kungress dwar privatezza online, "*Privacy Online*: A Report tp Congress," Ġunju 1998 (ir-rapport jista' jinstab fi www.ftc.gov/reports/privacy3/toc.htm), l-FTC irrakomandat leġislazzjoni li tkun tenħtieġ li *websites* kummerċjail jakkwistaw kunsens tal-ġenituri qabel ma jiġbru informazzjoni personali li tkun identifikabbli minn tfal taħt it-13 il-sena. Ara nota ta' l-aħħar 3 supra. Is-sena l-oħra, ir-Rapport tal-Kummissjoni, "*Self-Regulation and Privacy Online*: *A Federal Trade Commission Report to Congress*," Lulju 1999 (ir-rapport jista' jinstab fi www.ftc.gov/os/1999/9907/index.htm 13,) iddikjara progress suffiċjenti fir-regolazzjoni minnhom infushom u, għalhekk, għażlet biex ma tirrakkomandax leġislazzjoni f'dak il-waqt. Il-Kummissjoni għandha tirraporta mill-ġdid lejn il-Kungress fil-ġimgħat li ġejjin dwar il-progress ta' regolazzjoni minnhom infushom.

Aktar minn hekk, il-ġurisdizzjoni ta' l-FTC f'dan il-qasam tkopri atti jew prattiċi inġusti u qarrieqa biss jekk dawn ikunu "fil- jew li jaffetwaw il-kummerċ". Informazzjoni miġbura minn entitajiet kummerċjali li jkunu jirreklamaw prodotti jew servizzi, inklużi l-ġbir u l-użu ta' informazzjoni għal skopijiet kummerċjali, aktarx li jilħqu l-ħtieġa ta' "kummerċ". Min-naħa l-oħra, ħafna individwi jew intitajiet jistgħu jkunu jiġbru informazzjoni *online* mingħajr xi skop kummerċjali, u b'hekk jistgħu jaqgħu 'il barra mill-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ. Eżempju ta' dan hija l-limitazzjoni li tinvolvi "*chat room*" jekk operati minn entitajiet mhux kummerċjali, e.g., organizzazzjoni ta' karità.

Finalment, hemm numru ta' esklużjonijiet statutorji sħaħ jew parzjali mill-ġurisdizzjoni bażika ta' l-FTC dwar prattiċi kummerċjali li jillimitaw l-abilità ta' l-FTC li tipprovdi reazzjoni komprensiva ta' privatezza fuq l-Internet. Dawn jinkludu eżenzjonijiet minn ħafna informazzjoni intensiva ta' negozju tal-konsumatur bħalma huma banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni u linji ta' l-ajru. Bħalma taf, aġenziji federali u statali oħra ikollhom ġurisdizzjoni fuq dawk l-entitajiet, bħalma huma l-aġenziji federali bankarji jew id-Dipartiment tat-Trasport.

F'każi meta hi ma jkollhiex ġurisdizzjoni, l-FTC taċċetta u, skond kemm jippermetti r-riżorsi, taġixxi fuq ilmenti mill-konsumatur li hi tirċievi bil-post jew bit-relefon fil-Consumer Response Center ("CRC"), u, aktar riċenti, fuq il-website tagħha ([1]). Il-CRC taċċetta ilmenti mill-konsumaturi kollha, inklużi dawk li huma residenti fl-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea. L-Att FTC jipprovdi lil Kummissjoni Federali tal-Kummerċ poter ekwitabbli biex takkwista ħelsien injuttiv kontra vjolazzjonijiet futuri ta' l-Att FTC, kif ukoll li tgħati sodisfazzjon lil konsumaturi li jkunu sofrew ħsara. Aħna nkunu. B'dana kollu, inħarsu biex naraw jekk il-kumpanija tkunx involviet ruħha f'għamla ta' imġieba mhux xieqa, minħabba li aħna ma nirrisolvux kwistjonijiet individwali tal-konsumatur. Fil-passat, Il-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ ipprovdiet sodisfazjon lil ċittadini kemm ta' l-Istati Uniti u wkoll ta' pajjiżi oħra ([2]). L-FTC tibqa tisħaq l-awtorità tagħha, f'każi xierqa, biex tipprovdi sodisfazzjon liċ-ċittadini ta' pajjiżi oħra li jkunu sofrew ħsara minn prattiċi qarrieqa li jidħli taħt il-ġurisdizzjoni tagħha.

*Data ta' Impjieg*

L-ittra tiegħek l-aktar riċenti fittxet kjarifika addizzjonali rigward il-ġurisdizzjoni ta' l-FTC fil-qasam ta' *data* ta' impjieg. L-ewwel, int tagħmel il-mistoqsija jekk l-FTC tkunx tista' tieħu passi permezz ta' Artikolu 5 kontra kumpanija li tkun tirrapreżentak li tkun konformi mal-prinċipji ta' port salv fil-U.S. imma li tittrasferixxi jew tuża *data* rrelatati ma' l-impjieg b'manjiera li tikser dawn il-prinċipji. Aħna rridu nassigurawk li aħna konna irrevedejna bil-reqqa l-leġislazzjoni awtorizzanti ta' l-FTC, li tirrigwarda dokumenti, u sentenzi relevanti mill-qrati u konna ikkonkludejna li l-FTC għandha l-istess ġurisdizzjoni fis-sitwazzjoni ta' *data* li huma rrelatati ma' l-impjieg bħalma hi ġeneralment ikollha permezz ta' Artikolu 5 ta' l-Att FTC ([3]). B'dan irrid ngħid, li nassumu li każ jidħol fil-kriterja eżistenti (inġust jew qarrieqi) għal azzjoni infurzabbli li tirrigwarda privatezza, aħna nkunu nistgħu nieħdu azzjoni fis-sitwazzjoni ta' *data* li jirrigwardaw l-impjieg.

Aħna nixtieqi wkoll li nneħħu l-idea li l-abbiltà ta' l-FTC li tieħu azzjoni infurzabbli li tirrigwarda privatezza hija llimitata għal sitwazzjonijiet meta kumpanija tkun qarrqet b'konsumaturi individwali. Fil-fatt, l-azzjoni l-aktar riċenti tal-Kummissjoni fil-każ ta' ReverseAuction ([4]) tagħmilha ċara, li l-FTC tressaq azzjonijiet ta' infurzament irrelatati ma' privatezza f'sitwazzjonijiet li jinvolvu trasferiment ta' *data* bejn kumpaniji, sew jekk kumpanija waħda tallega li tkun aġixxiet illegalment *vis-a-vis* il-kumpanija l-oħra, li twassal għal ħsara kemm mill-konsumaturi u wkoll lejn il-kumpaniji. Aħna nistennew li din is-sitwazzjoni hija waħda li fiha l-kwistjoni ta' impjieg aktar li toriġina, bħalma huma d-*data* ta' impjieg dwar Ewropej li jkunu trasferiti minn kumpaniji Ewropej lejn kumpaniji Amerikani li jkunu ntrabtu li jimxu mal-prinċipji ta' port salv.

Nixtiequ li ninnotaw ċirkostanza waħda li fiha l-azzjoni FTC tista' tkun evitata, b'dana kollu. Dan jista' jseħħ f'sitwazzjonijiet li fihom il-materja tkun diġà ġiet indirizzata bil-liġi tradizzjonali tax-xogħol f'kuntest ta' riżoluzzjoni ta' tilwima, x'aktarx ilment ta' niket/arbitraġġ jew ta' prattika inġusta dwar ix-xogħol f'ilment lejn il-*National Labor*

([1]) Ara http://www.ftc.gov/ftc/complaint.htm għal formola ta' ilment *online* tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ.

([2]) Per eżempju, f'każi riċenti li jinvolvu skema piramida fuq l-Internet, il-Kummissjoni akkwistat rifużjonijiet għal 15 622 konsumatur li jammontaw approssimament USD 5,5 miljun. Il-konsumaturi huma residenti fl-Istati Uniti u 70 pajjiż barrani. Ara www.ftc.gov/opa/9807/fortunar.htm; www.ftc.gov/opa/9807/ftcrefund01.htm.

([3]) Ħlief kif speċifikament eskluż mill-istatut li jawtorizza l-FTC, il-ġurisdizzjoni ta' l-FTC permezz ta' l-Att FTC dwar prattiċi "fil- jew li jaffetwaw il-kummerċ" hija ko-estenziva mal-poter kostituzzjonali tal-Kungress permezz tal-Klawsola tal-Kummerċ, *United States v. American Building Maintenance Industries, 422 U.S. 271, 277 n. 6* (1975). Il-ġurisdizzjoni FTC tkun għalhekk tikkomprendi l-prattiċi rrelatati ma' impjieg f'ditti u industriji fil-kummerċ internazzjonali.

([4]) Ara "*Online Auction Site Settles FTC Privacy Charges*", FTC News Release (January 6, 2000) li ssibu f'http://www.ftc.gov/opa/2000/01/reverse4.htm.

*Relations Board*. Dan ikun iseħħ, per eżempju, jekk min iħaddem ikun għamel impenn fi ftehim ta' negozjar kollettiv rigward l-użu ta' *data* personali u l-impjegat jew il-*union* jallegaw li min iħaddem ikunu kiser dak il-ftehim. Il-Kummissjoni aktar tiddifferixxi l-proċediment ([1]).

*Ġurisdizzjoni Fuq Programmi "Seal"*

It-tieni, inti ssaqsi jekk l-FTC jkollhiex ġurisdizzjoni fuq programmi "*seal*" li jamministraw mekkaniżmi ta' riżolviment ta' kwistjonijiet fl-Istati Uniti li jagħmlu misrappreżentazzjonijiet ta' l-irwol tagħhom li jinfurzaw il-prinċipji ta' "port salv" u li jieħdu ħsieb ilmenti individwali, u jekk entitajiet bħal dawn kienu teknikament "mhux għal profitt". Fid-determinazzjoni jekk aħna jkollniex ġurisdizzjoni fuq entità li tqis lilha nnifisha li mhix għal profitt, il-Kummissjoni tanalizza mill-qrib jekk l-entità, waqt li ma tfittix profitt għaliha nnifisha, tkabbar il-profitt tal-membri tagħha. Il-Kummissjoni b'suċċess ikkonfermat bil-ġurisdizzjoni tagħha fuq entitajiet bħal dawn sa reċentament l-24 ta' Mejju 1999, il-Qorti Suprema ta' l-Istati Uniti, fil-*California Dental Association v. Federal Trade Commission*, unanimament affermat il-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni fuq għaqdiet voluntarji mhux għal profitt ta' soċjetajiet dentali lokali f'materja ta' *antitrust*. Il-Qorti nsistiet:

> L-Att FTC jagħmel minn kollox biex jinkludi mhux biss entità bħala "organizzata biex twettaq in-negozju tagħha bi profitt," 15 U.S.C. § 44, imma wkoll waħda li twettaq in-negozju tagħha għal profit "tal-membri tagħha."…… Tista, fil-fatt, bil-kemm tkun mistennija li l-Kungress ikollu l-intenzjoni li nozzjoni li tkopri s-sostenn ta' organizzazzjonijiet, bl-oppurtunità li dan ikun iħib miegħu biex tkun evitata l-ġurisdizzjoni meta l-iskopijiet ta' l-Att FTC ikunu ovvjament jitolbu li dan ikun infurzat.

Fit-total, biex ikun iddeterminat jekk għandhiex tkun applikata l-ġurisdizzjoni fuq entità partikolari "li ma tagħmilx profitt" li tamministra programm *seal* ikun jeħtieġ li ssir reviżjoni fattwali sal-limiti li dwaru l-entità tkun tipprovdi benefiċċju ekonomiku għal profitt tal-membri tagħha. Jekk entità bħal din topera l-programm *seal* tagħha f'manjiera li tkun ipprovdiet benefiċċju ekonomiku għal membru tagħha, l-FTC aktarx li ssaħħaħ il-ġurisdizzjoni tagħha. Bħala punt separat, l-FTC aktarx li jkollha ġurisdizzjoni fuq programm *seal* bi frodi li tagħmel misrappreżentazzjoni ta' l-istatus tagħha bħala entità mhux tal-profitt.

*Privatezza tad-Dinja Offline*

It-Tielet, inti tinnota l-korrespondenza preċedenti tagħna kienet iffukata fuq il-privatezza tad-dinja *online world*. Waqt li l-privatezza *online* kienet ta' interess maġġuri għall-FTC bħala komponent kritiku ta' l-iżvilupp ta' kummerċ elettroniku, l-Att FTC imur lura lejn l-1914 u japplika l-istess għad-dinja *offline*. B'hekk, aħna nistgħu nsegwu ditti *offline* li jinvolvu rwieħhom fi prattiċi tal-kummerċ li jkun inġust u qarrieqi fir-rigward tal-privatezza tal-konsumaturi ([2]). Fil-fatt, f'każ imressaq is-sena l-oħra mill-Kummissjoni, *FTC v. TouchTone Information, Inc.* ([3]), "sensar ta' informazzjoni" kien ġie mixli li illegalment kien akkwista u biegħ informazzjoni privata finanzjarja tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni allegat li *Touch Tone* akkwistat informazzjoni dwar il-konsumaturi bil "*pretexting*" terminu maħluq mill-industrija ta' investigazzjoni privata biex tiddeskrivi l-prattika li takkwista informazzjoni personali dwar oħrajn permess ta' pretenzjonijiet foloz, tipikament bit-telefon. Il-każ, li kien ippreżentat fil-21 ta' April 1999, fil-Qorti Federali ta' Colorado, ifittex inġunzjoni u l-qligħ kollu li sar b'qerq.

*Ġurisdizzjonijiet li Jirkbu Fuq Xulxin*

Finalment, inti tqajjem il-kwistjoni ta' interazzjoni tal-ġurisdizzjoni ta' l-FTC ma' dik ta' aġenziji oħra ta' infurzament skond il-liġi, partikolarment f'każi meta jkun hemm potenzjalment ġurisdizzjonijiet li jirkbu fuq xulxin. Aħna żviluppajna relazzjonijiet qawwija ta' ħidma flimkien ma' numru kbir ta' aġenziji oħra ta' infurzament tal-liġi, inklużi

---

([1]) Id-determinazzjoni dwar jekk imġiba tkunx "*unfair labor practice*" jew vjolazzjoni ta' negozjar dwar ftehim kollettiv hija waħda teknika li ordinarjament hija rriservata għat-tribunali esperti esperti tax-xogħol li jisimgħu l-ilmenti, bħal ma huma arbitraturi u NRLB.

([2]) Bħalma taf minn diskussjonijiet preċedenti, il-*Fair Credit Reporting Act* jagħti wkoll lill-FTC l-awtorità biex tipproteġi l-privatezza finanzjarja tal-konsumatur fil-previżjoni ta' l-Att u l-Kummissjoni reċentament ħarġet deċiżjoni li tappartjeni għdan il-każ. Ara - *In the Matter of Trans Union, Docket No 9255 (March 1, 2000)* (*press release* u opinjoni disponibbli fi www.ftc.gov/os/2000/03/index.htm

([3]) Azzjoni Ċivili 99-WM-783 (D.Colo.) (disponibbli fi http://www.ftc.gov/opa/1999/9904/touchtone.htm) (kunsens tentattiv tad-digriet huwa pendenti).

aġenziji bankarji federali u ma' avukati ġenerali ta' stati. Aħna ta' spiss nikkordinaw investigazzjonijet biex nagħmlu l-aħjar użu tar-riżorsi tagħna f'każi meta l-ġurisdizzjonijiet jirkbu fuq xulxin. Aħna ta' spiss nirreferu wkoll materji lejn l-aġenzija federali jew statali għal investigazzjoni.

Nispera li din ir-reviżjoni kienet ta' għajnuna. Nitolbok li tgħarrafni jekk int tkun tenħtieġ aktar informazzjoni.

Dejjem tiegħek

Robert Pitofsky

*ANNESS VI*

John Mogg
Director, DG XV
European Commission Office
C 107-6/72
Rue de la Loi/Wetstraat 200
B - 1049 Brussels

Għażiż Direttur-Ġenerali Mogg:

Qiegħed nipprovdilek din l-ittra fuq it-talba tad-Dipartiment tal-Kummerċ tal-U.S. biex nispjega l-irwol tar-Dipartiment tat-Trasport fil-protezzjoni tal-privatezza tal-konsumaturi fir-rigward ta' informazzjoni ipprovduti minnhom lejn linji ta' l-ajru.

Id-Dipartment tat-Trasportazzjoni jinkuraġixxi r-regolament minnhom infushom bħala l-anqas intrużivi u l-mezz l-aktar effiċjenti biex tassigura l-privatezza ta' informazzjoni ipprovduta mill-konsumaturi lejn linji ta' l-ajru u skond sosstenni għal l-istabbiliment tar-regola ta' "port salv" li biha linji ta' l-ajru jkunu jistgħu jkunu konformi mal-ħtiġijiet tad-direttiva ta' privatezza ta' l-Unjoni Ewropea fir-rigward ta' trasferimenti il-barra mill-UE. Id-Dipartiment jirrikonoxxi, b'dana kollu, li għal sforsi ta' regolament minnhom infushom dwar ix-xogħol, huwa essenzjali li linji ta' l-ajru jikkommettu rwieħhom lejn il-prinċipji ta' privatezza stabbiliti fir-regola ta' "port salv" u fil-fatt ikunu konformi magħhom. F'dan ir-rigward, regolazzjoni minnhom infushom għandha tkun sostnuta b'liġi ta' infurzament. Għalhekk, billi tuża l-awtorità statutorja eżistenti tagħha dwar protezzjoni tal-konsumatur, id-Dipartiment għandu jassigura li l-linja ta' l-ajru tkun konformi ma' l-impenji ta' privatezza magħmula lill-pubbliku, li jsegwu referenzi ta' l-allegat nuqqas ta' konformità li aħna nirċievu mill-organizzazzjonijiet u oħrajn li jirregolaw lilhom infushom, inklużu l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

L-awtorità tad-Dipartiment li tieħu azzjoni ta' infurzar f'dan il-qasam tinstab fi 49 U.S.C. 41712 li tipprojbixxi trasportatur milli jinvolvu ruħu fi "prattika inġusta u qarrieqa jew metodu inġust ta' kompetizzjoni" fil-bejgħ ta' trasportazzjoni bl-ajru li tirriżulta jew aktarx li tirriżulta fi ħsara lil-konsumatur. Sezzjoni 41712 hija mfassla skond Sezzjoni 5 ta' l-Att tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ (15 U.Sc. 45). B'dana kollu, trasportaturi bl-ajru huma eżenti minn Sezzjoni 5 ta' regolament mill-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ permezz ta' 15 U.S.C. 45(a)(2).

L-uffiċju tiegħi jinvestiga u jagħmel il-prosekuzzjoni ta' każi permezz ta' 49 U.S.C. 41712. (Ara, eż., *DOT Orders* 99-11-5, Novembru 9, 1999; 99-8-23, Awissu 26, 1999; 99-6-1, Ġunju 1, 1999; 98-6-24, Ġunju 22, 1998; 98-6-21, Ġunju 19, 1998; 98-5-31, Mejju 22, 1998; u 97-12-23, Diċembru 18, 1997.) Aħna nistitwixxu każi bħal dawn ibbażati fuq l-investigazzjonijet tagħna stess, kif ukoll dwar ilmenti formali w informali li aħna nirċievu minn individwi, aġenti ta' l-ivjaġġar, u aġenziji tal-gvernijiet ta' l-U.S. jew barranin.

Jiena niġbed l-attenzjoni li n-nuqqas mit-trasportatur li jżomm il-privatezza ta' informazzjoni akkwistata minn passiġġieri ma tkunx minnha nnifisha vjolazzjoni ta' Artikolu 41712. B'dana kollu, ladarba trasportatur formalment u pubblikament jikkommetti lejn il-prinċipju ta' port salv li jipprovdi privatezza lejn il-konsumatur dwar l-informazzjoni li jkun akkwista, allura d-Dipartiment għandu jkun awtorizzat li juża l-poteri statutorji tiegħu ta' Artikolu 41712 biex jassigura konformità ma dawk il-prinċipji. Għalhekk, ladarba passiġġier jipprovdi informazzjoni lejn trasportatur li jkun ikkommetta ruħu li jonora il-prinċipji ta' port salv, xi nuqqas li jagħmel hekk ikunu jikkawża ħsara lil-konsumatur u tkun bi vjolazzjoni ta' sezzjoni 41712. L-uffiċċju tiegħi jinvestiga allegazzjoni ta' attività bħal din u l-prosekuzzjoni bi prijorità għolja ta' xi każ li juri evidenza ta' attività bħal din. Aħna wkoll nagħtu parir lid-Dipartiment tal-Kummerċ dwar ir-riżultat ta' każ bħal dan.

Vjolazzjonijiet ta' Artikolu 41712 jistgħu jirriżultaw fil-ħruġ ta' ordinijiet ta' ieqaf u tkomplix u l-impożizzjoni ta' penalitajiet ċivili għal vjolazzjoni ta' dawk l-ordnijiet. Għakemm aħna m'għandniex l-awtorità li nagħtu ħlas għal danni jew li nipprovdu ħelsien pekunarji dwar ilmenti individwali, fil-fatt għandna l-awtorità li napprovaw twettiq li jirriżulta minn investigazzjonijet u każi mressqa mid-Dipartiment li jipprovdu valur għal konsumaturi jew b'mitigazzjoni jew bħala kumpens biex jagħmel tajjeb għal penalitajiet monetarji b'mod ieħor imħallsa. Aħna għamilna dan fil-passat, u nistgħu nagħmlu hekk fil-kuntest tal-prinċipji ta' port salv meta ċ-ċirkostanzi hekk jenħtieġu. Repetizzjoni ta' vjolazzjonijiet ta' Artikolu 41712 minn xi linja ta' l-ajru U.S. tqajjem ukoll mistoqsijiet rigward id-disposizzjoni għal konformità mil-linja ta' l-ajru li tista', f'sitwazzjonijiet egrarji, tirriżulta li linja ta' l-ajru tinstab li ma tkunx aktar tajba biex topera u, għalhekk, titlef l-awtorità ekonomika ta' l-operat tagħha. (Ara, DOT Ordnijiet 93-6-34, Ġunju 23, 1993,

u 93-6-11, Ġunju 9, 1993. Ghalkemm dan il-proċediment ma jinvolvix sezzjoni 41712, jirriżulta fir-revoka ta' l-awtorità ta' operat tat-trasportatur għal injorar sħiħ tad-disposizzjonijiet ta' l-Att Federali ta' l-Avjazzjoni, ftehim bilaterali, u r-regoli w ir-regolamenti tad-Dipartiment.)

Nispera li din l-informazzjoni hija ta' għajnuna. Jekk għandek mistoqsijiet oħra jew tkun teħtieġ aktar informazzjoni, nitolbok li tħossok liberu li tikkuntattjani.

Dejjem tiegħek

Samuel Podberesky

Assistent Kunsullier Ġenerali
għal Inforzament u
Proċedimenti ta' l-Avjazzjoni.

*ANNESS VII*

B'referenza għal l-Artikolu 1(2)(b), il-korpi governattivi ta' l-Istati Uniti awtorizzati biex jinvestigaw ilmenti u jakkwistaw kumpens kontra prattiċi inġusti u qarrieqa kif ukoll biex jakkwistaw sodisfazzjon għal individwi, irrispettivament mill-pajjiż ta' residenza jew in-nazzonjalità tagħhom, f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-Prinċipji implimentati bi qbil mal-FAQs huwa:

1. Il-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ, u

2. Id-Dipartiment tat-Trasport, U.S.

Il-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ taġixxi fuq il-bażi ta' l-awtorità tagħha permezz ta' sezzjoni 5 ta' l-Att tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ. Il-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ permezz ta' Artikolu 5 hija eskluża fir-rigward ta' banek, tfaddil u self u għaqdiet ta' kreditu; telekomunikazzjonijet u trasport inter-statali minn trasportaturi komuni, trasportaturi bl-ajru u dawk li jippakkjaw u operaturi ta' mħażen. Għalkemm l-industrija ta' l-assigurazzjoni mhix speċifikament inkluża fil-lista ta' eżenzjonijiet f'Artikolu 5, l-Att McCarran-Ferguson (1) iħalli r-regolazzjoni tan-negozju ta' assigurazzjoni f'idejn stati individwali. B'dana kollu, id-disposizzjonijiet ta' l-Att FTC japplika għall-industrija ta' l-assigurazzjoni sa dak il-limitu li dak in-negozju ma jkunx irregolat b'liġi ta' Stat. L-FTC żżomm l-awtorità residwa fuq prattiċi inġusti u qarrieqa minn kumpanniji ta' assigurazzjoni meta dawn ma jkunux involut fin-negozju ta' assigurazzjoni.

*The Department of Transportation U.S.* jaġixxi fuq il-bażi ta' l-awtorità tiegħu permezz ta' Titolu 49 tal-*United States Code* Artikolu 41712. Id-Dipartiment tat-Trasport U.S. jistitwixxi każi ibbażati fuq l-investigazzjonijiet tiegħu stess kif ukoll ilmenti formali w informali li jirċievi minn individwi, aġenti ta' l-ivjaġġar, linji ta' l-ajru, u aġenziji governattivi tal-U.S. u barranin.

---

(1) 15 U.S.C. § 1011 et seq.